**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 104 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Jonathan Grech**

**Omissis**

Illum 28 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jonathan Grech detentur tal-karta tal-identità numru 22481G, li flimkien ma' Omissis gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Awwissu 2018 ghall-habta ta' 4:00 ta' filghaxija, waqt li kienu qeghdin fil-bajja ta' Blue Lagoon, limiti ta' Kemmuna u/ jew fil-vicinanzi:

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kienu qeghdin rispettivament isuqu zewg opri tal-bahar u cioè bastiment kummercjali 'Sea

Adventure' bin-numru ufficjali 15586 u Dinghy tal-ERRC bin-numru ta' registrazzjoni S-22062 rispettivament habtu ma' xulxin, u involontarjament ikkagunaw offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Joseph Muscat li kien riekeb fuq id-dghajsa ta' ERRC bin-numru ta' registrazzjoni S-22062, li gie iccertifikata minn Dr. Katya Camilleri M.D. 4187 mill-Isptar ta' Ghawdex, u dan bi ksur tal-Artikoli 226 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Gunju 2020, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Omissis hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu u wara li rat Artikoli 226 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Jonathan Grech hati tal-akkuza migjuba kontrih u kkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jonathan Grech, ipprezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Lulju 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tillibera lill-esponenti mill-imputazzjoni u minn kull htija skont il-ligi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skont il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jonathan Grech huma s-segwenti u cioè:

Illi **fl-ewwel lok**, u prelimarjament, l-esponenti sejjer jaghmel certu osservazzjonijiet generali dwar is-sentenza li fl-umili fehma tieghu huma importanti li jittiehdu in konsiderazzjoni. Dawn l-osservazzjonijiet ghandhom bir-rispett juru kif l-gudizzju tal-Ewwel Onorabbli huwa wiehed bir-rispett skorrett, u jimmerita li jigi imhassar bl-esponenti jigi liberat. **Fit-tieni lok,** l-esponenti sejjer juri kif il-provi in atti fil-konfront tal-appellant ma jwasslux ghall-livell ta' prova necessarja sabiex tinstab htija fl-esponenti, u dan minhabba li jezisti dubju serju dwar id-dinamika tal-incident liema dubju ghandu necesarjament imur favur l-imputat. **Fit-tielet lok**, l-esponenti sejjer juri kif bir-rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-provi zbaljat li jirrendi is-sejbien ta' htija *unsafe and unsatisfactory.*

**A. <u>Preliminari – osservazzjonijiet dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>**

Illi l-esponenti umilment jissottometti bir-rispett, illi fl-ewwel lok, is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija wahda ta' min ifahharha mill-lat akkademiku in kwantu fiha gabra ta' gurispurdenza u dottrina minn awturi varji dwar is-suggetti varji relatati mal-proceduri odjerni. Tali sentenza infatti hija wahda voluminuza fejn gew trattati diversi punti akkademici.

Illi mandanakollu, u bir-rispett, l-esponenti umilment jikkontendi illi filwaqt li l-Ewwel Qorti uriet metikolozità liema bhalha meta trattat il-punti tad-dritt, l-istess ma jistax jinghad ghall-ezercizzju sussegwenti li wassal ghall-gudizzju. Tali dottrina u principji kopjuzi elenkati kellhom necessarjament jigu applikati ghall-provi in atti sabiex isir il-gudizzju skont il-ligi, izda l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel dan.

L-esponenti umilment jissottometti illi huwa edott mill-fatt li legalment l-Qorti ma hijiex marbuta li taghti motivazzjoni fis-sentenza, u n-nuqqas ta' motivazzjoni per se ma jgibx in-nullità tas-sentenza. Madanakollu, huwa edott ukoll mill-gurisprudenza tal-Qrati tal-Appell li ripetutament osservaw u kkritaw decizjonijiet tal-Qrati Inferjuri li ma kinux motivati. In oltre, l-Qrati tal-Appell diversi drabi rritenew ukoll li mhux il-kawzi sommarji kollha ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certu kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata l-importanza necessarja u dovuta lill-proceduri kif ukoll illi fl-ahhar ikun hemm motivazzjoni wara d-decizzjoni.

Jinghad bir-rispett illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti ddikjarat f'pagna 13 tas-sentenza li "*meta se tiddeciedi se timmotiva d-decizjoni taghha*", izda minn qari tas-sentenza jidher car li nonostante ciò l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel dan. Dan in-nuqqas huwa izjed lampanti tenut kont il-mod dettaljat, voluminuz u metikoluz li bih trattat l-gurisprudenza u d-dottrina, li jikkontrasta ferm mal-mod qasir u ekonomiku li bih l-Qorti fliet il-provi fil-konkluzjonijiet dwar ir-responsabbilità sabiex waslet ghall-gudizzju finali. Filwaqt li l-esponenti jiddikjara li jista' jkun oddjuz li wiehed jikkompara a bazi tat-tul, mandanakollu ma jistax ma jigix rilevat bl-akbar rispett li l-ezercizzju akkademiku dwar gurispurdenza u dottrina ha 46 pagna (minn total ta' 50 pagna), filwaqt li l-konsiderazzjoniijiet u l-konkluzjonijiet fuq il-mertu tal-kaz hadu 5 pagni.

Fid-dawl tal-premess, jigi rilevat bir-rispett li l-Ewwel Qorti naqset ukoll li tqis il-provi kollha, inkluz l-provi li jemergu mill-kontro-ezamijiet, kif ukoll l-mankanza ta' certu provi in atti, sabiex b'hekk imbaghad tapplika l-insenjamenti kollha citati minnha stess ghall-provi.

Konsegwentament, l-esponenti umilment jissottometti illi fil-kaz odjern, dan in-nuqqas, flimkien mal-fatt li certu osservazzjonijiet li saru mill-esponenti fin-nota ta' sottomissjonijiet gew injorati kompletament, wassal ghall-apprezament zbaljat tal-provi li konsegwentament wassal ghal sejbien ta' htija erronjament.

Nuqqas iehor li fl-umili fehma tal-esponenti jimmerita wkoll attenzjoni f'dan l-istadju huwa l-fatt li filwaqt li jidher l-Ewwel Qorti apprezzat u osservat il-principji legali li jitrattaw it-testimonjanza tal-ko-imputati[1], madanakollu, fl-ezercizzju taghha biex tghaddi ghall-gudizzju hija qabdet u attribwiet l-htija lill-esponenti bhala wiehed mill-ko-imputati, minghajr ma ghamlet analizi akkurata dwar jekk jezistux provi in atti li juru htija fil-konfront ta' kull ko-imputat separatament.

Jigi rilevat bir-rispett li, trattandosi ta' kawza fejn zewg persuni kienu qed jigu akkuzati fl-istess proceduri bl-istess reat, il-gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti ma ghandux ikun bazat fuq sempliciment ghazla bejn iz-zewg ko-imputati dwar min

---

[1] Fejn xiehda ta' ko-imputat hija inamassibli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor dwar l-istess proceduri.

ghandu jiehu l-htija. Il-Qorti f'kawzi simili ma hijiex obbligata bilfors li ssib htija fil-konfront ta' wiehed minnhom, izda trid taghmel zewgt ezercizzji separati u tara xi provi hemm fil-konfront ta' kull wiehed sabiex tghaddi zewg gudizzji fil-konfront ta' zewg ko-imputati f'sentenza wahda.

Fi proceduri simili, u b'mod specjali meta si tratta ta' reati involontarji, huwa facli li l-ko-imputat jaqbad u jipponta subghajh lejn il-ko-imputat l-iehor biex dak li jkun ibieghed ir-responsabilità minnu u jatribwixxi l-*culpa* lil terza persuna. Dan fl-ahhar mill-ahhar huwa simili ghall-argumenti li dejjem irrikonoxxew il-Qrati u l-legislaturi li gharfu l-perikolu serju ta' ingustizzja li jezisti meta xhud li jkun anke hu akkuzat jkollu interess personali li jfarfar jew inaqqas ir-responsabilità kriminali minn fuqu u jitfaghha fuq haddiehor, bl-iskop uniku li jew jigi skagunat jew altrimenti jiehu piena inqas: *"l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri"*[2].

L-ezercizzju tal-Ewwel Qorti però qatt ma kellu jsir skont il-paragrafu precedenti. Minflok, kellu jkun l-istess bhal ma jigri fil-proceduri fejn ikun hemm akkuzat wiehed biss, ossia li l-principji kardinali dwar l-evidenza u l-livell tal-prova applikabbli fil-kamp penali, jigu applikati ghall-provi kollha ammissibli fil-konfront ta' kull ko-imputat, sabiex tghaddi ghal gudizzju separat dwar kull ko-imputat. Dan ghandu jsir billi tara jekk jezistux provi sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li juru htija fil-konfront ta' kull imputat separatament, u mhux ssib htija awtomatikament fil-konfront ta' ko-imputat wiehed ghaliex l-ko-imputat l-iehor jigi liberat.

Fil-kaz odjern però jidher bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti dan l-ezercizzju ma ghamlitux, u minflok saret ghazla bejn wiehed miz-zewg imputati u giet allokata htija lilu, filwaqt li injorat kompletament u ghalkollox il-fatt li kien jezisti ko-imputat iehor fl-istess proceduri

Infatti filwaqt li fil-konkluzjonijiet l-Ewwel Qorti kkritikat (erronjament kif ser jigi muri izjed l-quddiem) l-agir tal-ko-imputat Jonathan Grech, wiehed isib vacuum

---

[2] Kwotata mis-sentenza **<u>R v Carmelo Cutajar ed altri,</u>** 18/01/1927, Kollez. Deciz. XXVI.iv.758, 760.

totali dwar l-agir tal-ko-imputat Mark Portelli daqslikieku mhux akkuzat u ma jridx isir gudizzju fil-konfront tieghu.

Kull ma nsibu biss huwa li l-Ewwel Qorti qed tehles lill-ko-imputat Mark Portelli, minghajr ebda analizi dwar l-agir tieghu, jew il-provi li hemm fil-konfront tieghu. Dan kollu huwa bir-rispett indikattiv ta' gudizzju skorrett fil-konfront tal-appellanti, specjalment meta mhux kontestat li l-kollizzjoni sehhet bejn s-Sea Adventure misjuqa mill-appellant u d-dinghy misjuqa minn Mark Portelli.

Fl-ahhar lok, ghall-kompletezza u sabiex jigi evitat kwalsiasi malintiz, l-esponenti huwa edott mir-regola procedurali li dikjarazzjonijiet u testimonjanza ta' ko-imputat ma jaghmlux prova fil-konfront ta' ko-imputat iehor, izda b'kull dovut rispett tali regola ma jfissirx li allura fil-gudizzju l-Qorti tinjora kompletament il-fatt li fl-istess incident kien hemm opra tal-bahar ohra (id-dinghy) tinstaq u li habtet (jew ahjar messet) mas-Sea Adventure u li x-xufier li kien qed isuq id-dinghy kien ukoll akkuzat u passabbli ghall-gudizzju.

Konsegwentament, wiehed ma jistax ma jirrilevax kif jekk l-ezercizzju li ppreceda l-konkluzjoni dwar l-htija kien wiehed bir-rispett, monk, *multo magis* ghandu jsegwi li l-konkluzjoni dwar il-htija fil-konfront tal-appellanti Jonathan Grech hija monka wkoll.

**B. <u>Il-provi in atti ma jwasslux ghal-livell ta' prova necessarja sabiex tinstab htija fl-esponenti</u>**

Maghmula l-osservazzjonijiet dwar kif il-gudizzju bir-rispett huwa fl-umili fehma tal-esponenti wiehed monk, l-esponenti umilment jirrileva li jekk wiehed jimbarka f'ezercizzju dwar xi provi tressqu u ma tressqux, sabiex jara jekk tali provi jistghux iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-appellanti, ghandu jirrizulta bir-rispett illi, il-provi kif prodotti mill-prosekuzzjoni ma jressqux sal-grad tal-prova rikjest mil-ligi biex jigi pruvat ir-reat ta' offiza gravissima involontarja.

Illi preliminarjament, jigi ribadit bir-rispett illi huwa zbaljat ir-ragunament semplicistiku li dan kien kaz klassiku ta' opra li qed tirriversja u ghax sehh l-incident, allura jahti awtomatikament l-operatur tal-bastiment li kien qed jirriversja.

Tali ragunament huwa wiehed bir-rispett perikoluz, ghaliex il-mument li wiehed jaddotta dak il-*forma mentis* wiehed awtomatikament jeskludi l-fatt li seta' kien hemm ragunijiet ohra li wasslu ghal dan l-incident.

Tenut kont iz-zona in kwistjoni li kif intwera fil-kawza[3], tinkorpora sia *fairway* kif ukoll *mooring area*, ghandu jkun palezi li jekk il-provi ma humiex univoci dwar id-dinamika u l-lok tal-incident, dan ghandu necessarjament iwassal ghal dubju favur l-appellanti.

Dan qed jinghad minhabba li c-cirkostanzi tal-kaz jistghu jaghtu lok ghal diversi xenarji li jorbtu maghhom responsabilitajiet diversi fuq operaturi diversi. Hekk per ezempju, jekk l-incident sehh fil-mooring area, zona fejn mhux permess li jsir navigar u fejn allura d-dinghy tal-ERCC ma kellux jidhol, allura jsegwi awtomatikament li l-appellanti qatt ma kellu jinstab hati. Jekk mill-banda l-ohra wiehed jargumenta li l-incident sehh fil-fairway anke hawn ghandhom jigu kkunsidrati diversi fatturi  fosthom id-domanda kif jista' jkun li l-operatur tad-dinghy ma jarax catamaran kbir daqs is-Sea Avdenture jaqla mill-blat u jimxi ghal gol-fairway.

Illi tenut kont il-premess, fl-umili fehma tal-esponenti huwa krucjali li wiehed jezamina bir-reqqa t-testimonjanza tax-xhieda, inkluz b'mod specjali il-kontro-ezamijiet, sabiex wiehed jara x'jirrizulta u ma jirrizultax mill-provi, jekk il-provi humiex univoci jew le, u jekk certu dikjarazzjonijiet ta' certu xhieda humiex affidabbli jew le.

L-esponenti ma jixtieqx jiddilunga billi joqghod jelenka u/jew jaghmel sommarju tal-provi li tressqu f'dawn il-proceduri. Mandanakollu, tenut kont tal-fatt li l-esponenti ma jaqbilx mal-konkluzzjonijiet dwar resposabilità milhuqa mill-Ewwel Qorti, huwa sejjer jelenka l-punti saljenti mill-provi in atti, sabiex filwaqt li juri kif l-provi ma jwasslux ghall-responsabilità kriminali, eventwalment fit-taqsima sussegwenti juza dawn l-istess punti biex juri kif l-konkluzzjonijiet raggunti mill-

[3] Permezz tan-Notice to Mariners No. 27 of 2018.

Ewwel Qorti dwar responsabilità huma bir-rispett bazati fuq apprezzament zbaljat tal-provi.

Il-provi in atti li jistghu jitfghu dawl fuq l-akkadut huma l-PIRS report tal-pulizija u l-affidavits rispettivi taghhom, il-parte civile Joseph Muscat, Claivon Marion Said li kien passigier fuq id-dinghy tal-ERCC, u certu David Saliba, kollega tal-ko-imputat Mark Portelli li ghalkemm ma kienx fuq id-dinghy tal-ERCC jghid li huwa innota l-bastiment tas-*Sea Adventure* miexi b'lura.

Apparti dawn ovvjament hemm ukoll il-verzjoni u t-testimonjanza tal-ko-akkuzat Mark Portelli. Izda, minhabba r-regoli procedurali li jiddettaw li testimonjanza tal-ko-akkuzat ma taghmilx prova fil-konfront tal-ko-akkuzat l-iehor fil-proceduri, l-esponenti ma huwiex ser jidhol fiha in kwantu d-dikjarazzjonijiet u x-xhieda tal-ko-imputat Mark Portelli hija inammissibli fil-konfront tal-appellanti.

L-imputat Jonathan Grech imbaghad offra d-deposizzjoni tieghu, u ressaq ukoll bhala provi in difeza rapprezentant ta' Transport Malta u certu David Bartolo. Dan tal-ahhar, ma huwiex kollega ta' Grech, izda huwa kompetitur tieghu involut ukoll fil-business tad-dghajjes tat-turisti.

L-esponenti ghalhekk sejjer jsemmi fil-qosor il-punti saljenti ta' dawn ix-xhieda sabiex juri kif fl-umili fehma tieghu tali provi ma jwasslux ghall-htija fil-konfront tieghu.

**<u>Joseph Muscat</u>**

Minn qari akkurat tal-ezami u l-kontro-ezami ta' dan ix-xhud fl-umili fehma tal-esponenti jirrizulta:

- li meta sehh l-incident, l-parte civile kien qieghed ihares lura jaghti l-life jackets lill-passiggieri abbord;
- li kien biss wara li hass l-ugigh f'subghajh li huwa hares u nduna li wegga' mal-ankra tas-Sea Adventure;
- li dwar il-horn, l-ghada tal-incident meta ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija, huwa ma jsemmix illi skont hu s-Sea Adventure ma daqqx il-horn, izda meta

jixhed viva voce, xhur wara l-incident jzid li l-horn ma ndaqqx, jew ahjar, ma semghux ghax forsi kien aljenat.

- li skont hu l-vjagg tad-dinghy kien ghadu fil-bidu nett, u li d-dinghy kien hiereg 'il quddiem; u
- li skont l-gharfien li ghandu hu tal-incident ma jistax jghid f'liema zona sehh l-impatt, i.e. jekk sehhx fil-mooring area jew fil-fairway, ghaliex ma jafx lanqas biss kemm kien 'il barra mill-blat is-Sea Adventure, jew minn fejn tibda u tispicca l-mooring area u l-fairway fiz-zona.

Konsegwentament, jigi sottomett bir-rispett illi filwaqt li tali xhieda tikkonferma li sehh l-incident u li l-incident sehh bejn id-dinghy tal-ERRC u s-Sea Adventure, madanakollu b'kull dovut rispett din l-istess testimonjanza ma hijiex bizzejjed biex tigi attribwita responsabilità kriminali lill-esponenti ghaliex il-provi fix-xhieda tieghu ma humiex univoci.

Jekk wiehed jidhol fid-dettal dwar x'jaf u ma jafx tali xhud, insibu li meta ta l-ewwel verzjoni tieghu lill-pulizija ftit zmien wara l-incident[4], Muscat qal li minhabba li malli telqet id-dinghy huwa kien ra li l-passiggieri kienu minghajr life jackets huwa kien meghdi jaghtihom il-life jackets, u anke ta struzzjonijiet li min kien qieghed bilqieghda fit-tarf tad-dinghy sabiex jpoggu sewwa fuq gewwa. Punt importanti fid-dikjarazzjoni tieghu hija li huwa jghid li ma jafx kif gara l-incident:

> *"Jien u naghmel dan nisma' tahbita qishom ta' Hadid gej minn dan is-sellum. Fejn x'hin harist rajt subghajja mifqugh. <u>Ezatt ma nafx x'gara però rajt id-dghajsa li fuqha kien hemm miktub Sea Adventure.</u>"*

Apparti minn hekk, jirrizulta bic-car li f'din il-verzjoni, il-parte civile ma jsemmi l-ebda allegazzjoni li kienet is-Sea Adventure li nvadiet il-*fairway* jew inkella li l-istess Sea Adventure allegatament irriversjat minghajr ma daqqet il-horn.

Quddiem l-Ewwel Qorti[5] l-parte civile mbaghad jixhed li:

---

[4] Vide PIRS report esebit DOK BSC1.
[5] 12 ta' Marzu, 2019.

*"Kien hemm emergenza ta' 3 pazjenti u mort nghin lil ERCC, ghabbejnihom fuq id-dinghy u ahna u hergin kont qed naghtihom, **kif ser naqilghu minn mal-moll**, qed naghtihom life jacket liz-zewg pazjenti minnhom, u kont qieghed wicci lura u hassejt daqqa go idejja, kont qed inzomm mal-pilastru n-naha ta' gewwa. U harist u sibt s-Sea Adventure kien qieghed iregga lura u laqatni b'xi haga ma nafx x'kienet."*

Minn dan il-kliem ghandu jirrizulta li l-incident sehh kif d-dinghy kienet ghadha ha taqla' minn mal-moll: "*kif ser naqilghu minn mal-moll*".

Dan huwa konfermat ukoll fit-tieni tesimonjanza tieghu[6]:

*"Avukat: Issa fi xhin sehh l-incident, fi hin inti weggajt subghajk, naqblu li d-dghajsa jew speedboat jew dinghy tal-ERCC kienet ghadha se titlaq mill-vjagg taghha?*

*Xhud: Iva."*

Dan il-fatt, fl-umili fehma tal-esponenti huwa importanti ghaliex juri li d-dinghy kienet ghadha kemm telqet minn mal-moll meta sehh l-impatt, meta skont hu s-Sea Adventure kienet qed tregga' lura.

Kwindi tenut kont iz-zona kif indikata f'Figure 1 tal-*Local Notice to Mariners*, biex sehh l-impatt daqshekk fil-bidu tal-vjagg tad-dinhgy[7], il-*buon sens* jiddetta li huwa inverosimili u improbabbli li l-impatt sehh fuq il-fairway li hija izjed 'il quddiem mill-jetty.

Fit-testimonjanza tieghu l-parte civile jaghmilha cara li huwa ma rax l-incident isehh u ma setax jarah minhabba li huwa kien wiccu lura.

Infatti huwa jghid li huwa skont hu ra lis-Sea Adventure ssuq b'lura xhin hares wara in segwitu ovvjament ghall-ugigh li hass meta ntlaqtet idu.

Ghall-kompletezza, huwa minnu wkoll illi kuntrarjament ghal dak minnu dikjarat lill-pulizija fil-PIRS report, fit-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti, l-parte civile jsemmi wkoll li skont hu s-Sea Adventure ma daqqx il-horn qabel ma bdiet miexja lura.

[6] 19 ta' Gunju, 2019.
[7] Tant li l-parte civile kien ghadu qed jaghti l-life jackets lill-passiggieri.

Madanakollu, apparti li dan huwa dettal gdid li hareg xhur wara quddiem il-Qorti, meta jerga' jixhed in kontro-ezami t-tieni darba[8], filwaqt li jerga' jtenni li l-horn skont hu ma semghux *"jien ma smajtux"*, però fl-ahhar jikkoncedi minn jeddu li:

> *"Issa forsi kont aljenat, forsi"*

Dan filwaqt li jitfa' dubju dwar jekk hux veru li l-horn allegatament ma indaqqx, juri li l-verzjoni tal-imputat Jonathan Grech li huwa daqq il-horn kif suppost ma tistax tigi eskluza ghaliex anke l-parte civile stess jikkoncedi li jista' jkun li ndaqq imma kien aljenat u ma semghux.

Dan ix-xenarju huwa wkoll probabbli tenut kont tal-fatt li l-parte civile stess jiddikjara illi huwa kien qieghed ihares lura (u allura mhux mohhu f'dak li qed jigri quddiemu) u mohhu fil-passiggieri li kienu abbord li telghu fuq dinghy u bdew il-vjagg taghhom minghajr *life jacket,* u allura ried jaghtihom il-life jacket u necessarjament ukoll jaghtihom struzzjonijiet biex jilbsuhom.

Dwar imbaghad il-post fejn sehh l-impatt, in kontro-ezami meta Joseph Muscat jigi mistoqsi:

> *"Jigifieri intom hergin dritt u s-Sea Adventure hierga right angles jew mexjin parallel?"*

Ix-xhud jirrispondi:

> *"Le, le, le. Ahna hergin 'l quddiem minn gol-fairway u s-Sea Adventure regga' lura".*

Joseph Muscat fl-ebda hin ma jghid li d-dinghy tal-ERCC biddlet xi direzzjoni. Kwindi l-manuvra li ghamlet id-dinghy kienet li telqet minn mal-moll u qatghet ghad-dritt.

Applikata din it-testimonjanza ghaz-zona in kwistjoni skont kif tidher fil-pjanta annessa mal-Local Notice to Mariners, wiehed jinduna li jekk ir-rotta li hadet id-dinghy kienet li imxiet 'il quddiem u qatghet ghad-dritt - *"hergin il-quddiem"* - minghajr ebda manuvra li l-ewwel jikser lejn ix-xellug biex jevita l-mooring area dan allura bilfors li spicca mess mal-ankra tas-Sea Adventure gewwa l-mooring area.

---

[8] Xhieda 19 ta' Gunju, 2019.

Dwar imbaghad fejn sehh ezattament l-impatt, u kuntrarjament ghal dak mill-Ewwel Qorti fil-konkluzjonijiet taghha, filwaqt li huwa minnu li Joseph Muscat quddiem l-Qorti jsemmi l-*fairway*, madanakollu minn qari tal-process kollu ghandu jirrizulta li din l-allegazzjoni dwar il-*fairway* ma tistax titqies bhala sufficjentament pruvata. Anzi, in kontro-ezami sahansitra johrog car li dan ix-xhud kien fl-impossibilità li jindika l-fairway bhala il-*point of impact.*

Fl-ewwel lok, jerga' jigi umilment sottolineat li meta Joseph Muscat ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija huwa ma semmiex li s-Sea Adventure hareg fuq il-fairway u/jew li l-impatt sehh meta d-dinghy tal-ERCC kienet fuq il-fairway.

Il-lok tal-impatt, jew ahjar l-allegazzjoni li d-dinghy kien fil-fairway fil-hin tal-impatt, huwa fattur tali li li kieku verament kien jezisti kien jissemma sa mill-bidu nett, izda haga tal-iskantament kemm Joseph Muscat kif ukoll minn Claivon Said, hadd minnhom ma jaghti dan id-dettal lill-pulizija *a tempo vergine*. Lanqas David Saliba, it-tielet xhud tal-prosekuzzjoni ma jsemmi li d-dinghy kienet fil-fairway fil-hin tal-impatt meta ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija. Hawn *non si tratta* ta' xi dettal insinjifikanti li wiehed jista' jikkoncedi li ma jissemmiex *a tempo vergine*.

Konsegwentament, il-fatt li ma ssemmiex fl-umili fehma tal-esponenti jimmerita favur t-tezi tal-esponenti li s-Sea Adventure kien ghadu fil-*mooring area* qed jimmanuvra biex jinqala' mill-blat meta sehh l-impatt.

Apparti minn hekk, tajjeb li jigi rilevat ukoll li f'pagna 5 tat-tieni testimonjanza tieghu, meta l-parte civile jigi mistoqsi dwar il-posizzjoni ezatta tas-Sea Adventure meta huwa intlaqat huwa jghid:

> *"Il-post ezatt ma nafx fejn".*

Meta mbaghad jigi rinfaccat b'dak li kien allega fl-ewwel testimonjanza tieghu fejn huwa kien qal li l-incident sehh fil-fairway jiddikjara li skont hu fil-fairway zgur ghax "*ahna mill-fairway nohorgu*", izda meta mbaghad jigi mistoqsi izjed dettal wiehed malajr jinduna li fil-verità dan ix-xhud qatt ma seta' jikkonferma li l-incident sehh fil-fairway.

Pass pass f' pagni 6 sa 9 tax-xhieda tieghu tad-19 ta' Gunju 2019 johrog car mit-testimonjanza tieghu li apparti l-fairway fiz-zona hemm ukoll mooring area riservata ghall-bastimenti kummercjali.

Di più, meta jigi mistoqsi jghid kemm hija kbira din il-mooring area huwa jghid li ma jafx ezatt, u lanqas ma jaf kemm tisporgi 'l barra mill-blat[9]. In oltre meta jigi mistoqsi dwar l-fairway u minn fejn tibda jew almenu jekk fihiex tul ta' dghajsa jew dghajsa u ftit, huwa jghid ukoll li ma jafx bl-ezatt.

L-avukat difensur tal-esponenti ma ghamilx dawn id-domandi ghaliex kien qed jistenna xi risposta matematika dwar id-dimensjonijiet u qisien tal-fairway u l-mooring area[10]. Madanakollu, dawn d-domandi u r-risposti rispettivi taghhom urew bic-car kif, bhal ma l-parte civile ma kienx f'posizzjoni li jindika u jiddistingwi bejn minn fejn tibda u tispicca l-mooring area, u minn fejn tibda u tispicca l-fairway, u ma kienx f'posizzjoni lanqas li jaghmel dan almenu b'indikazzjonijiet approssimattivi bhal ma nghidu ahna abbazi tat-tul tal-bastiment, *multo magis* allura ma seta qatt kien f'posizzjoni li jindika li l-kollizzjoni sehhet fil-fairway!!

Konsegwentament, b'kull rispett, konkluzjoni a bazi ta' tali xhieda li l-impatt sehh fil-fairway a bazi ta' din it-testmonjanza tkun konkluzjoni *unsafe and unsatisfactory.*

Fl-ahhar lok, u punt iehor li jikkonferma l-argument premess, huwa l-fatt li meta l-parte civile jigi mistoqsi kemm kienet harget 'il boghod mill-blat is-Sea Adventure meta sehh l-impatt huwa jghid li ma jafx:

> *Avukat: "……Fi xhin sehh l-incident u weggajt subghajk int ghidt li rajt is-Sea Adventure. Is-Sea Adventure f'posizzjoni li tghidilna kemm kienet harget 'il boghod mill-blat skont int?*
>
> *Xhud:* ***Ma nafx.***[11] *Naf li kienet qieghed hemmhekk u rrealizzajt….*
>
> ……

[9] Avukat: Issa, l-mooring area, tista' tghidilna mill-blat kemm hi twila? Xhud: Mill-blat il-barra? Ma nafx ezatt"

[10] Il-prosekuzzjoni ghazlet li ma taghmilx inkjesta u lanqas ma talbet li jinhatar perit biex jaghti d-distanzi, u d-difiza ma kinitx obbligata li titlob ghal perit hi sabiex timla l-vojt hi fil-provi tal-prosekuzzjoni. Se mai dan huwa nuqqas fil-provi tal-prosekuzzjoni li ghandu jimmilita favur l-appellanti.

[11] Sottolinear tal-esponenti.

*Xhud: Irrealizzajt li* *hbatna maghha*[12]. *Daqshekk. Jigifieri u anqas naf ma liema parti hbatt. Wara qauli li* *hbatna mal-ankra*.*"*

*Avukat: Mal-ankra. Orrajt. Jigifieri però m'intix f'posizzjoni li tghidilna jekk initx imxiet 'l barra mill-blat u kemm kienet imxiet l-barra mill-blat.*

*Xhud:* ***Ma nafx."***

Rinfaccat b'dawn ir-risposti, d-domanda awtomatika li tqum hija:

- Jekk ma jafx kemm hareg 'il barra mill-blat s-Sea Adventue, kif jista' jghid li allura s-Sea Adventure kienet fil-fairway, jew li l-impatt bejn id-dinghy u l-ankra tas-Sea Adventure sehh fil-fairway?

L-esponenti jaghmilha cara li huwa ma huwiex qed jaghmel dawn l-osservazzjonijiet sabiex jipprova jitfa' xi dell ikrah fuq il-parte civile, li quddiem il-Qorti f'nifs jghid li l-incident sehh fil-fairway izda mbaghad juri li effettivament qatt ma seta' jghid dan minhabba li lanqas biss jaf jekk s-sea Adventure imxietx il-barra mill-blat u kemm imxiet. L-esponenti jifhem li l-parte civile weggha gravament fl-incident u l-ahhar haga li jrid jaghmel huwa li jipprova jirredikolah, izda huwa qieghed jippuntwalizza is-segwenti sabiex juri kif certu prezunzjonijiet u konkluzjonijiet li wasal ghalihom (inkonxjament jew le), li ma qalhomx *a tempo vergine* izda ziedhom xhur wara, huma bir-rispett zbaljati u ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni biex tigi determinata l-htija o meno tal-esponenti.

Meta wiehed jara t-testimonjanza tieghu shiha, minflok ma jispezzettaha u jikkwota biss brani in izolament, u jghaddi sabiex japplika ghall-istess testimonjanza il-*buon sens* u l-logika huwa car li d-dikjarazzjoni tal-parte civile, (li del resto huwa stess jammetti sa mill-ewwel gurnata li ma rax l-incident isehh ghaliex kien ihares lura), li l-impatt sehh fil-fairway ma hijiex attendibbli.

Ghaldaqstant, ghandu jsegwi ukoll li b'kull dovut rispett li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li l- "*Ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway fil-mument tal-incident*" zgur ma hijiex puvata mit-testimonjanza ta' Joseph Muscat. Anzi tali xiehda se mai turi li

---

[12] Bl-uzu ta' tali kliem, anke x-xhud stess jikkoncedi fi kliemu stess li kienet id-dinghy li habtet mal-ankra u mhux s-Sea Adventure rriversjat ghal fuq d-dinghy.

Joseph Muscat ma huwiex f'posizzjoni li jindika fejn kienet id-dinghy fil-mument tal-impatt.

**Claivon Said**

Mix-xhieda ta' dan ix-xhud li kien abbord id-dinghy tal-ERCC, jirrizulta li l-istess bhal Joseph Muscat, huwa ma rax l-kollizzjoni issehh minhabba li ma kienx qieghed ihares 'il quddiem ghaliex kien okkupat johrog il-lifejackets biex jaghtihom lill-passiggieri. Infatti ghalkemm Said jipprova jasal ghal certu prezunzjonijiet huwa però fl-istess hin jaghmilha cara li ma kienx qed ihares, u in kontro-ezami johrog car li huwa ma kienx f'posizzjoni li jghid f'liema parti fiz-zona sehhet il-kollizzjoni bejn iz-zewg opri tal-bahar.

Madanakollu fatt li jitfa' dawl fuq l-akkadut huwa l-fatt li Said jghid li mal-impatt huwa ra l-ankra tiela' 'l fuq:

*"nara l-ankra tas-Sea Adventure thokk mad-dghajsa taghna u tiela' 'l fuq"*

*"inhares lura u nara l-ankra tiela"*

*"U xhin habtet maghna kienet ghadha tiela 'l fuq"*

Kwindi filwaqt li ghal darb'ohra tramite dan it-tieni xhud, kuntrarjament ghal konkluzjoni tal-Qorti li l-impatt sehh fil-fairway, ma jistax jirrizulta pruvat f'liema zona sehh l-impatt, però, fl-umili fehma tal-esponenti l-fatt li Said jghid li ezatt wara l-impatt huwa ra l-ankra ghadha tiela, juri li l-bastiment Sea Adventure ma setax kien hareg hafna 'l boghod mill-blat fil-mument tal-impatt ghaliex kien ghadu fl-istadji inizjali tieghu biex jaqla' minn mal-blat.

Dan id-dettal dwar l-ankra ghadha tiela', ikompli isahhah t-tezi tal-esponenti stess, zgur almenu sal-grad tal-probabli, li meta sehh l-impatt huwa kien ghadu qed jimmanuvra lill-bastiment biex johrog minn mal-moll, billi jtella' l-ankra, u jregga' ftit 'il quddiem u lura sa xhin jaqla' l-hbula minn quddiem u wara, u konsegwentament, kien ghadu fil-mooring area.

Fl-ahhar lok, ghandu jigi puntwalizzat ukoll illi kif digà gie rilevat iktar 'il fuq, meta ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija ftit wara l-incident huwa fl-ebda hin ma jsemmi l-

kwistjoni tal-fairway jew inkella li s-Sea Adventure allegatament kien irriversja minghajr ma daqq il-horn.

**David Saliba**

Dan ix-xhud ma kienx fuq id-dinghy tal-ERCC izda mill-PIRS report jirrizulta li huwa kien indikat minn Mark Portelli meta dan tal-ahhar mar jaghti l-verzjoni tieghu lill-pulizija l-ghada tal-incident. Dan l-istess xhud kien jahdem mal-ERCC u huwa kollega tal-imputat Mark Portelli.

Filwaqt li dan ix-xhud jidher li ta hafna informazzjoni sia meta tkellem mal-pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti u jidher car ukoll li ried jatribwixxi r-responsabilità fuq l-appellanti, madanakollu, jekk wiehed janalizza fid-dettal tali xiehda, fl-umili fehma tal-esponenti ghandu jirrizulta li hemm dubji serji dwar kemm tali xhieda tista' twassal ghall-htija fil-konfront tal-appellanti.

David Saliba jirrakkonta li:

> *"…Kif kont qed niccekja nara d-dghajsa taghna hierga u s-Sea Adventure qed issuq b'lura fuq id-dghajsa taghna. Hekk kif grat il-kollizzjoni d-dghajsa taghna saqet aktar malajr u telqet l-isptar. Id-dghajsa taghna kienet bil-blue lights u ma smajt xejn sound signals u hekk."*

Meta mbaghad jigi mistoqsi izjed dettalji però huwa jghid li minn fejn kien kien hemm 'il boghod u li ma setax jara l- *"injuries u d-damage mad-dghajsa"*. In oltre, lanqas seta' jara *"fejn kienu in-nies bilqieghda"*.

Mill-banda l-ohra però, haga tal-iskantament, ghalkemm minn fejn kien ma setax jara fejn kienu n-nies bilqieghda fuq id-dinghy, (opra tal-bahar kompletament miftuha) jghid li huwa kien jaf min kien qed isuq is-Sea Adventure, u jindika lill-imputat Jonathan Grech. Dan però go bastiment Catamaran fejn il-kabina tieghu hija maghluqa, u fejn skont Joseph Muscat[13], f'nofs Awwissu fl-4 ta' wara nofsinhar meta jkun ha jitlaq minn Kemmuna, l-istess bastiment ikun mimli daqs bajda bit-turisti liema bastiment jghabbi iktar minn mitejn ruh.

---

[13] Pagna tax-xiehda tieghu tad-19 ta' Gunju, 2019.

Meta mbaghad jigi mistoqsi in kontro-ezami mill-avukat tal-ko-imputat Portelli f'liema parti d-dghajsa tal-ERCC intlaqtet huwa jghid biss *"Fuq l-istar board. Fuq ir-right"* minghajr ma jkun kapaci jaghti dettalji ulterjuri.

Ovvjament, jekk ma rax l-incident huwa facli li jikkonkludi li tenut minn fejn telaq id-dinghy u fejn kien ankrat is-Sea Adventure, jekk kien hemm kolizzjoni l-hsarat mad-dinghy kienu ser ikunu fuq in-naha tar-right tad-dinghy. Li ma semmiex però dan l-istess xhud, li suppost minn fejn kien ra l-kollizzjoni skont hu, hu li l-kollizzjoni ma sehhetx bejn iz-zewg opri tal-bahar izda bejn il-frame tad-dinghy fejn Joseph Muscat kellu idejh u l-ankra tas-Sea Adventure.

Il-fatt li l-kollizzjoni mal-ankra tas-Sea Adventure tissemma minn Claivon Said li jixhed li ra l-ankra ghadha tiela, izda David Saliba li tela' jixhed ghaliex suppost ra l-incident, ma jsemmihiex meta mistoqsi specifikament dwar il-habta.

Dan kollu fl-umli fehma tal-esponenti juri bir-rispett li jezistu dubji dwar jekk hux vera ra l-incident jew inkella jekk huwiex xhud attendibbli.

Punt iehor li jkompli jzid il-punti interrogattivi fuq jekk hux vera ra l-akkadut jew le, huwa l-fatt li meta gie mistoqsi mill-ispettur dwar kemm kien hemm nies fuq id-dghajsa taghhom tal-ERCC, huwa jaghti risposta zbaljata u jghid li kien hemm 5 b'kollox, meta Claivon Said jghid li kien hemm 7 b'kollox[14].

L-esponenti bir-rispett jikkontendi li jekk veru kif allega l-istess Saliba huwa kien qed jiccekja fiex waslu l-pazjenti ghax id-dghajsa kienet ser titlaq u kien daqshekk attent ghal li kien qed jigri, ghall-mistoqsija dwar kemm kien in-numru tal-passiggieri abbord kellu jirrispondi korrettament. Kellu jkun jaf li mal-pazjenti telghu wkoll zewg familjari taghhom.

B'kull dovut rispett, huwa facli li wiehed jallega li ra incident u li ra bastiment skont hu jirriversja fuq dinghy, izda jekk mbaghad fuq id-dettalji jirrispondi li ma jistax

[14] Pagna 3 tax-xiehda tieghu tat-12 ta' Marzu 2019: *B'kollox kien hemm jiena, Mark Portelli d-driver, kien hemm Joseph ta' Transport Malta u mbaghad kellna zewgt pazjenti ohra. Wiehed minnhom kien sejjer ghall-ambulanza u l-iehor kien habib tieghu imma ma kienx daqshekk serju. Ma kellux bzonn l-ambulanza. U mbaghad kien hemm tnejn ohra, relatives taghhom. So b'kollox konna sebgha (7) fuq id-dghajsa.*

jaghti tali dettal, jew sahansitra jaghti dettalji hziena, dan juri li t-tesimonjanza ma tistax tkun wahda attendibbli.

Dwar il-horn tas-Sea Adventure, huwa minnu li dan ix-xhud jghid li skont hu "*ma smajt xejn*[15] *bhala sound signals u hekk*". Però, apparti l-kwistjoni imqajma supra dwar in-nuqqas ta' attendibilità ta' dan l-istess xhud, ta' min jippuntwalizza wkoll kif in kontro-ezami fuq domanda tal-avukat tal-ko-imputat Mark Portelli huwa jikkoncedi d-dubju in kwantu ghalkemm l-ewwel jghid li minn fejn ikun il-horn jisimghu, imbaghad kwazi kwazi jikkoregi lilu nnifsu u jghid li mhux dejjem jirnexxielu jisimghu imma li "gieli" jisimghu:

*"Avukat: U minn fejn tkun is-soltu tisimghu kieku kellu jdoqq il-horn?*

*Xhud: Iva.*

*Avukat: Tisimghu*

*Xhud:* ***Gieli*** *nisimghu."*

Dan kollu, fid-dawl anke ta' dak li ddikjara u kkonceda Joseph Muscat wkoll fil-kontro-ezami tieghu fejn iddikjara li ma semax il-horn ghaliex "*issa forsi kont aljenat*"[16], fl-umili fehma tal-esponenti juri kif dak li dejjem allega l-imputat Jonathan Grech sa minn dakinhar stess tal-incident, ossia li huwa daqq il-horn kif suppost ma jistax jigi eskluz mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, anzi hemm dubju, liema dubju, fid-dawl tad-dikjarazzjoni u l-affermazzjoni ta' Grech ghandu jmur favur l-imputat Grech.

Fl-ahhar lok, minghajr pregudizzju ghall-attendibilità tax-xhud Saliba, rigward imbaghad id-dinamika tal-incident, huwa interessanti kif appati li l-istess bhala Joseph Muscat u Claivon Said *a tempo vergine*, meta jaghti l-verzjoni lill-puzlija, huwa ma jsemmi fl-ebda hin il-fairway, jew li d-dinghy kien miexi fuq il-fairway, l-istess xhud meta mistoqsi specifikatament biex jikkonferma li d-dinghy tal-ERCC kien ghaddej minn fuq il-fairway *(minkejja li t-transcripts jghidu Fairway (minkejja li t-trascript jghid fareway)* huwa l-ewwel jirrispondi u jghid li d-dinghy tal-ERCC:

---

[15][15] N.B. L-uzu tal-kliem huwa li "jiena ma smajtx" mhux s-Sea Adventure ma daqx il-horn.
[16] Pagna 10 tat-testimonjanza tieghu tad-19 ta' Gunju, 2019.

*"Kien ser jitlaq minn mal-pontun u kien se jzomm mal-istar board side*[17] *tal-fairway."*

B'lealtà lejn l-Qorti, huwa minnu wkoll li infaccat b'din ir-risposta, in kontro-ezami mill-avukat tal-ko-imputat Portelli huwa jerga' jigi mistoqsi *"Jigifieri kien ghaddej minn fuq il-fairway dak il-hin" (minkejja li t-trascript jghid fareway)*, u ix-xhud eventwalment jirrispondi "*Iva.*"

Madanakollu, u strettament minghajr pregudizzju ghal kwistjoni dwar jekk wiehed ghandhux izomm fuq dan ix-xhud biex tigi determinata l-htija o meno, jekk wiehed ipoggi l-ewwel deskrizzjoni ta' fejn allegatament kien d-dinghy ghal fuq Figure 1 tal-*Local Notice to Mariners*, wiehed jista' facilment jaqbel allura mat-tezi tal-imputat Jonathan Grech li d-dinghy dahal fil-mooring area u kien hemm li sehh l-impatt mal-ankra tas-Sea Adevntue li kienet ghadha tiela' ghaliex kien ghadu qed jigi manuvrat l-bastiment biex johrog minn mal-moll.

In oltre, l-istess xhud jghid ukoll li d-dinghy ma ghamel l-ebda manuvra biex jevita l-bastiment.

Fl-ahhar lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk dan ix-xhud ser jinghata affidabilità, wiehed ma jistax ma jsemmix il-fatt li David Saliba, sia fil-verzjoni lill-pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti, jallega li huwa ra lis-Sea Adventue allegatament ssuq b'lura fuq id-dinghy.

Dan il-punt, jekk emmnut, fl-umili fehma tal-esponenti jqajjem zewgt opzjonijiet dwar kif sehh l-incident li kollha kemm huma juru li l-appellanti ma ghandux jinstab responsabbli tal-incident:

- Jekk David Saliba minn fuq il-blat allegatament ra s-Sea Adventure issuq b'lura, *multo magis* li x-xufier tad-dinghy li kien iktar qrib u bil-vizwali tieghu mhux ostakolata, jekk kien prudenti fis-sewqan, kellu wkoll jara s-Sea Adventure ssuq b'lura u jevitaha, u l-fatt li ma evitahiex ifisser necessarjament li allura x-xufier tad-dinghy ma kellux *proper lookout*.

[17] In-naha tal-lemin. Ix-xhud stess jispjega iktar qabel li starboard side tfisser "*fuq ir-right*".

Il-buon sens jiddetta li jekk is-Sea Adventure kien vizibbli hu u jirriversja ghal David Saliba, daqstant iehor kellu jkun vizibbli ghal Mark Portelli.

- Altrimenti, jekk wiehed jirrifjuta tali tezi, tkompli tissahhah it-tezi tal-imputat li mhux veru li l-bastiment Sea Adventure rriversja ghal fuq il-fairway, izda kien d-dinghy tal-ERCC li nstaq ghad-dritt minn gol-mooring area, u resaq qrib wisq is-Sea Adventure li dak il-hin kienet ghadha qed ittella' l-ankra u timmanuvra biex tinqala' minn mal-blat, u kien f'dak il-hin li l-frame tad-dinghy messet bi zbrixx mal-ankra. Din il-verzjoni fl-ahhar mill-ahhar hija wkoll korroborata minn nuqqas ta' hsarat fiz-zewgt opri tal-bahar. Altrimenti kieku s-Sea Adventure saq ghal fuq id-dinghy kieku l-impatt kien ikun differenti u ikbar, u l-hsarat kienu jkunu ikbar u jigu fuq d-dinghy mhux sempliciment kuntatt (ghalkemm sfortunatament xorta wahda wassal ghal griehi gravi fuq il-passiggier) bi zbrixx bejn il-frame u l-ankra.

Filwaqt li l-esponenti jtenni li dan huwa dak li sehh, ossia li kienet id-dinghy li nstaqet gol-mooring area qrib hafna tas-Sea Adventure, però anke jekk wiehed ikollu ghall-grazzja tal-argument jaccetta t-tezi ta' David Saliba, dan xorta wahda juri responsabilità fuq Mark Portelli li ma rax *what was in plain view.*

**<u>L-imputat Jonathan Grech</u>**

Apparti li Jonathan Grech ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija dakinhar stess tal-incident filghaxija, fejn huwa tenna sa mill-bidu nett illi huwa daqq il-horn li sejjer estern u li xhin kien ser jirriversja baqa' diehel go fih d-dinghy tal-ERCC, Jonathan Grech offra d-deposizzjoni tieghu ukoll quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

F'din it-testimonjanza l-esponenti jispjega kif huwa jidhol bil-bastiment tieghu mal-blat bil-quddiem, u kif jorbot fuq quddiem u wara tad-dghajsa. Fuq quddiem jghid li ghandu habel wiehed u katina ta' ghoxrin pied minhabba l-piz tad-dghajsa, u fuq wara ghandu habel li fih 2 metri biss, liema habel ta' wara allura juri li huwa ma jkunx jista' jmur hafna b'lura ghax limitat b'distanza ta' 2 metri habel.

Spjega wkoll kif huwa daqq il-horn tlett darbiet kif suppost, u jispjega kif hemm procedura li huwa jaghmel biex il-bastiment jirriversja biex jitlaq minn mal-moll, fejn

l-ewwel jnehhi l-habel ta' quddiem u necessarjament titla' l-ankra, u l-bastiment jigi ftit loose, imbaghad ikun ghad fadal li jinhall l-habel ta' wara u dan isir bl-ghajnuna tal-crew tieghu li jitfa' l-habel biex ma jaqbadx gol-iskrun. F'dan il-process biex imur estern, il-bastiment ikun sejjer ftit lura u ftit 'il quddiem biex jinhall sakemm imbaghad ikun jista' jikser.

Minn din id-deskrizzjoni ghandu jirrizulta, li din il-procedura biex il-bastiment jinqala' minn mal-moll, ma hijiex wahda semplici jew ta' ftit sekondi bhal ma jigri b'xi karozza jew opra tal-bahar zghira fejn sempliciment iddahal ir-reverse u timxi b'lura ghad-dritt f'daqqa wahda.

In oltre, huwa jispjega wkoll kif ma setax imur daqshekk lura kif allegat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ghaliex huwa kien ghad fadallu l-habel ta' wara u jekk jimxi lura l-istess habel jigi taht il-bastiment u jithabbel mal-iskrun.

Din id-deskrizzjoni turi wkoll illi huwa inverosimili li dawn il-manuvri setghu saru fil-fairway.

Infatti, rigward imbaghad l-allegazzjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li l-bastiment kien fil-fairway fil-hin tal-impatt, l-esponenti jichad kategorikament din l-allegazzjoni. Anzi meta jigi mistoqsi kemm kienet il-boghod mill-blat is-Sea Adventure fil-hin tal-impatt, l-istess imputat jikkonferma li meta sehh l-impatt il-bastiment kien 'il boghod mill-blat qisu t-tul ta' bejn il-pedana tax-xhieda u l-post tal-avukat difensur fl-awla tal-Qorti (Ghawdex).

Fl-ahhar nett, u b'referenza ghall-horn, apparti li dan huwa dettal li huwa semma *a tempo vergine* dakinhar tal-incident, minghajr ma kien assistit mill-avukat tieghu u minghajr ma kien inghata l-ebda *discolure*[18], huwa kien konsistenti u tenna ghal iktar minn darba, anke meta pressat in konro-ezami li huwa l-horn daqqu kif suppost. Huwa jtenni infatti:

> *"Ahna dejjem indoqqu l-horn, tlett darbiet lura"*
>
> *"daqqejt il-horn tlett darbiet"*

---

[18] Anke ghaliex il-pulizija kienet ghadha ma haditx il-verzjoni tal-vittma u tal-ko-imputat l-iehor.

*"dejjem daqqejtu l-horn"*

*"Meta inkun ha nitlaq indoqq tlett darbiet estern"*

*"dazgur li daqqejt il-horn"*

*"Mela! Dazgur li daqqejt il-horn, nerga' nghidlek, daqqejt il-horn tlett darbiet"*

**<u>David Bartolo</u>**

L-ahhar xhud li xehed f'dawn il-proceduri kien xhud imressaq mid-difiza li huwa David Bartolo. Dan ma huwiex kollega tal-imputat Jonathan Grech, izda jahdem b'dghajsa tat-turisti huwa wkoll go Kemmuna.

Bartolo bazikament jikkonferma li huwa kien sema' lis-Sea Adventure jddoqq il-horn, u jikkonferma wkoll illi l-impatt sehh meta s-Sea Adventure kienet ghadha qed timmanuvra biex tinqala' minn mal-blat.

Meta mbaghad jigi mistoqsi dwar fejn kienet id-dinghy tal-ERCC filwaqt li ghall-korrettezza huwa minnu li ghal bidu jghid li "*Iva, fil-fairway kien*" ghax skont hu "*Hemmhekk fairway hemm, ma tistax taqbez il-fairway*", meta imbaghad jigi muri *Figure 1* tal-*Local Notice to Mariners* esebita in atti, u allura jikkonferma li hemmhekk mhux fairway biss hemm imma hemm zoni ohra, imbaghad jikkonkludi li ma jistax jghid jekk id-dinghy kinitx gol-fairway jew inkella gol-commercial area.

Maghmul dan ir-rendikont l-esponenti umilment jissottometti illi mill-provi tal-prosekuzzjoni, jirrizulta li hemm dubju serju dwar ir-responsabilità tal-esponenti dwar l-incident. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li minn certu xhieda johrog element qawwi ta' inaffidabilità dwar dettalji krucjali bhal ma huwa l-lok fejn sehh l-impatt, liema inaffidabilità thalli vojt kbir dwar dan id-dettal, hemm dubji wkoll dwar il-horn tas-Sea Adventure sorrett mill-fatt li Said u Muscat ma jsemmux dan in-nuqqas *a tempo vergine*, kif ukoll li fil-kontro-ezamijiet jirrizulta li dak li dejjem iddikjara Jonathan Grech sa minn ftit sighat wara l-incident, ossia li huwa daqq il-horn tlett darbiet, ma jistax jigi eskluz.

Dan kollu flimkien mal-osservazzjonijiet kollha elenkati supra juri kif l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-

appellanti, u minflok hemm dubji serji liema dubji ghandhom necessarjament imorru favur l-appellant.

C. **<u>Apprezzament tal-provi zbaljat li jirrendi is-sejbien ta' htija *unsafe and unsatisfactory*</u>**

L-esponenti umilment jissottometti illi l-provi kif analizzati fid-dettal fit-taqsima precedenti juru bir-rispett kif l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Dan qed jinghad ghaliex il-provi in atti qatt ma setghu iwasslu ghall-konkluzjonijiet li lahqet l-Ewwel Qorti dwar ir-responsabilità.

F' pagni 47 u 48 tas-sentenza l-Ewwel Qorti telenka 6 fatti li a bazi taghhom eventwalment tikkonkludi li l-appellanti huwa hati. L-esponenti sejjer jelenkom wahda wahda u jirribatti kull konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex juri kif is-sentenza ta' htija fil-konfront tal-esponenti hija wahda *unsafe and unsatisfactory.*

i). Fl-ewwel punt, il-Qorti tghid li mill-fatti jirrizulta li s-Sea Adventure naqas milli jaghmel sinjali rekwiziti li jindikaw li hu kien qed isuq b' lura. Izzid ukoll li x-xhieda kollha hlief dik tal-imputat Grech stess u ghax-xhud David Bartolo kollha xehdu li ma semghu ebda hornijiet li jindikaw li kien sejjer b'lura.

L-esponenti però b'kull dovut rispett umilment jissottometti li huwa ma jaqbilx ma' din il-konkluzjoni.

L-Ewwel Qorti b'kull rispett injorat ghalkollox il-fatt li Claivon Said u Joseph Muscat it-tnejn, meta taw il-verzjoni taghhom ftit zmien wara l-incident, ma qalux lill-pulizija li huma allegatament ma semghux il-horn.

Di più, ghalkemm hargu b' din l-informazzjoni l-ewwel darba quddiem il-Qorti, xhur wara l-incidenti, in kontro-ezami jidher car li tali informazzjoni li taw viva voce quddiem il-Qorti xorta wahda ma tilhaqx il-livell tal-prova rikjest mil-ligi. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li Joseph Muscat in ezami jtenni li l-horn skond hu ma semghux *"jien ma smajtux"*, però fl-ahhar jikkoncedi minn jeddu li *"Issa forsi kont aljenat, forsi"*.

Dan juri certu dubju u a bazi tieghu zgur ma jistax jigi konkluz li allura l-horn ma ndaqqx. Anzi, tenut kont dak li dejjem allega l-appellant sa mill-bidu nett, ossia li huwa l-horn daqqu u daqqu tlett darbiet, ghandu jirrizulta pruvat zgur sal-livell tal-probabbli li l-horn effettivament indaqq. Fl-ahhar mill-ahhar wiehed ma jridx jinsa' wkoll il-fatt li dan l-istess xhud jiddikjara li huwa kien aljenat jaghti l-life jackets lill-passiggieri u anke jghid lil wiehed minnhom jinzel minn fuq il-parti ta' barra u jpoggi fuq gewwa biex ma jaqax il-bahar – kwindi il-fatt li huwa ghalih ma semghux ghaliex forsi kien aljenat ma jfissirx awtomatikament li però l-horn ma ndaqqx.

Claivon Said imbaghad dwar il-horn specifikatament ma jghid xejn hlief li meta jigi mistoqsi in generali jekk l-opra l-ohra (ghas-Sea Adventure) ghamiltx xi sinjal, huwa jirrispondi biss li *"jiena ma smajt xejn, ma rajt xejn".*

L-istess bhal Muscat però anke dan ix-xhud kien aljenat ghaliex huwa kien qed ihares lura u mhux 'il quddiem u jghid li kien qed johrog il-lifejackets mill-compartment minn quddiem tad-dghajsa, u skont hu nduna bl-incident wara li sema' d-daqqa tal-ankra mad-dinghy.

Fil-konfront imbaghad ta' David Saliba, l-esponenti jaghmel umili referenza ghall-aggravji li digà tressqu izjed il-fuq dwar l-kredibilità u l-affidabilità tieghu. Madanakollu, ghall-kompletezza, l-esponenti bir-rispett ma jistax ma jikkumentax fuq il-fatt li ghalkemm jallega li ra l-incident isehh, huwa kien zbaljat dwar in-numru ta' passiggieri li kien hemm abbord id-dinghy tal-ERCC, meta gie mistoqsi dwar fejn kienu bilqieghda il-passiggieri ma kienx kapaci jirrispondi, meta gie mistoqsi dwar fejn sehh l-impatt bejn id-dghajjes jghid biss l-ovvju, ossia li man-naha tar-right, izda haga tal-iskantament ma rax l-ankra ghadha kif semma Claivon.

Fl-ahhar lok, rigward l-horn tas-Sea Adventure, filwaqt li huwa minnu li dan ix-xhud jghid li skont hu *"ma smajt xejn*[19] *bhala sound signals u hekk".* Però, l-fatt interessanti tal-uzu tal-kliem fejn qed jallega li hu ma sema' xejn u mhux li s-Sea Adventure ma daqqx il-horn, ta' min jippuntwalizza wkoll kif in kontro-ezami fuq domanda tal-avukat tal-ko-imputat Mark Portelli (u mhux tal-appellanti) huwa

---

[1919] N.B. L-uzu tal-kliem huwa li "*jiena ma smajtx*" mhux s-Sea Adventure ma daqx il-horn.

jikkoncedi d-dubju. Infatti ghalkemm l-ewwel jghid li minn fejn ikun il-horn jisimghu, imbaghad kwazi kwazi jikkoregi lilu nnifsu u jghid li mhux dejjem jirnexxielu jisimghu imma li "*gieli*" jisimghu:

*"Avukat: U minn fejn tkun is-soltu tisimghu kieku kellu jdoqq il-horn?*

*Xhud: Iva.*

*Avukat: Tisimghu*

*Xhud: **Gieli** nisimghu."*

Din fl-umili fehma tal-appellanti turi kif id-dikjarazzjoni tal-imputat li huwa daqq il-horn tlett darbiet lanqas qed tigi meruta minn dan ix-xhud.

ii). Fit-tieni punt, l-Ewwel Qorti tikkritika lill-appellanti ghal fatt li ghalkemm huwa kellu l-impjegati li kienu qed jarawlu huwa naqas li jipproducihom.

L-esponenti umilment jikkontendi illi huwa principju bazilari li l-imputat ma huwa obbligat u tenut jipprova xejn, izda hija l-prosekuzzjoni li l-ewwel u qabel kollox trid tipprova l-kaz taghha. L-imputat jekk irid jista' jressaq il-provi tieghu u jekk jaghmel dan huwa bizzejjed li huwa jressaq provi sal-grad tal-probabbli. Però bir-rispett huwa ingust u skorrett li ghaliex ma jgibx ix-xhieda hu, imbaghad minn fuq jigi kkritikat u kkastigat.

L-esponenti ma jridx jonqos mir-rispett lill-Ewwel Onorabbli Qorti, però ma jistax ma jistaqsix kif, jekk ghaliex il-proceduri inqaghtu f'hames seduti, il-Qorti fis-sentenza kkritikat dan id-dewmien ghaliex ippretendiet li tali kawzi kellha tinqata' f'zewgt seduti massimu, kemm izjed allura kien ser jigi kritikat l-appellant li kieku talab differiment ta' xhur sa xhin jkunu lura Malta l-*crew* tal-bastiment li jkunu prezenti Malta biss matul ix-xhur tas-sajf?

Apparti minn hekk, jigi rilevat bir-rispett li kellha tkun il-prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha li jistghu jitfghu dawl fuq l-akkadut, izda dan ma ghamlitux. Mhux biss ma ghamlitux talli lanqas hasset il-htiega li titlob li ssir inkjesta u/jew almenu tigbor l-ismijiet tan-nies li setghu raw l-incident. Wisq anqas ma talbet li jinhatar espert marittimu jew perit sabiex jixhed u jirrelata dwar iz-zona marittima in kwistjoni.

Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tressaq il-provi kollha, kemm favur kif ukoll kontra l-imputat izda dan ma sarx.

Fl-ahhar lok, l-esponenti jaghmel umili referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **il-Pulizija vs Taddeo Borg**, deciza nhar l-14 ta' Jannar, 2011, fejn ghalkemm il-Qorti tal-Appell ukoll kienet uriet li hija ma kinitx konvinta mill-veridicità tax-xiehda tal-imputat hija xorta wahda illiberat lill-imputat minhabba nuqqas ta' provi. F'din is-sentenza l-Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant u rriteniet li:

> *"Il-Qorti wkoll tistqarr li ma hix ghal kollox konvinta' dwar il-veridicita' ta' dak kollu li xehed l-imputat izda anki jekk tigi skartata x-xhieda tieghu bhala inaffidabbli l-Qorti ma tistax' timla' l-vojt fil-provi li imbghad jirrizulta b'kongetturi u spekulazzjoni da parti taghha.*
>
> *Tenut kont li l-istat tal-provi hu dak li hu u li ma setghu qatt iwasslu ghall-prova minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat il-Qorti hi tal- fehema li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex iwassluha sabiex tilqa' l- aggravju tal-appellant u tirrevoka s-sentenza appellata."*

*Multo magis*, allura fil-kaz odjern, ma ghandhiex tigi attribwita responsabilità kriminali lill-appellanti ghaliex naqas li jtella l-impjegati li kienu qed jarawlu fuq wara!

iii). Osservazzjoni ohra li ghamlet l-Ewwel Qorti bhala konsiderazzjoni biex waslet ghall-htija tal-appellanti huwa l-fatt li filwaqt li l-appellanti xehed li huwa kellu l-cameras fuq il-bastiment huwa naqas li jressaq il-filmati tal-akkadut biex jikkonfermaw dak li xehed hu. L-Ewwel Qorti kompliet ukoll li filwaqt li l-imputat ma jrid jipprova xejn però skont hi la ta verzjoni ried isahhah il-verzjoni tieghu bil-provi.

L-esponenti però b'kull dovut rispett umilment jissottometti illi hawn l-Ewwel Qorti kienet skorretta ghalkollox fir-ragunament taghha. Fl-ewwel lok, l-appellanti meta xehed qatt ma qal li l-akkadut gie rekordjat fuq xi filmat, izda qal biss li huwa kellu l- cameras mal-bastiment biex jghinuh jinnaviga. Din l-konkluzjoni u s-segwenti

kritika b'kull rispett hija bazata biss fuq supposizzjoni ghax minn imkien ma jirrizulta li l-appellanti qal li huwa kellu filmat tal-akkadut. Dawn l-cameras l-istess bhal ma gieli jinstabu fil-vetturi ma jkunux jirrekordjaw izda jkunu hemm biex jaghtu vizjwali f'hin reali lix-xufier.

In oltre, hija wkoll bir-rispett skorretta l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellanti kellu jsahhah il-verzjoni tieghu bil-provi. Dan ir-ragunament qieghed jinjora kompletament dak li jghid l-**artikolu 638 (2)** tal-Kodici Kriminali li jistipola li:

> *"f' kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Dan kollu apparti l-fatt li filwaqt li l-appellanti gie kritikat ghaliex ma sahhahx il-verzjoni tieghu, mill-banda l-ohra hadd mix-xhieda l-ohra ma gie kritikat li l-verzjoni tieghu ma kinitx imsahha mill-provi, f'certu istanzi kienet addirittura kontradetta mill-*buon sens* u l-logika u kontradetta wkoll b'certu dikjarazzjonijiet in kontro-ezami.

iv). Ir-raba' osservazzjoni tal-Qorti kienet li l-hija kienet qed taghti piz lix-xiehda ta' Joseph Muscat fejn fost l-ohrajn kien sostna li d-dinghy kienet qed tinstaq b'velocità baxxa.

Rigward il-kontenut tat-testimonjanza ta' Joseph Muscat, l-esponenti a skans ta' ripetizzjoni jaghmel umili referenza ghat-taqsima precedenti, u jzid li kif digà gie muri fid-dettal izjed il-fuq it-testimonjanza ma tistax tintuza biex tigi akkollata responsabilità lill-esponenti. Muscat ma rax l-incident isehh ghaliex kien qed ihares lura u aljenat jaghti l-life jackets lill-passiggieri u jghidilhom joqghodu bil-qeghda sewwa. In oltre, meta gie mistoqsi ma kienx f'posizzjoni li jaghti informazzjoni affidabbli dwar l-lok tal-impatt.

Fir-rigward imbaghad tal-velocità tad-dinghy, jigi sottomess bir-rispett, illi l-velocità tad-dinghy thares kif thares lejha xorta wahda tispicca biex tipponta lejn responsabilità kriminali da parti tax-xufier tad-dinghy. Dan qed jinghad ghaliex jekk veru d-dinghy kienet qed tinstaq b'velocità baxxa, allura huwa impossibli li x-xufier

tal-istess dinghy ma jindunax bil-manuvri tas-Sea Adventure u ma jaghmel l-ebda manuvra hu biex jevadi s-Sea Adventure[20] jekk mhux ghax ma kienx qed ihares 'il quddiem, attent ghal dak li kien qed jigri quddiemu u madwaru.

Apparti minn hekk, filwaqt li l-Ewwel Qorti kkummentat fuq il-velocità tad-dinghy, jidher però li njorat ghalkollox il-fatt li fl-ebda hin u fl-ebda punt mill-atti ma tirrizulta xi prova zghira kemm zghira dwar il-velocità tas-Sea Adventure. Anzi hadd mix-xhieda ma jsemmi b'mod remot u ma jidhol fil-kwistjoni tal-velocità tas-Sea Adventure.

Dan in-nuqqas però fl-umili fehma tal-esponenti huwa punt iehor krucjali li juri in-nuqqas ta' responsabbilità tal-appellanti. Dan kollu juri li s-Sea Adventure tant kien ghadu qieghed fl-istadji inizjali biex jinqala' minn mal-blat u kwindi l-movimenti kienu minimi (bl-appellanti jispjega li minhabba li kien ghadu marbut bil-habel ma tantx kellu fejn imur) hadd mix-xhieda ma hass il-htiega li jikkummenta dwar il-velocità tieghu propju ghaliex movimenti kbar ma kienx hemm!

Dan kollu jikkorrobora lill-appellant li fil-hin tal-impatt is-Sea Adventure kien ghadu ma bediex isuq u kien ghadu fil-mooring area qed jimxi ftit 'il quddiem u ftit lura kif spjega fid-dettal l-appellanti stess.

v). Il-hames punt li tikkonsidra l-Ewwel Qorti huwa l-lok ta' fejn sehh l-incident. L-Ewwel Qorti tghid li l-ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway fil-mument tal-incident.

L-esponenti a skans ta' ripetizzjoni jaghmel referenza ghall-aggravju fit-taqsima precedenti fejn tratta l-kwistjoni tal-lok tal-incident, u jerga' jirrileva li kuntrarjament ghal dak konkluz mill-Ewwel Qorti, din l-allegazzjoni ma tirrizultax sodisfacentament pruvata mill-provi. U dan huwa punt krucjali li fl-umili fehma tal-esponenti gie erronjament apprezat mill-Ewwel Qorti.

L-Ewwel Qorti filwaqt li rrilevat li fiz-zona fejn sehh l-incident ma jezistix biss fairway izda jezistu *swimmers' zone*, *fairway* u *mooring areas for commercial vessels*, u ghamlet ukoll referenza ghall-Local Notice to Mariners No. 27 of 2018, madanakollu

[20] Kif del resto jallega David Saliba jekk wiehed jaghzel li joqghod fuq it-testimonjanza ta' David Saliba.

naqset kompletament milli titratta ulterjorment dan il-punt, sakemm imbaghad issemmih biss fil-konkluzjonjiiet dwar ir-responsabilità fejn tghid biss li *"l-Ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway fil-mument tal-incident"*[21].

Dan madanakollu fl-umili fehma tal-esponenti huwa nuqqas serju fl-apprezzament tal-provi.

Hawn ma ghandniex sitwazzjoni semplici ta' persuna li nvada l-karreggata, u kwindi awtomatikament it-tort ghandu jkun attribwit lil min invada l-karreggata.

Lanqas ma si tratta ta' xi sitwazzjoni simili ghal dik stradali ta' vettura li tohrog minn xi *side street* ghal fuq *main road.*

Anzi, ma hemm l-ebda prova zghira kemm hi zghira in atti li tallega li s-Sea Adventure kien mohbi bhal li kieku f'kaz ta' vettura, hierga minn go xi side street.

Minflok, iz-zona in kwistjoni hija zona miftuha kollha kemm hi u bla ebda ostakolu ghall-vizwali.

In oltre, jigi puntwalizzat ukoll f'dan l-istadju li, kif digà ntwera izjed 'il fuq, l-ebda xhud fil-process ma jallega b'xi mod remot li s-Sea Adventure kien qieghed jigi manuvrat u/jew navigat b'xi velocità. Anzi mhux biss ma hemm l-ebda prova in atti kwalsiasi li tista' tinftiehem bhala li l-bastiment kien qed jinstaq b'velocità, izda ma tezisti l-ebda prova li tghid kif allegatament kien qed jinstaq propju ghaliex kien ghadu fil-mooring area biex jimmanuvra biex jinqala' mill- "parkegg" tieghu.

Konsegwentament, dawn il-punti flimkien mad-dettalji dwar iz-zona jistghu jwasslu biss ghal zewgt konkluzzjonijiet, bl-ebda wahda minnhom ma tista' qatt timplika responsabilità fuq l-esponenti:

a) Jekk jirrizulta, (kif qed jargumenta l-esponenti Jonathan Grech), li l-kollizzjoni sehhet gewwa l-*mooring area* allura l-esponenti ma jistax jinstab hati tal-incident. Dan ghaliex l-bastiment Sea Adventure kien ghadu go zona rizervata apposta ghalih, biex jimmanuvra l-hrug tieghu minn mal-blat, f'liema zona id-dinghy tal-ERCC ma kellha qatt tidhol tinnaviga;

---

[21] Pagna 48 tas-sentenza.

b) Jekk imbaghad jigi argumentat, kif kkonkludiet l-Ewwel Qorti, li l-punt tal-kollizzjoni sehh fil-fairway, madanakollu, tenut kont id-dinamika u l-kobor tas-*Sea Adventure*, tenut kont tal-fatt li biex il-bastiment Sea Adventure jasal fil-fairway irid bil-fors ikun instaq sa hemmhekk, u tenut kont tac-cirkostanzi taz-zona fejn zgur tali Catamaran kien jidher *in plain view*, allura, fl-umili fehma tal-esponenti, l-culpa hija attribwibbli biss lis-sewwieq tad-dinghy.

Dan ghaliex biex sewwieq tad-dinghy li ghandu l-obbligu tal-*proper lookout*, li ma kellu l-ebda ostakolu ta' vizwali quddiemu, ma jarax opra tal-bahar twila kwazi 25 metru, tqila 76 tunnellata li allura trid certu hin biex taqbad l-velocità, f'nofs il-fairway wara li tkun innavigat minn gol-*mooring area*, bilfors irid ikun ghaliex ma kienx qieghed ihares lejn dak li kien qed jigri quddiemu. Huwa inkocepibbli kif is-sewwieq tad-dinghy ma ndunax u ma rax lis-Sea Adventure jaqla' minn mal-blat u jimxi ghal gol-fairway jekk mhux ghax ma kienx attent.

vi). L-ahhar punt li l-Ewwel Qorti kkunsidrat biex wasslet ghall-gudizzju dwar responsabilità kien il-punt tal-impatt. L-Ewwel Qorti qalet li l-punt tal-impatt jitfa' iktar dawl fuq l-akkadut, fejn skont il-Qorti s-Sea Adventure mmanuvra b'lura, naqas milli jaghti sinjal u ma kienx qed jara l-ambulanza fil-mument li beda jimmanuvra.

L-esponenti bir-rispett ma jistax jifhem bl-ezatt x'riedet tfisser l-Ewwel Qorti bil-kliem l-punt tal-impatt. Madankollu, jekk wiehed jifhem il-post tal-bastiment fejn sehh l-impatt, se mai il-fatt li d-dinghy laqat l-ankra tas-Sea Adventure liema ankra kienet ghadha tiela' 'l fuq, dan juri kif kienet id-dinghy li ma zammitx id-distanza bizzejjed minn mas-Sea Adventure ghaliex qatghet ghad-dritt u ghaddiet mill-mooring area.

Dwar il-kwistjoni li l-appellant ma rax id-dinghy meta kienet qed tirriversja jigi sottomess bir-rispett li wiehed irid necessarjament iqis id-dimensjonijiet differenti taz-zewgt opri tal-bahar u minn fejn telqet id-dinghy, inkluz il-fatt li d-dinghy biex titlaq minn mal-jetty ghall-vjagg ser tghaggel hafna u hafna iktar mis-Sea Adventure li tkun marbuta bil-hbula minn quddiem u minn wara, apparti l-ankra fuq wara.

Dan il-fattur dwar id-dimensjonijiet huwa fl-umili fehma tal-esponenti punt iehor li l-Ewwel Qorti injorat u li ma kkunsidratx fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Ghall-korrettezza, huwa minnu li l-Ewwel Qorti f'pagna 41 tas-sentenza fil-pararafu intitolat "L-opri tal-bahar involuti" elenkat l-opri tal-bahar u korrettament tat dettalji dwarhom li johorgu minn dokumenti fl-atti, fejn jirrizulta li d-dinghy tal-ERCC huwa twil 7.5 metri u huwa registrat bhala small ship, u l-bastiment tal-esponenti Sea Adventure huwa Catamaran ta' kwazi 24 metru tul, jesa' abbord 254 persuna u jizen ftit izjed minn 76 tunnellatta. In oltre, l-Qorti ziedet ukoll li l-istess Sea Adventure ghandu bzonn ikun ankrat minhabba l-kobor tieghu u jorbot fuq quddiem u fuq wara bil-hbula.

Madanakollu, b' kull dovut rispett, filwaqt li l-Ewwel Qorti semmiet dawn id-dettalji fis-sentenza taghha, hija però waqfet hemm, u naqset milli taghti l-piz dovut lil dawn id-dettalji fil-gudizzju taghha, jew inkella tapplika dawn il-fatturi ghac-cirkostanzi tal-kaz, u z-zona in kwistjoni.

Dan qed jinghad ghaliex l-esponenti umilment jissottometti illi rinfaccati b'incident fejn iz-zewgt opri tal-bahar ghandhom dimensjonijiet totalment differenti, ghandu jkun palezi li:

- Filwaqt li propju minhabba c-cokon taghha, d-dinghy tal-ERCC titlaq malajr minn mal-jetty – u fil-kaz odjern tant telqet malajr li sahansitra l-passiggieri kienu ghadhom ma libsux il-life jackets meta sehh l-incident[22] – il-bastiment Sea Adventure qabel ma jibda jinnaviga (specjalment jekk dahal mal-blat bil-quddiem) jrid necessarjament jaghmel numru ta' manuvri biex jinhall mill-hbula li jkunu qed izommuh fil-post u jtella l-ankra mill-bahar, imbaghad jibda jinnaviga bil-mod (ghaliex minhabba l-piz tieghu ta' 76 tunnellata huwa difficli li jtella' velocità mal-ewwel).
- Filwaqt li l-manuvri li jrid jaghmel id-dinghy biex johorg minn mal-jetty u jibda t-tragitt tieghu huma zvelti u jiehdu ftit sekondi, l-manuvri li jrid jaghmel il-bastiment Sea Adventure biex jirriversja ma humiex daqshekk

[22] Claivon Mario Said u Joseph Muscat jghidu li rawx l-incident ghaliex kienu ghadhom jaghtu l-life jackets lill-passiggieri biex jilbsuhom.

> zvelti bhal ta' vettura qed tirriversja fi ftit sekondi. Dawn jirrikjedu certu movimenti 'l quddiem u lura, apparti r-rilaxx tal-hbula u t-tlugh tal-ankra sa ma jkun jista' jibda t-tragitt tieghu.

Applikat l-premess ghall-esperjenza tal-hajja u l-*buon sens* huwa inkoncepibbli li x-xufier tad-dinghy hiereg minn mal-jetty ma jindunax u ma jarax bastiment ta' 24 metru tul qed itella' l-ankra, jinnaviga u jimmanuvra biex johrog minn mal-moll, jekk mhux ghax ix-xufier tad-dinghy ma kellux *proper lookout* ta' dak li kien *in plain view* quddiemu.

Dan r-ragunament imbaghad ikompli jkun izjed u izjed inkoncepibbli jekk wiehed jipprova japplika dawn il-fatturi dwar il-kobor u l-operazzjoni tal-Catamaran ghall-allegazzjonijet tal-parte civile u l-ko-imputat Portelli, li l-istess Catamaran kien qieghed gol-fairway jew diehel gol-fairway.

In oltre dawn id-dimensjonijiet differenti huma relevanti wkoll fid-dawl ta' dak li jghidu r-regolamenti marittimi minn fejn ghandu jirrizulta li l-bastiment Sea Adventure in ogni caso kellu d-dritta fuq id-dinghy minhabba dak li jistipola r-regolament 9 (b) li jghid li:

> *"A vessel of less than 20 meters in length or a sailing vessel shall not impede the passage of a vessel which can safely navigate only within a narrow channel or fairway."*

Anke hawnhekk l-Ewwel Qorti bir-rispett naqset milli tidhol fid-dettal fl-applikazzjoni tar-regoli marittimi ghall-kaz odjern. Filwaqt li huwa minnu li l-Qorti kwotat parti mir-regoli marittimi madanakollu s-sentenza hija bir-rispett, sajma ghall-kollox mill-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli ghal kaz odjern, liema applikazzjoni fl-umili fehma tal-esponenti kellha timmerita favur li l-esponenti ma jinstab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2021 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-entenza finali taghha.

Jigi rilevat ukoll li fil-bidu tat-trattazzjoni taghha l-avukat difensur tal-appellant stqarriet li ma kienx sew li s-sentenza fil-konfront tal-ko akkzuat Mark Portelli

inghatat fl-assenza tieghu[23] u dan ghaliex tali decisjoni tkun kontra id-dipsosizjoni tal-ligi. Pero stqarret ukoll li ma qajmitx in-nullita tas-sentenza fil-konfront tal-appellant odjern peress li dik is-sentenza fil-konfront tal-ko akkuzat Mark Portelli ma tikkostitwixi l-ebda stat fil-konfront tieghu. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li huwa maghruf illi proceduri gudizzjarji ta' natura penali u s-sentenza relattiva ma jistghux jinghaw *in absentia* u dana anke ghaliex imputat ghandu kull dritt ghad-difiza tieghu[24]. l-ebda sentenza kriminali ma tista tinghata fl-assenza ta' akkuzat u dan anke in vista tal-fatt li l-ligi tiddetta li f'kaz li ma jaqbilx mad-decisjoni moghtija mill-ewwel Qorti huwa ghandu jifforma is-sospensjoni tal-appell seduta stante wara li tkun inqrat is-sentenza.[25]

Dwar il-mertu din il-Qorti ser tindirizza r-rikros tal-appell tieghu u t-trattazzjoni tal-partijiet fis-segwenti parti

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi jirrizulta li fis-26 ta' Awissu, 2018 waqt li Joseph Muscat ufficjal ta' Transport Malta kien riekeb fuq dinghy tal-Emergency Response & Rescue Corps (ERRC) huwa sofra griehi gravi f'idu x-xellugija;

2. Dan sehh meta sehh impatt bejn id-dinghy tal-ERRC[26] li kien qieghed jinstaq minn Mark Portelli u l-Catamaran bl-isem ta' Sea Adventure li kienet qieghda tinstaq mill-appellant Jonathan Grech;

---

[23] Vide pagna 215 tal-process minn fejn jidher li deher biss Dr Larry Formosa ghall-akkuzat Mark Portelli u cio nonnostante is-sentenza inghatat xorta

[24] Vide Sentenza fl-ismijiet **il-pulizija vs Clement Gauci et** deciza fit-2 ta Lulju 2012 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

[25] Artikolu 416 tal-kapitolu 9 tal-ligijeit ta Malta

[26] Claivon Mario Said fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Marzu, 2019 jghid li ra l-ankra tas-Sea Adventure tiela u li Joseph wegga.

3. Illi l-Pulizija hadu l-verzjonijiet ta' numru ta' persuni u sussegwentement inharget l-akkuza fil-konfront taz-zewg sewwieqa;

4. L-Ewwel Qorti illiberat lill-ko-imputat Mark Portelli u sabet lill-appellant hati u kkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€1200); Jinghad anke f'dan ir-rigward li fis-esntenz amgohtija minkejja li fil-konfornt taz-zeg akkzuati ftit jew xejn hemm ragunament li ghamlet fir-rigward tal-ko akkuzat Mark Portelli.

5. L-appellant Jonathan Grech hassu aggravat u appella mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

L-appellant fl-appell dettaljat tieghu jaghmel diversi sottomissjonijiet fosthom li l-gudizzju tal-Ewwel Qorti kien wiehed skorrett li jimmerita li jigi imhassar bl-appellant jigi liberat, li l-provi in atti ma jwasslux ghall-livell ta' prova necessarja sabiex tinstab htija fl-appellant u dan minhabba li jezistu dubju serju dwar id-dinamika tal-incident, liema dubju ghandu necessarjament imur favur l-imputat u li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi zbaljat li jirrendi is-sejbien ta' htija unsafe and unsatisfactory.

Din il-Qorti sejra tibda billi in succint taghmel referenza ghal provi prodotti.

Permezz tal-procedura tal-affidavit, l-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** iddikjara li nhar is- 26 ta' Awissu, 2018 gie infurmat ghal habta tal-4:30 p.m. minn Reuben Said fil-kapacita ta' ufficjal ta' TM, li kien ftit aktar qabel sehh incident gewwa l-bajja ta' Blue Lagoon f'Kemmuna, fejn fih kien wegga ufficjal ta' TM. Minn stharrig li sar minn pulizija, rrizulta li l-persuna li wegghet kien certu Joseph Muscat bin-numru tal-karta tal-identita' 9271M. Dan weggha waqt li kien qieghed fuq dinghy ta' ERRC. Dan id-dinghy kien hiereg minn bajja ta' Kemmuna mghobbi b'xi persuni li kienu sofrew xi griehi aktar qabel waqt li kienu qeghdin jghumu f'Kemmuna. L-ufficjal ta' TM riekeb fuq dinghy ta' ERRC sabiex jaghti l-assistenza tieghu lil ufficjali ta' ERRC halli jiehdu dawn il-persuni mwegghin fil-port ta' Imgarr halli minn hekk jittiehdu l-isptar ta' Ghawdex. Gara li waqt li dinghy kien hiereg minn bajja ta' Blue Lagoon, sehh kolluzjoni bejn dinghy ta' ERRC u bastiment kummercjali bl-isem ta' Sea

Adventure. Kawza ta' din il-kolluzjoni, Joseph Muscat soffra griehi gravi f'idejh, hekk kif certifikat Dr. Katya Camilleri. Kawza tal-griehi li garrab, Joseph Muscat kellu jinzamm ghal numru ta' granet l-isptar ghal kura.

F'din l-affidavit gie dikjarat li l-Pulizija kelmet numru ta' xhieda, li l-verzjoni taghhom tnizzlet fir-rapport tal-okkorenza relatat. Gie dikjarat f'din l-affidavit li fuq iz-zewg opri tal-bahar ma hemm installata l-ebda sistema ta' sigurta. Fuq struzzjonijiet tieghu, s-surgent 715 Lucian Gatt ha l-verzjoni ta' Jonathan Grech wara li tah twissija dwar id-drittijiet legali tieghu. F'din il-verzjoni li hi mniezla fir-rapport tal-okkorenza, Grech qal li hu ha l-mizuri qabel ma' beda jimmanuvra il-bastiment tieghu. Illi meta hu nhar is- 27 ta' Awissu, 2018 kellem lil Mark Portelli detentur tal-karta tal-identita bin-numru 9397G fil-prezenza ta' Ps 1301 Christian Bonello u l-avukat tieghu Dr. Larry Formosa wara li nghata twissija dwar id-drittijiet legali tieghu, hu ta' l-verzjoni li nizzel fir-rapport tal-okorenza bin-numru 10/Z/3328/2018. Ma dan l-affavidit hemm mehmuz Dok BCS1 li huwa rapport tal-okkorrenza u Dok BCS 2 li huwa certifikat mediku ta' Joseph Muscat.

Fl-okkorenza immarkata bhala BCS1 a fol 8 et sequitur fir-rapport datata is- 26 ta' Awissu, 2018 tnizzel li llum is-26 ta' Awissu, 2018 ghal habta ta' 16:35hrs l-Ispettur informa l-Ghassa tal-Imgarr Ghawdex li Ruben Said Transport Malta Authority kien informah li haddiem MMA certu Joseph kien wegga f'Kemuna waqt li kien fuq id-dinghy tal-ERRC bin-numru tar-registrazzjoni S-22062. Il-Pulizija tkellem ma' certu Claivion-Marion Said li huwa haddiem mal-ERRC u dak il-hin kien fuq id-dinghy maghhom. Is-Sur Said stqarr li ghal habta ta' 16:00hrs kien hemm accident, persuna barranija certu Kieran Mase ta' 28 sena minn New Zealand u kellu bzonn l-ghajnuna taghhom billi kellu griehi f'rasu. Hu flimkien ma' Mark Portelli li huwa ukoll haddiem mal-ERRC tellghewh fid-dinghy, flimkien ma' Joseph- MMA. Kompla jghid li hu kien fuq quddiem tad-dinghy johrog il-life jackets u jisma' hoss qawwi, ihares lura u jara l-ankra tad-dghajsa Sea Adventure messet maghhom in-naha tas-sellum. Joseph intefa' fuq il-genb izomm idejh bid-dmija. Is-Sur Said kompla jghid li

ghamlulu first aid u gew l-Imgarr mal-ewwel. Huma kienu bil-blu lights u kienu hiergin ftit aktar minn five knots.

F'dan ir-rapport tnizzel li fis- 26 ta' Awissu,2018 ghal habta tat-20:30 skont struzzjoniijiet tal-Ispettur B Spiteri li jkopri 'Z' Division, gie mitkellem Jonathan Grech u wara li nghata d-drittijiet legali, is-Sur Grech irrinunzja ghad-dritt li jkellem Avukat u qal is-segwenti '*Ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofs in-nhar konna ser nitilqu u jien indoqq il-horn li sejjer estern. Qlajna il-hbula ta' quddiem u nerga indoqq halli immur estern. Il-crew tieghi iccekkjaw mad-dawra tad-dghajsa biex jaraw li m'hemmx xi hadd jghum vicin id-dghajsa u crew minnhom joqod fuq wara minhabba l-fatt li ghandi l-habel fuq wara biex inkun nista' neqelew. X'hin kont ha nirriversja baqa' diehel go fiha tar-rescue fejn dan baqa' sejjer l'hemm. Nixtieq inzied ukoll li jien ghamilt rapport mat-Transport Malta permezz tal-mobile mal-ewwel x'hin sehh l-incident.*'

F'dan ir-rapport tnizzel ukoll li fis- 27 ta' Awissu, 2018 gie mitkellem fl-Ghassa tar-Rabat Ghawdex certu Mark Portelli fejn wara li nghata twissija dwar id-drittijiet legali tieghu u fil-prezenza tal-Avukat tieghu Dr. Larry Formosa ta' s-segwenti verzjoni '*Lbierah jien kont xoghol volontarju ma' ta' ERRC. Xogholi kien driver ta' dghajjsa li kien stazzjonata Blue Lagoon. Jien normali nkun qieghed xoghol hemm. Jien Ghandi licenzja nawtika biex insuq din it-tip ta' dghajjsa li hi hydro ambulance. Ghall-habta ta' 3.40p.m. kien henm zewg persuni li wegghu, wiehed kien weggha mhux hazin. Ghall-bidu dan irrifjuta l-assistenza taghhna li jmur l-isptar, izda wara konvincjnieh biex imorru. Wara li hrigt id-dghajjsa minn mal-moll u preparajt d-dghajjsa biex nitilqu. Jien xeghelt blue lights biex nuru li qeghdin emergenza. Ahna bdejna mexjin l-barra, zammejt man-naha tal-lemin kif suppost. Hin minnhom beda jirriversja dghajjsa 'Sea Adventure'. Jien ma' ndunajtx li kien qieghed jirriversja ghax ma' ghamilix warning ta' xejn. Suppost dan ta' three shots blasts imma dan ma' ta' xejn. Jien ma' ndunajtx li kien jirriversja ghax dan kien filli marbut mal-moll u filli beda jirriversja. Jien nahseb li qabel ma' beda jirriversja bejnietna kien hemm distanza ta' madwar zewg metri jew aktar. Jien xi hin ndunat li dan kien qieghed jirriversja kien tard wisq biex nevitta l-habta. L-habta sehhet bejn l-ankra tal-poppa tieghu mal-pilastru ta' wara tal-lemin. Mal-pillastru ta' tinda ta' naha ta' wara tal-lemin kull ma hemm hu ftit grif ghax il-habta ma' kienetx kbira.*'

Tnizzel li '*L-ankra suppost x'hin taqlaha suppost tkun stivata imma din ma' kienetx stivata komplament. Mad-daqqa smajt lil Joseph jghajjat u rajt li kellu injury fi sebghu. Siehbi l-iehor u cioe Clavion Said tah l-first aid u jien bqajt insuq lejn Ghawdex ghax dak il-hin dak deherli li kien l-aqwa haga li naghmel, biex nehduh lilu u l-ohrajn bl-ambulanza lejn l-isptar. Ufficjala ta' TM ma' kien hemm hadd aktar. Jien nrid nzid li siehbi David Saliba li kien life guard fi torri ra l-incident u lili qalli li dghajjsa ra tirriversja u lili kien ha jibghatli fuq radio imma ma' lahaqx. Dan il-kliem qalluli wara.*' Meta mistoqsi jekk kienx xorob xi xorb alcohol, Mark Portelli qal is-segwenti '"*Jien kullma ma' xrobt hu ilma. Jien minn il-gabbana kullma ma' hadt kafe u l-ilma li kelli mieghi gibtu minn id-dar. L-kafe lanqas ma' xtrajtu jien imma gabuli wiehed, li hu life guard u li kien off duty. Jien kien l-ewwel incident li kelli b'opra tal-bahar.*'

<u>Din il-Qorti taghmilha cara li stante li  Mark Portelli kien ko-imputat f'dawn il-proceduri, din il-Qorti mhijiex sejra tqis il-verzjoni moghtija minnu lil Pulizija u lanqas ix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti stante li din ma taghmilx prova fil-konfront tal-appellant li huwa ko-imputat.</u>

F'dan ir-rapport tnizzel ukoll li fis- 27 ta' Awissu, 2018 ghal habta ta' 10:00hrs, il-Pulizija Ps 1301 fil-prezenza ta' Pc 1571 kelmu lil vittma bl-isem ta' Joseph Muscat li jokkupa l-kariga ta' enforcement officer numru 244 fi hdan Transport Malta, li bhalissa qieghed rikoverat fl-isptar generali t'Ghawdex, fis-sala tal-irgiel fuq is-sodda numru 1. Mistoqsi x'gara mill-Pulizija huwa stqarr '*Ghal habta ta' 15:45hrs jien kont xoghol il-Blue Laggon fuq il-puntun maghruf bhala ta' 'jetty' u rajt lil tar-rescue 'ERRC'. Rajthom gejjin pazjent ragel li kelli stikka/faxxa fuq mohhu. Huma kienu gejjin l'hemm sabiex jkunu jistghew jirkbu d-dinghy tal-ERRC. Fl-istess hin u post kien hemm pazjenta mara ohra li x'aktarx din gidmita brama u kien hemm maghha membru tal-'ERRC' mara. Minn hemm jien poggejt lil dan il-pazjent ghad-dell u bdejt nara kif nghin halli jkun jista tidhol id-dingy tal-ERRC.*

*Fuq quddiem tad-dingy kien hemm 1( ragel) minn tal-ERRC wara l-'sterring', iehor (ragel) jasisti lil pazjent ragel li kellu faxxa/stika ma rasu.*' Innotta ukoll li abbord l-istess dinghy

tellew mara u ragel li setghew kienu qed jigi asistiti minn membri tal-ERRC. Innuta ukoll li dan ir-ragel ma kienx qed ihossu sew. Fejn Joseph Muscat qal lil dawn in-nies sabiex ma' joqodux fit-tarf tad-dingy minhabba s-sahha u s-sigurta' taghhom. Huwa flimkien ma dawn iz-zewgt persuni kienu qieghdin wara ix-xufier tad-dingy.

Malli d-dingy qala' minn mal-pontoon, ra lil dawn il-pazjenti kienu minghajr gakketta tas-salvatagg, fejn qalilhom sabiex jilbshom. Ghalhekk mar jigbor il-'life jackets' li kienu go basket kbir ahmar miftuh. Li '*Minn hemm jien kont qed inzomm b'idi tax-xellug mas-sellum ( li qieghed fejn jkun hemm ix-xufier tad-dingy) u bl-ohra niprova nilhaq il-'life jackets'. Jien u naghmel dan nisma' tahbita' qishom ta' hadid gej minn dan is-sellum. Fejn x' hin harist rajt subajha mifquh. Ezatt ma' nafx x'gara pero rajt id-dghajsa li fuqha kien hemm miktub Sea Adventure.*'

Fir-rapport tnizzel ukoll li minn hemm il-Pulizija iccekjaw dawn il-pazjenti li kienu fuq id-dingy jekk hux qieghdin l-isptar generali ta' Ghawdex fejn irrizulta li gie mehud pazjent wiehed fl-imsemmi sptar permezz ta' ambulanza mill-port tal-Imgarr li jismu Mace Kieran. Ghakemm fir-rapport tnizzel in-numru tal-mobile ta' dan il-persuna, tnizzel ukoll li sar kuntatt pero rrizulta li dan in-numru ma' jezistix.

Fl-istess rapport tnizzel li ma hemmx CCTVs li qabdu l-accident.

Tnizzel ukoll li '*Mr Saliba listed as Witness stated that he was on the life guard tower and saw the rescue boat was coming out of the Blue Lagoon with its beacon lights on and at a slow speed. He stated that he saw another vessel, namely Sea Adventure reversing on the rescue boat. It has to be noted that on the rescue boat there where two patients that where being taken to hospital. He stated that he saw the back part of the vessel hitting the rescue boat. He also pointed out that the Sea Adventure did not use its horn while reversing and that there where persons on-board whom where looking back*'.

Tnizzel li Caruana Monique imnizzla bhala xhud qalet '*on the 26/08/2016 she was as voluntary as a lifeguard in Blue Lagoon, Monique stated that she was going down the road to the boat with other two lifeguards and two patients, that they needed more assistance in Gozo general hospital. than an other person needed assistance because she was filing sick, so I had take care of her and remained with her on the land. While the other 2 lifeguards and 2 patients left the mall with the boat. regarding the accident I didn't saw anything and didn't listened any horn blowing because I was far and I was taking care of my patient.*'

Fl-istess rapport tnizzel li Joseph Muscat kien iccertifikat minn Dr. Katya Camilleri M.D. Reg. No 4187 li kien qed isofri griehi gravi izda ma kienx fil-periklu li jitlef hajtu.

Ic-certifikat mediku jinsab a fol 15 u mmarkat bhala BCS 2.

**Ps 1301 Christian Bonello** iddikjara permezz tal-affidavit li nhar is-27 ta' Awissu, 2018 l-Ispettur Bernard Spiteri ordnalu sabiex imur jiehu stqarrija ta' persuna feruta, kawza ta' incident fuq il-bahar li sehh Kemmuna u li dan jismu Joseph Muscat detentur tal-karta tal-identita' numru 9271(M). Hu flimkien ma' Pc 1571 marru l-isptar generali t'Ghawdex fis-sala tal-irgiel fuq sodda numru 1, fejn kien hemm l-imsemmija vittma. Tkellem mas-Sur J. Muscat fil-kapacita' tieghu bhala enforcement officer numru 255. Infurmah li se jehodlu l-istqarrija tieghu fuq il-kaz. Dan accetta u stqarr fuq dak li allegatament gara f'jum l-incident marittimu. L-istqarrija tieghu giet imnizzla minnu fuq ir-rapport numru 10/Z/3328/2018. Fl-istess jum mal-wasla tieghu fl-ghassa tar-Rabat Ghawdex gie imsejjah mill-Ispettur Bernard Spiteri sabiex ikun xhud ta' stqarrija, waqt li hu jkun qed jiehu l-verzjoni lis-sur Mark Portelli detentur tal-karta tal-identita' numru 9397(G). L-istqarrija saret fl-ufficju tal-Ispettur in kwistjoni u s-sur M. Portelli kien akkumpanjat minn Dr Larry Formosa LL.D.

**Pc382 J. Cardona** permezz tal-procedura tal-affidavit iddikjara li fis-26 ta' Awissu, 2018 ghal habta ta' 16:35 l-Ispettur informa l-Ghassa tal-Imgarr, Ghawdex li Ruben Said Transport Malta Authority kien informah li haddiem TM certu Joseph kien wegga f'kemuna waqt li kien fuq id-dinghy tal-ERRC bin-numru ta' registrazzjoni S-22062.

Tkellem ma' certu Claivion-Marion Said bin-numru tal-karta tal-identita' 0032999G li huwa haddiem mal-ERRC u dak il-mument li sehh l-accident kien fuq id-dinghy maghhom. Is-Sur Said stqarr li ghal habta ta' 16:00rs kien hemm accident, persuna barranija certu Kieran Mase ta' 28-il sena minn New Zealand u kellu bzonn l-ghajnuna taghhom billi kellu griehi f'rasu. Hu flimkien ma' Mark Portelli li huwa ukoll haddiem mal-ERRC telghewh fid-dinghy, flimkien ma' Joseph- TM. Kompla jghid illi hu kien fuq quddiem tad-dinghy johrog il-life jackets u sema' hoss qawwi, hares lura u jara l-ankra tad-dghajsa Sea Adventure messet maghhom in-naha tas-sellum. Joseph intefa' fuq il-genb izomm idejh bid-dmija. Is-Sur Said kompla jghid li ghamlulu first aid u gew l-Imgarr mal-ewwel. Zied jghid li huma kienu bil-blue lights mixghula u kienu hergin ftit aktar minn five knots.

**Pc75 K Saliba** permezz tal-procedura tal-affidavit iddikjara li nhar is- 27 ta' Awissu, 2018 ghal habta tal-17:00 tkellem mas-Sur David Saliba detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 32398G in rigward tal-incident li gara l-jum ta' qabel fil-bajja tal-Blue Lagoon. Is-Sur Saliba stqarr li hu kien fuq il-'Life Guard Tower' tal-ERRC fejn innota li kien hemm il-bastiment tal-ERRC hiereg mill-port b'zewgt pazjenti sabiex jiskortahom l-isptar. Hu qal ukoll li l-bastiment tal-ERRC kien bil-"Beacon Lights" mixghulin. Stqarr li waqt li l-bastiment tal-ERRC kien hiereg b'velocita baxxa innota l-bastiment bl-isem 'Sea Adventure' miexi b'lura u f'daqqa wahda jidhol fil-bastiment tal-EERC. Is-Sur Saliba qal ukoll li fuq il-bastiment 'Sea Adventure' kien hemm in-nies u xi whud minnhom kienu qed iharsu lura.

**PS715 L. Gatt** xehed permezz tal-affidavit li fis- 26 ta' Awissu, 2018 ghal habta tal-20:30hrs fuq struzzjonijiet tal-Ispettur B. Spiteri mill-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex kien informa lil Jonathan Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 22481(G) rigward incident li kien sehh aktar qabel gewwa l-bajja maghrufa bhala 'Il-Blue Lagoon' li tinsab Kemmuna. Kien gharraf lis-Sur Grech bid-drittijiet legali tieghu fejn min naha tieghu Grech irrifjuta id-dritt li jitkellem mal-Avukat tal-Ghazla tieghu qabel ma' jigi mistoqsi mill-Pulizija fejn iffirma s-soltu dikjarazzjoni. Is-Sur Grech kien ta' din l-istqarrija dwar l-incident li kien sehh gewwa kemuna- '*Ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofs in-nhar konna ser nitilqu u jien indoqq il-horn li sejjer estern. Qlajna il-hbula ta' quddiem u nerga indoqq halli immur estern. Il-crew tieghi iccekkjaw mad-dawra tad-dghajsa biex jaraw li m'hemmx xi hadd jghum vicin id-daghjsa u crew minnhom joqod fuq wara minhabba l-fatt li ghandi l-habel fuq wara biex inkun nista' neqelew. X'hin kont ha nirriversja baqa' diehel go fiha tar-rescue fejn dan baqa' sejjer l'hemm. Nixtieq inzied ukoll li jien ghamilt rapport mat-Transport Malta permezz tal-mobile mal-ewwel x'hin sehh l-incident*'.

**PC 1428 Joseph Luke Gauci** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn iddikjara li nhar id- 29 ta' Awissu, 2018 ghal habta tat-8:30hrs kien xoghol bhala ordely gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Rabat Ghawdex. Ghal habta ta' 08:30hrs dahlet certu Caruana Monique detentrici tal-karta tal-identita' 29899G, imnizla bhala xhud fir-rapport 10/Z/3328/2018. Monique Caruana stqarret li hija nhar is-26 ta' Awissu 2018 kienet volontiera mal-lifeguard gewwa il-'*Blue Lagoo*', qalet li f'hin minnhom kienet niezla il-passagg sabiex tmur fuq id-dghajsa flimkien ma zewg lifeguards ohra u zewg pazjenti sabiex jittiehdu gewwa l-isptar ghal aktar assistenza gewwa l-isptar generali ta' Ghawdex. F'hin minnhom kien hemm persuna ohra li kellha bzonn l-assistenza medika peress li kien hassa ma tiflahx, fejn hi baqghet maghha fuq l-art sa x'hin giet f'taghha, dimentri iz-zewg lifeguard u z-zewg pazjenti rikbu fuq id-dghajsa u telqu minn mal-moll. Monique Caruana giet mistoqsija jekk ratx l-incident isehh jew semghetx xi horn idoqq, fejn qalet li l-incident ma ratux u lanqas semat xi horn idoqq peress li kienet qieghda nbeda minn l-incident u peress li kienet qieghda tiehu hsieb il-pazjenta li kellha maghha.

A fol 22 u mmarkata bhala Dok H giet prezentata affidavit ta' Dr Katya Camileri dwar il-griehi li sofra Joseph Muscat. Dawn gew iccertifikati bhala gravi izda mhux fil-perikolu tal-mewt.

**Alice Peplow** xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fit- 12 ta' Frar, 2019 li qieghda tipprezenta certifikat ta' kompetenza ta' Jonathan Grech. Id-dinghy kienet ukoll up to date, imhallsa bir-registry u Response Rescue Corps SS22062 fil-gurnata tal-kaz kienet imhassla u up to date bl-insurance b'kollox. L-S22062 hija registrata fuq Emergency Response and Rescue Coprs u ghandha certifikat ta' kompetenza ta' Jonathan Grech. Ta' Mark Portelli ghandha li hargulu licenzja nawtika. Hija prezentat numru ta' dokumenti.

**Alice Peplow** xehdet in kontro-ezami fid- 19 ta' Gunju, 2019 fejn dwar Mark Portelli ikkonfermat li t- 2 ta' Lulju, 2018 hija d-data ta' meta inharget il-licenzja. Kienet l-ewwel darba, issottometta l-application fis- 16 ta' Gunju u huma hargu l-licenzja fit- 2 ta' Lulju ghal ghaxar (10) snin. Qabel dak in-nhar ma kellux licenzja; nautical license ma' Trasport Malta. Dottor Kathleen Calleja Grima esebiet dokumenti bhala dok JGX1 u kkonfermat li dawn johorgu minn Transport Malta u jorbtu lil bahhara.

**Michael Savona** xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit- 12 ta' Frar, 2019 fejn spjega li gew biex jixhdu fuq id-dghajsa Sea Adventure fuq min qieghda registrata. Prezentat t-transcript of register bid-data tal-lum biex juru d-dettalji ta' fuq min hi rregistrata d-dghajsa. Id-dghajsa tinsab registrata fuq Jonathan Grech u ilha mis-sena elfejn u erbatax (2014). Id-dokument gie mmarkat bhala Dok. MS1.

**Ruben Said** xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit- 12 ta' Marzu, 2019 fejn spejga li l-Hadd 26 ta' Awissu, 2018 ghal habta tal-erbgha (4:00) ircieva telefonata minghand

EO 248 Jonathan Buttigieg li kien infurmah li EO 244 Joseph Muscat, EO enforcement officer Joseph Muscat kien involvut f'accident waqt li '*jien xoghol il-Blue Lagoon Kemmuna*'. Qallu wkoll li kien qed jigi trasferit lejn il-Port tal-Imgarr bid-dinghy tal-ERRC. Immedjatament ikkuntatja lis-Supretendent Maurice Curmi u lill-Ispettur Bernard Spiteri u infurmahom dwar l-incident biex jibdew l-investigazzjonijiet taghha. Wara mar l-isptar jassisti l-enforcement officer taghhom, impjegat tat-Trasport Malta. Mistoqsi jekk dak il-hin dak kien xoghol wiegeb '*Iva, dan kien xogħol. Iva, dan kien duty fil-Blue Lagoon, kien qiegħed xogħol ġewwa l-bajja tal-Blue Lagoon.*' Spjega li x-xoghol ta' Joseph Muscat fil-Blue Lagoon hu li josserva u jaghmel monitoring tal-vetturi kummercjali tal-bahar li jkunu qed jidhlu l-Blue Lagoon b'ammont ta' turisti fuqhom. Jara li jzomm il-fare way, il-fare way ifisser it-triq vojta mnejn tidhol u tohrog kull vettura gewwa l-Blue Lagoon, kif ukoll jassisti f'affarijiet ohra li jkun hemm bzonn fil-Blue Lagoon.

**Ruben Said** stazzjonat Trasport Malta rega xehed fit- 12 ta' Marzu, 2019 fejn spjega li minn dakinhar sal-gurnata tal-lum kull korrispondenza relatata mal-kaz fejn jidhol certifikat tal-isptar, certifikat tas-social services, kull darba li kellu visti mis-social services, inghadda kollox lil Human Resources Manager taghhom u lid-Direttur tal-human Resources fejn gew infurmati b'kull dettall u gew infurmat ukoll li Joseph Muscat irritorna ghax-xoghol u ghandu kaz ma' tax-xoghol. Qed jistennew is-social services jibghatulhom rapport finali li jista' jirritorna ghax-xoghol u minn hemm it-Trasport Malta tipprocedi bil-claim ghax ma tistax tipprocedi qabel ma jkollha dawn l-affarijiet f'idejha. Jonqoshom l-ahhar certifikat mis-Social Services biex l-HR taghhom ikun jista' jaghmel il-claim f'isem Joseph Muscat. Trasport Malta hadet hsieb li jsiru investigazzjonijiet interni. Ma jafx x'ghamlet is-Sea Adventure dak il-hin stess, jekk irraportatx l-incident.

Xehed **Joseph Muscat** fit- 12 ta' Marzu, 2019 fejn xehed li xoghlu enforcement officer ma' Trasport Malta u fis-sajf ikun fuq il-bahar u Kemmuna bhala enforcement officer ukoll. Dwar l-incident spjega li fis-26 ta' Awissu f'Blue lagoon '*jien kont*

*qiegħed stazzjonat hemmhekk fuq il-jetty. Kien hemm emerġenza ta' tlett pazjenti u mort ngħin lil ERRC, għabbejnihom fuq id-dingi u aħna u ħerġin kont qed nagħtihom kif se naqilgħu minn mal-moll, qed nagħtihom life jacket liż-żewġ pazjenti minnhom, u kont qiegħed wiċċi lura u ħassejt daqqa ġo idejha, kont qed inżomm mal-pilastru n-naħa ta' ġewwa. U ħarist u sibt is-Sea Adventure kien qiegħed ireġġa' lura u laqatni b'xi ħaġa, ma nafx x'kienet.'*

Wara rrealizza li kienet l-ankra sporguta l' barra. Spjega '*U dan jiġifieri ma għamilx, suppost qabel ma treġġa' lura bid-dgħajsa tagħmel tlett blasts. Ma smajt xejn jien dak il-ħin.*' Konsegwenza ta' din sofra *amputation*. In kontro-ezami ikkonferma li kien qieghed fuq id-dghajsa tal-ERRC li kienet qieghda tinstaq minn wiehed tal-ERRC, Mark l-imputat. Suggeriet lilu li kienet qieghda tinstaq b'xi naqra velocita minhabba s-sitwazzjoni wiegeb '*Ma konniex b'veloċita', konna ħerġin bil-mod hekk 'il quddiem u jien ma kontx qed inħares 'il quddiem. Kont qed inħares lura għax kien hemm żewġ pazjenti.*' Huwa kien fuq in-naha ta' wara tad-dghajsa, wara x-xufier, minn nofs lura kien. Id-dghajsa hierga 'l barra u hu kien qieghed dahru wiccu lura, lejn il-muturi. Dahru ma dar ix-xufier. Xehed li '*Is-Sea Adventure kienet marbuta pero' qala' u reġġa' lura.*' Spjega '*Aħna konna ħerġin 'l barra, minn ġol-fare way.*' Spjega '*Aħna ħerġin 'l quddiem minn ġol-fare way u s-Sea Adventure reġġa' lura.*' Huwa kkonferma li dak il-hin kien impenjat jaghti l-life jackets lil pazjenti u ma ndunax mill-ewwel bis-Sea Adventure ghax kien qed ihares lura.

Ikkonferma li kienu fuq il-fairway *(minkejja li t-trascript jghid fareway)* u kienu hiergin il-barra. Is-Sea Adventure ma kinitx fuq il-fare way x'hin kienet marbuta, tkun marbuta fuq il-blat u kkonferma li imbghad giet fuq il-fare way x'hin irriversjat. Irriversjat ghal gol-fare way jigifieri. Il-lanca tal-ERRC kienet ambulanza u kellha l-blue lights mixghulin u kkonferma li hu ma semghax hornijiet. Ma sema xejn. Mistoqsi '*fil-mument li inti l-ankra ħabtitlek ma' jdejk, idejk fejn kienet qiegħda?*' wiegeb '*L-ambulanza biex ngħidulha hekk, id-dinghy, għandu tinda. Issa dan għandu żewġ pilastri u sellum fuq in-naħa ta' ġewwa. Hemm it-tube, imbagħad hemm il-pilastru n-naħa ta'*

*ġewwa. Jiġifieri ġewwa kont, kienet idejha mhux barra, fhimt?'* Jekk thares 'l quddiem huwa kien in-naha tal-lemin. Ikkonferma li bhala post tax-xoghol inxurjati u li ghada ma nfethitx claim.

Il-pilastru fuq in-naha tal-lemin ta' wara. Spjega li '*Mhux qiegħed in-naħa ta' wara ta' fejn hemm il-muturi; in-naħa ta' wara jiġifieri mix-xufier lura.*' Mistoqsi '*Jiġifieri d-dghajsa tal-ERRC laħqet qabżet is-Sea Adventure. Talinqas in-nofs tagħha.*' wiegeb '*Ma qabżithiex għax kieku ma kientx jolqotna.*' L-ankra tas-Sea Adventure qieghda fin-nofs. Ikkonferma li n-nofs taghha laqat il-pilastru tan-naha tar-right ta' wara tad-dghajsa tal-ERRC. X'hin sehh l-incident id-dghajsa taghhom u cioe' tal-ERRC waqfet, ghamlu band u telqu ghall-Imgarr. Dak il-hin ma gie hadd minn tas-Sea Adventure.

**Joseph Muscat** xehed in kontro-ezami fid- 19 ta' Gunju, 2019 fejn gie muri Dok JGX2 li hu ritratt mill-Google maps biex juru l-location u gie mitlub jindika l-jetty b'X u biex jindika fejn kienet id-dghajsa tas-Sea Adventure b' O. Il-jetty ghamlu minn ponta sa ponta. Ikkonferma li fi x'hin sehh l-incident, x'hin wegga subghajh d-dghajsa jew speedboat jew dingi tal-ERCC kienet ghada kif se titlaq mill-vjagg. Dak il-hin kien qed jaghti l-life jacket lil wiehed mill-pazjenti. Kien qed jiddoba lift u fl-istess hin jghinhom bhalma gieli ghamlu. Mhux l-ewwel darba li Jonathan Grech l-imputat tah lift. Id-dingy tal-ERCC kien in-naha ta' gewwa. Spjega li '*Jien ikklirjajt in-naħa ta' barra. Huma ġew in-naħa ta' barra, għabbew in-nies minn naħa ta' barra, u tlaqna minn hemm.*' Ikkonferma li hargu minn mal-jetty, in-naha ta' barra mhux in-naha tal-blatt. Dak il-hin kien qieghed ihares lura. Kien hemm dawk it-tnejn kienu qeghdin bilqegha fuq it-tube. Id-dinghy telaq. Hu qalilhom biex jinzlu isfel. Sa x'hin nizlu isfel, hu qabad il-life jackets. Qalilhom biex joqghodu bilqieghda mal-art. X'hin ghadu bil-qeghda fl-art hu wiccu ma kienx qieghed 'il quddiem, wiccu kien lura, lejn in-naha tal-muturi. Dahru lejn ix-xuffier u dahru lejn is-Sea Adventue. Taghhom il-life jacket u idu kienet qieghda zzomm mal-hadida u kien qed jaghtihom il-life jacket gara l-incident. Mistoqsi ghad-direzzjoni li hadet id-dinghy qal li dak il-hin ma jafx fejn kienet sejra ghax kien hsiebu f'dawk it-tnejn. Kien qieghed ihares lura lejn in-nies. Kienu ghadhom qed jitilqu, ezatt ma jafx fejn sehh l-incident. Spjega li '*jien*

*naħseb li kif weġġgħajt jien rajt is-Sea Adventure. Ittendejt li mas-Sea Adventure ħbatna jew ħabtet magħna.*'

Lis-Sea Adventure ma setghax jaraha gejja u ma sema xejn dak il-hin u l-post ezatt ma jafx fejn. Jghid li fil-fairway zgur ghax '*aħna mill-fairway noħorġu.*' Spjega li '*il-fairway qiegħda s-Sea Adventure n-naħa ta' wara tagħha jkun ġol-fairway.*' Hemm il-bagi jindikaw il-fairway, il-bagi gew indikati bhala B, il-bagi tal-fairway, minn fejn johorgu u jidhlu d-dghajjes. Il-fairway mhijiex minn blat sa blat. Jaqbel li hemm il-mooring area qabel. Mill-'*b to the left*' hija anchoring area ikun hemm dghajjes privati. Meta wegga ma qadx jara fejn qieghed u m'huwiex. Ma jafx kemm kienu l'boghod mill-baga B1. Ra is-Sea Adventure u rrealizza li habtu maghha, lanqas jaf ma' liema parti habat. Wara qalulu li habtu mal-ankra. Ma jafx jekk kinitx imxiet l' barra miill-blat u kemm kienx imxiet il-barra mill-blat. Is-Sea Adventure hija dghajsa tat-turisti. Ikkonferma li s-Sea Adventure hija dghajsa tat-turisti. Dak iz-zmien tal-incident ma kinitx l-ewwel gurnata tieghu xoghol. Huwa qieghed fuq commercial enforcement iz-zghar. Dawk li jghabbu sa 60, 25, 32. Jahseb li ta' Jonathan Grech tghabbi iktar minn mitejn. Meta jitilghu t-turisti, dghajsa tkun tidher mimlija daqs bajda.

Huwa ma semghax horn '*forsi kont aljentat*'. Meta kienu hergin ma semghux. Li sema meta daqq biex jghajjat lin-nies xi kwarta qabel. Li rega daqq biex jitlaq estern ma semghux. Ma tax kas kienx hemm nies fuqu. Is-Sea Adventure torbot minn quddiem bi hbula. Fuq wara jkollha l-habel. L-ankra tkun fuq. Spjega li '*kif ħbatna jien inżilt hekk, rajt is-Sea Adventure quddiemi hemmhekk.*' Jahseb li waqaf id-dingi tal-ERCC ghax rahha imbaghad baqghu sejrin. Ma jafx kemm kienu l-boghod izda rahha s-Sea Adventure hu. Ma jafx fejn waqaf id-dinghy. Id-dinghy tal-ERCC kellha blue lights. Ikkonferma li ma jaghmlux hoss bhal tal-ambulanza.

**Paul Parnis** xehed fis-seduta tat- 12 ta' Marzu, 2019 li xoghlu fl-ERRC huwa membru fil-kumitat u water rescue supervisor. Rigward Mark Portelli qal li huwa membru tal-ERRC u kien qed isuq id-dghajsa, ir-rescue boat ta' Kemmuna. Huwa gharaf lill-imputat. Ma jiftakarx id-data meta sehh l-incident.

**Claivon Mario Said** xehed fis-seduta tat- 12 ta' Marzu, 2019 li kien qieghed fuq id-dghajsa waqt li gara kollox. Id-dghajsa tal-ERRC. Spjega li '*aħna konna sejrin lejn Għawdex b' pazjent ieħor u irkibna fuq id-dgħajsa u qabel ma tlaqna għal Għawdex kien hemm Joseph ta' Trasport Malta u qalilna jekk jistax jiġi magħna lejn Għawdex. Aħna għidnilu iva, ma tafx, u bdejna sejrin, xegħlna l-blue lights, u waqt li sejrin jien kont qiegħed ħiereġ il-life jackets mill-compartment*'. Beda johrog il-life jackets mill-compartment mill-quddiem tad-dghajsa, '*Waqt li kont qed noħroġhom nisma' daqqa, inħares lura u nara l-ankra tas-Sea Adventure tħokk mad-dgħajsa tagħna u ttielgħa 'l fuq. U nara lil Joseph kien qieghed weġġa*'. *Jien mort ngħinu kif stajt.*' Spjega '*Ahna konna mal-puntun u Joseph rikeb magħna u mbagħad tlaqna -*' Kien fuq id-dghajsa maghhom Joseph Muscat ta' Trasport Malta. Spjega '*Tlaqna u nisma' d-daqqa tal-ankra tas-Sea Adventure ma' tagħna, inħares lura u nara l-ankra tiela' u nara lil Joseph weġġa*'.' L-ankra tas-Sea Adventure ta' Jonathan. Spjega li '*L-ankra ta' Jonathan li ħabtu ġo fina. Ok. U mbagħad jien mort ngħin lil Joseph, għintu kif stajt u bqajna sejrin dritt ghall-ambulanza li kien hemm tistenniena Għawdex.*'

Spjega li '*Aħna kellna l-blue lights.*' Mistoqsi jekk l-opra l-ohra ghamlet xi sinjali wiegeb '*Jien ma smajt xejn, ma rajt xejn.*' Mistoqsi rahiex tirriversja wiegeb '*Le, jien kont qed noħroġ il-life jackets mill-compartment ta' quddiem tad-dgħajsa tagħna.*'

In kontro-ezami xehed li fuq id-dghajsa kien hemm hu, Mark Portelli id-driver, Joseph ta' Trasport Malta u zewg pazjenti ohra. Wiehed minnhom kien sejjer ghall-ambulanza u l-iehor kien il-habib tieghu imma ma kienx daqshekk serju. Ma kellux bzonn l-ambulanza u mbaghad kien hemm tnejn ohra, relatives taghhom. B'kollox kienu sebgha (7) fuq id-dghajsa. Hu kien qed johrog il-life jackets ghal passigiera,

waqt l-incident is-Sur Muscat kien qieghed izomm mal-frame ta' barra tad-dghajsa. Kien qed izomm mad-dghajsa bażikament. Hu kien qed johrog il-life jackets mhux is-Sur Muscat. Is-Sur Muscat kien fuq din l-opra tal-bahar biex jaghtuh lift ghal Ghawdex.

Ikkonferma li l-ankra tas-Sea Adventure laqtet id-dghajsa tal-ERRC. Milli setgha jifhem s-Sea Adventure kienu qeghdin jirriversjaw u jtellghu l-ankra. Qed jassumi. Is-Sea Adventure kien qieghed jaqla' minn mal-moll. Ma kienx qieghed ihares, kien qieghed johrog il-life jackets. Il-bahar kien kalm minghalih. Jispjega li biex tohrog minn fejn kienet hi bilfors trid tirriverjsa. Pero ikkonferma li kemm kienet irriversjat, kinitx ghadha kemm bdiet timxi jew kinitx ghadha ha tibda taqla mhuwiex f'pozizzjoni li jghidilhom.

Ikkonferma li s-Sur Portelli kien qieghed isuq b'velocita baxxa. Mistoqsi '*Naqblu wkoll li l-ankra ma kintix stivata, la laqtet il-pilastru tad-dgħajsa li kontu fiha intom, l-ankra tas-Sea Adventure kienet barra, imdendla. Hux hekk?*' wiegeb '*Iva iva. U x'ħin ħabtet magħna kinet għadha tiela*' '*l fuq. Rajtha tiela*' '*l fuq.*'

Mistoqsi jekk din il-fare way hemm xi restrizzjonijiet, jekk hi dejqa li trid timxi fuqha bilfors wiegeb '*Le mhux bilfors. Imma f'din il-fare way ħadd ma jkun jista*' *jipparkja bażikament. Ħadd ma jkunx jista jankra.*' Ma jiftakarx jekk fuq in-naha l-ohra kienx hemm xi ostakli, setgha kien hemm xi dghajjes izda ma jiftakarx.

**Jeanette Axisa** stazzjonata Trasport Malta fis-seduta tat- 8 ta' Mejju, 2019 xehdet li x-xoghol taghha huwa ta' Chief Officer fi Trasport Malta u wahda mill-mansjonijiet responsabilitajiet li ghandha hija human Resources. Joseph Muscat sar impjegat ta' Trasport Malta f'Settembru, 2016 bhala Enforcement Officer u huwa stazzjonat Ghawdex. Fis- 26 ta' Awissu, 2018 dahal rapport, kien il-Hadd, dahal rapport fuq

email li dan sar accident. L-ghada huma gabru l-informazzjoni internament u fethu notifika fl-insurance ghax huma ghandhom polza li tkopri l-impjegati kollha tat-Trasport Malta ghal accidenti li jistghu jigru fuq il-post tax-xoghol taghhom. Minn dakinhar 'il hawn qed jahdmu biex huma jkollhom din il-kumpens. Lil impjegat taghhom ma jiprovdulhomx trasport, huwa jrid jahseb b'tieghu privat. Milli fehmet u milli qalulha hu mar b'opra taghhom milli jidher, mistoqsija '*Imma dan ġara l-inċident fuq opra privata*' wiegbet '*Li kellu jiġi lura.*' In kontro-ezami qalet li l-claim bhalissa ircevew id-dokumenti kollha, id-dettalji kollha u waslu biex jaghlqu jisperaw. Ma ghandhomx indikazzjoni li se jhallsu tal-insurance izda talbuhom informazzjoni, rapporti kollha. Hija xehdet dwar min huma l-panel of underwriters u cioe' Middle Sea, Gasan Mamo, Atlas.

**David Saliba** xehed fis-seduta tat- 8 ta' Mejju, 2019 li huwa fl-ghaqda tal-Emergency Response Rescue Corps, ilu sentejn jahdem volontarjat bhala life guard maghhom u s-sajf qattghu maghhom. Spjega li '*Jien kont fuq it-torri tal-Blue Lagoon fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu fejn ġrat kolliżżjoni ben dgħajsa tal-life guards tagħna ma' vapur tat-turisti, is-Sea Adventure, fejn jien rajtu mit-torri li seħħ rajtu mit-torri.*' Il-hin kien wara nofsinhar, ma jafx ezatt. Ma jiftakarx liema gurnata tal-gimgha kienet. Spjega li '*Jien li rajt dak aħna niċċekkjaw, kien hemm xi pazjenti sejrin Għawdex, u kont qed niċċekja f'hiex waslu għax id-dgħajsa kienet se titlaq. Kif kont qed niċċekkja nara d-dgħajsa tagħna ħierġa u s-Sea Adventure qed isuq b'lura fuq id-dgħajsa tagħna. hekk kif ġrat il-kolliżjoni d-dgħajsa tagħna saqet aktar malajr u telqet l-isptar. Id-dgħajsa tagħna kienet bil-blue lights u ma smajt xejn bħala sound signals u hekk.*' Is-sound signals ried jismaghhom mill-vapur li kien sejjer bl-estern u cioe' is-Sea Adventure. Id-dghajsa taghhom kien qieghed isuqha Mark Portelli u s-Sea Adventure kien qieghed isuq Jonathan li gharaf bhala l-imputat Jonathan Grech. Billi t-torri tal-life guards qieghed naqra' l boghod huwa dak il-hin ma setghax jara fid-dettal x'gara bhala injuries u damage mad-dghajsa. Mistoqsi f'liema parti tad-dghajsa laqtitha s-Sea Adventure wiegeb fuq l-istar board, fuq ir-right. Mit-torri ma bedax jara fejn kienu n-nies bilqeghda. Kien hemm zewg pazjenti, tnejn mill-crew u tat-TM.

In kontro-ezami qal li kien fuq it-torri tal-lifeguards, il-Blue lagoon. Kien qed jara. Il-blue lights jinxtelghu qabel ma jitilqu. Ikkonferma li qabel ma telqet xelghu l-blue lights u rahom mexjin. Bhala speed Mark Portelli kien ghaddej bil-mod. Kien se jitlaq minn mal-pont u kien se jzomm mal-istar board side tal-fare way. Kien ghaddej minn fuq il-*fare way* dak il-hin. Ikkonferma li tas-Sea Adventure irriversja ghal fuq id-dghajsa tal-EERC. Signal ma semax li se jirriversja. Minn fejn ikun issoltu jisimghu kieku kellu jdoqq il-horn. Dak il-hin ma kellux cans jaghmel xi haga ghax kif hares gara li gara. Mistoqsi jekk is-Sur Portelli kellux cans jimmanuvra wiegeb li hu ma rax li seta' jaghmel xejn.

**Monique Caruana** xehdet fit- 8 ta' Mejju, 2019 fejn spjegat li tahdem mal-ERRC fis-sajf bhala life guard. Id-data kienet fis- 26 ta' Awwissu. Kienu qeghdin fuq it-torri u kienu nezlin b'zewg pazjenti ghal fuq id-dghajsa. Telghu l-pazjenti fuq id-dghajsa u kienet xoghol dakinhar imma hi ma telghetx fuq id-dghajsa. Sakemm hargu bid-dghajsa u b'kollox kienet fuq l-art ma' pazjent iehor. Jigifieri ma semghet xejn u ma rat xejn tal-incident. Sakemm telghet fuq it-torri kien diga' sehh l-incident. Jigifieri ma rat xejn min naha taghha u lanqas semghet. Saret taf bl-incident ghax qalulha l-kollegi li kienet maghhom fuq ix-xoghol.

L-imputat **Mark Portelli** xehed fid- 19 ta' Gunju 2019 fejn spjega li nhar is- 26 ta' Awwissu, 2018 kien qieghed xoghol Kemmuna fuq id-dghajsa l-ambulanza tal-bahar li ghandha l-ERCC. Kien qieghed bhala driver. Ghal habta tal-erbgha nieqes ghoxrin (3:40) inqala' incident, zewg incidenti insomma separati fejn wiehed minnhom kien wegga' sew u riedu jiehduh l-isptar. F'każ iehor separat kien hemm persuna ohra li wkoll kellha bzonn assistenza medika. Ghal bidu irrifjutaw l-assistenza taghhom pero' wara ikkonvincewhom biex joffrulhom it-trasport lejn Ghawdex u igibulhom ambulanza biex jiehodhom l-isptar.

Xehed li qisu ghall-erbgha neqsin hamsa (3:55) qala id-dghajsa minn mal-moll u ipprepara id-dghajsa ghat-trasport, xeghlet id-dwal bluni biex juri li qieghed fuq emergenza u trakka mal-moll biex jghabbi l-pazjenti. Ipprepara d-dghajsa ghal vjagg u xeghel id-dwal bluni u ipprepara biex jitilghu l-pazjenti abbord. Maz-zewg persuni kien hemm zewg persuni vicin taghhom jigifieri wahda minnhom nahseb kellha l-gharus u l-iehor kellu l-gharusa mieghu wkoll. Maghhom kellu life guard iehor minn tal-ERCC Claivion Mario Said u abbord ukoll kien hemm is-Sur Joseph Muscat li offra li jaghtihom l-assistenza tieghu wkoll, li hija haga li jaghmlu hafna, jaghtuhom hafna ghajnuna ta' Trasport Malta. Xehed li inqala minn mal-moll, sadanittant beda nipprocedi lejn Ghawdex. Zamm man-naha tal-lemin tal-fairway kif suppost skont regola numru 9 u kien hemm l-impatt mal-pilastru ta' wara l-lemin tad-dghajsa. Kien ghaddej qisu erba' ghoqiedi. Kien hemm l-impatt bejn il-pilastru ta' wara tal-lemin tat-tinda tad-dghajsa tieghu u l-ankra tal-opra tal-bahar is-Sea Adventure. L-ankra kienet fuq in-naha tal-poppa. Tal-pruwa jahseb tigi. Is-Sea Adventure kien qieghed jirriversja dak il-hin. Id-dghajsa li kien qed isuq hu fiha seba' metri u nofs (7.5m) u d-dghajsa Sea Adventure jekk mhux sejjer zball jahseb fiha harira fuq ghoxrin metru. Ma jafx kemm tesa s-Sea Adventure.

Mistoqsi x'inhi r-raguni li ma indunax li dan qed jirriversja wiegeb '*Jien ma smajt l-ebda warning fuq is-suffara tal-vapur. Ma hadtx, ma kelliex sinjal li kien juri li kien qed jirriversja.*' Wara l-incident '*jien qbadt u tlaqt lejn Għawdex. Rajt lill-ieħor weġġa' sew, lis-Sur Muscat, weġġa' sew. Għidt lil-lifeguard minn tagħna jagħtih l-ewwel għajnuna sa xhin jien kont qed insuq lejn Għawdex.*' Fil-hin tal-impatt is-Sur Muscat kien qieghed warajh u kien qed jghin u jaghti l-assistenza tieghu lil pazjenti, jigifieri ghax kellna pazjent u dik vicin tieghu fuq wara u pazjent iehor u dik vicin tieghu fuq quddiem. U kien hemm is-Sur Muscat fuq wara jaghti l-assistenza tieghu biex jilbsu l-lifejackets lil pazjenti ta' wara. Is-Sur Claivion Mario Said kien qieghed fuq quddiem jaghmel l-istess mal-pazjenti ta' quddiem.

**<u>Din il-Qorti mhijiex sejra tqis din ix-xhieda moghtija minn Mark Portelli u dan stante li bhala ko-imputat, ix-xhieda tieghu ma taghmilx prova fil-konfront tal-appellant li huwa ko-imputat.</u>**

L-imputat **Jonathan Grech** xehed fis-seduta tal- 5 ta' Novembru, 2019 fejn spjega li '*Jiena kont fuq is-Sea Adventure, kaptan fuq is-Sea Adventure, bħalma dejjem nidħol, nidħol bil-quddiem, all right, mhux bħad-dgħajjes l-oħra jidħlu b' lura, bil-quddiem u naqbdu l-ħabel minn wara. Issa xħin inkunu ħerġin aħna dejjem indoqqu l-horn, tlett darbiet lura, u jaqbad il-ħabel jiġbdu lura u xħin ngħidlu jitilqu biex jien naqdef 'il quddiem, il-ħabel jitlaq. Ovvjament xħin għidtlu armi l-ħabel, il-ħabel baqa' mwaħħal għax il-crew tiegħi xħin rah ġej id-dingħy qabad u telaq il-ħabel u ħallih marbut jiġifieri mad-dgħajsa. Qabad l-ankra, jiġifieri l-ankra ħabat mal-ankra għand għandi l-ankra ħierġa 'l barra, l-ankra qiegħeda ħierġa 'l barra nofs metru u laqatha, taha daqqa l-ankra u tefagħhieli n-naħa l-oħra.*' Jigifieri l-ankra tqila mitt kilo (100kg.)

Is-Sea Adventure fiha erbgha u ghoxrin (24) metru, tesa mitejn u hamsin (250) u tqila xi sebghin tunnellata. Jaghmlu trips minn Bugibba bit-turisti, trips bejn Malta, Ghawdex u Kemmuna.

Tidhol bil-quddiem, wiccha lejn il-blat u torbot quddiem u wara, habel wiehed quddiem, katina ghoxrin pied minhabba l-piz u lura ma jistax imur hafna ghax il-habel zewg metri kulma fih. Jorbota fuq quddiem u fuq wara.

Spjega li '*Jiena meta nkun sejjer lura għandi crew quddiem biex jarali quddiem biex jara hemmx xi dgħajjes, wieħed wara biex jiġbidli l-ħabel, kif morna lura, daqqejt il-ħorn tlett darbiet, biex immur lura qed jiġbidli l-ħabel dan -*' Imur lura kif jitilqu l-hbula minn quddiem. Kif jitilqu l-hbula minn quddiem ovvjament id-dghajsa wahidha tmur lura ghax hemm katina, kif jitilqu l-hbula, hi terhi, il-crew tieghu jigbed il-habel. Spjega li '*kif għidtlu, "Throw the rope," ma telqux għax kif ra d-dingħy ġej, hu qabeż 'il ġewwa, u d-dingħy baqa' dieħel -*' Biex ma jintlaqatx. Spjega li '*U qabad l-ankra ta' wara u tefaghhieli n-naha l-ohra.*' Spjega li '*dak il-ħin kont waqaf, għidtlu, "Throw the rope," kif qdift 'il*

*quddiem, ħabat ġo fija. Kieku jiena kont sejjer lura iżjed, l-ewwel nett ma stajtx immur lura għax ghandi l-ħabel taħti, jiena ma nistax immur lura, all right, kieku jiena ma mortx 'il quddiem, id-dingħy kien jeħel miegħi.'* *Ma setax imur lura ghaliex hemm il-habel fuq wara mhux bhad-dghajsa l-ohrajn, il-habel tieghu qieghed fuq wara, jidhol gol-iskrun, jigifieri xħin imur lura nghidlu "Throw the rope", il-habel bir-ragga tal-iskrun jintrema', jintrema' ' l hemm, u jiena niksirlu hekk, nikser, jiġifieri l-catamaran idur hekk, idur hekk, fhimt? imbagħad immur lura, imma dakinhar kont sejjer 'il quddiem, ...'il quddiem biex indur hekk.'* Spjega li '*Jiġifieri jiena dort hekk u l-moll fejn baqa' dieħel id-dingħy minn dik in-naħa ħareġ. Jiġifieri d-dgħajsa tiegħi ġiet hekk.*' Starboard. Spjega li '*Il-moll fuq din in-naħa qiegħed, hawnhekk wara, all right, fejn qed jaqbad il-ħabel, minn fuq l-istarboard ġie d-dingħy, fejn jien kont kif dort hekk, hu baqa' dieħel ġol-ankra tiegħi.*'

Dwar l-ERCC qal li '*Rajtu għamel manuvra hu, kien mal-moll, imma mbagħad kif ħriġt jiena, ma nafx, baqa' dieħel ġo fija.*' Ma jistax jghid minn fejn hareg. Gie mitlub jaghmel cirku fejn ikun hu fuq JGX2 dejjem fl-istess post. Ghamel rapport filghaxija x'hin mar lura lejn Bugibba mar l-ghassa u ghamel rapport li baqa diehel go fih hu u anke cempel lil Transport Malta mal-ewwel lil David Bugeja li huwa l-harbour master u infurmah x'gara u ma garax. Id-dinghy tal-ERCC habtet mal-parti ta' wara, l-ankra hierga 'l barra xi nofs metru. Hu habat mal-ankra u l-ankra taret u giet fuq id-deck. Huwa kkonferma li l-ankra li tidher fir-ritratt hija l-ankra tad-dghajsa tieghu.

Jghid li dejjem daqqu l-horn u anke jdoqqu minhabba n-nies ukoll. Meta jkun ha jitlaq idoqq tlett darbiet estern, ikollu crew quddiem, infatti jkollu tnejn, u jkollu wiehed biex jaralu wara u biex jigbidlu l-habel fl-istess hin. Idoqq ghat-turisti qabel u idoqq tlett darbiet meta ha jaghmel din il-manuvra. Dejjem hemm jorbot hu. Ikkonferma li bhala area ikunu ankrati d-dghajjes tat-turisti u warajha hemm zone tal-*pleasure* u n-naha taghhom hi tal-commercial fejn jidhlu huma. Mill-mument li sehh l-impatt bejn id-dinghy tal-ERCC u d-dghajsa tieghu, l-appellant hareg distanza '*Forsi minn hawn u int, xi ħaġa hekk, għax il-ħabel ta' wara ma nistax immur iktar lura, għax inkella naqbdu ġol-iskrun.*' Kien limitat kemm johrog il-barra mill-blat.

Spjega li gol-fairway ma jistax ikun ghax dakinhar ma kienx maltemp qawwi. Meta jkun qawwi hafna l-bahar, jitfa' l-habel, imbghad imur b'lura u jmur lejn ilbic, imma dakinhar le. Kien sejjer il quddiem ghax idawwar lejn il-port. Mhux jirriversja right angle ghax difficli biex tohrog hekk minhabba l-bagi fin-nofs. Mhux vera li kien gol-fairway.

In kontro-ezami qal li ma jafx fejn id-dinghy tal-ERRC kien sejjer. Mistoqsi jekk fil-mument li habtu kienux in motion, wiegeb '*Aħna konna ħa nagħmlu manuvra lura, jien xħin rajt kullimkien li huwa clear, jien l-aħħar li rajtu lilu kien qiegħed along side mal-moll. Issa, dan ma nafx jiena kif ħabat hu. Jiena ghandi cameras; jiena kulma smajt id-daqqa u daqshekk hu ma nistax ngħidlek marx 'il quddiem, lura, għax inkun qed nigbeh.*' Semgha d-daqqa. I-dghajsa tal-ERRC kienet mal-moll izda ma jiftakarx ezatt kif kienet. Jghid '*mela jiena kont naf li ħa jsir aċċident, ħa ngħid, all right, ħa nara 'l fejn kienet tħares id-dgħajsa!*' Fil-mument li sema l-habta il-pruwa 'l barra kien. X'hin hareg jigri jara x'gara, id-daqqa 'l barra u waqaf. Ikkonferma li l-ERCC kienet fid-direzzjoni biex tohrog il barra '*xħin laqatni waqaf xi mitt metru (- 100m) 'il barra tant kemm kien ġej bl-ispeed, mhux weħel ġo fija, tant kien sejjer bi speed, waqaf xi mitt metru (-100m) fejn l-Atlantis, il-vapur il-Captain Morgan, kien ħafna 'il bogħod.*' Baqa sejjer bl-ispeed, laqat l-ankra, taghha daqqa. Induna bid-daqqa, kienet daqqa kbira. Spjega '*Ħareġ mitt metru (100m) 'il barra, waqaf, rajt lil ieħor sejjer hekk b'idejh, ma kontx naf x'ġara, imbagħad tah gas down u baqa' sejjer lejn Għawdex.*' Ma marx lura lejn ix-xtajta. Jahseb li habat mal-ankra ghax l-ankra taret. Qabzet mir-railing u giet hawnhekk. Baqghet fuq id-dghajsa. Spjega '*għax marbuta bi clipp hawnhekk imma xħin ħadet daqqa, hi, għawwiġli din il-ħadida ta' hawn, u ġiet hawn fuq, li kieku ħabat mad-dgħajsa kien jeħel, ma weħilx mad-dgħajsa għax jiena ma kontx qed sejjer lura, jien kont sejjer il-quddiem għax dan il-ħabel ta' hawnhekk għidtlu jarmih, imma fil-fatt kien għadu marbut hawnhekk, ħalli l-mewġa tarmih 'il hemm, fhimt?*' Qabel ma telaq minn max-xtajta, id-dghajsa tal-ERRC rahha mal-moll, sorguta. Ma jafx jekk telqux flimkien. Meta kienet sorguta mal-moll kien hemm distanza ta' jahseb izjed minn tletin (30) metru. Kull ma hemm moll. Jahseb li hemm mitt pied, minn hemm ghal hawn, jahseb hemm izjed. Hemm izjed zgur. Ghax id-dghajsa tieghu tletin (30) fih wiesgha. Id-dghajsa tal-ERRC baqghet diehla go fih. Ikkonferma li daq il-horn kemm il-darba, tlett darbiet.

**Dottor Robert Vassallo** xehed fis-seduta tal- 5 ta' Novembru, 2019 ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn prezenta kopja tan-notice to mariners 27/2018 bhala Dokument RV1. Dawn johorguhom bhala Awtorita' sabiex jaghmlu zoni esklussivi ghall-ghawwiema u li go fihom ebda bastiment jew opra tal-bahar ma jistghu jidhlu. Ikkonferma li huma jimmarkaw s-sections u hemm il-pjanti maghha. Johorgu zewg notices to mariners kull sena, wahda ghal Kemmuna biss u wahda ghal bajjiet l-ohra madwar Malta u Ghawdex fejn fihom ikun hemm kull bajja specifikata bil-pozizzjonijiet tal-hbula li jimmarkaw dawn iz-zoni, u chart, chart ta' kull bajja kif inhuma immarkati. Figure one (1) hija l-bajja ta' Blue Lagoon. Huma saru jafu bl-incident. Spjega li kull investigazzjoni li jaghmlu huma f'kazijiet bhal dawn huwa mhux biex isibu tort ta' min hu imma minhabba sigurta' ta' navigazzjoni u biex jaraw jekk hemmx bzonn xi intervent minn naha taghhom. F'dan il-kaz talbu rapporti kemm tal-Kaptan tas-Sea Adventure, kemm tal-ERRC u kemm tal-impjegat taghhom, ircevew biss zewg rapporti, dak tal-ERRC qatt ma wasal, u anke kienu baghtulhom xi zewg tfakkirijiet imma qatt ma wasal, imma mbaghad gew infurmat li l-pulizija kienu qeghdin jinvestigaw ukoll il-kaz minhabba li wegghet persuna u minn naha taghhom huma kienu waqfu.

**David Bartolo** xehed fil-5 ta' Novembru, 2019 fejn ikkonferma li huwa sid ta' dghajsa li jahdem f'Kemmuna. Din hi dghajsa tat-turisti. Huwa jankraha Blue Lagoon fejn id-dghajsa Sea Adventure. Meta sehh l-incident kien fuq wara tad-dghajsa tieghu. Semghu jdoqq il-horn tlett darbiet, kien miexi b'lura u minn naha l-ohra kien hiereg id-dinghy, hareg b'lura u f'daqqa wahda sema' hoss, malli hares lura jara l-ufficjal ta' Transport izomm idejh bejn saqajh. Id-dinghy naqqas ftit dak il-hin, imbaghad baqa' sejjer ghall-Imgarr. Waqaf naqra izjed il-quddiem fejn id-dghajsa s-Sea Adventure ghax ir-rih hadu naqra ohra 'l quddiem.

In kontro-ezami mistoqsi jekk ra iz-zewg dghajjes hiergin b'lura, it-tnejn li huma wiegeb '*Le, waħda smajtha, kien qed jagħti indikazzjoni li ħiereġ b'lura u d-dinghy kont qiegħed narah qiegħed jaqla' minn mal-moll ta' ġewwa ta' Blue Lagoon, b'lura.*' Xehed li '*smajt ħoss, inħares lura, rajt lil ta' Transport iżomm idejh bejn saqajh, id-dingħy naqqas, imbagħad baqa' sejjer għall-Imġarr.*' Id-dinghy tal-ERRC kien miexi bil-quddiem, infatti l-ankra laqatha bir-rack li ghandhom fuq. Bir-rack li ghandhom bhala tinda. Bil-parti tal-genb tad-dinghy. Mistoqsi '*Jiġifieri kien għadu ma ħax id-direzzjoni biex joħroġ 'il barra mill- -?*' wiegeb '*U żgur li kien ħa d-direzzjoni biex joħroġ 'il barra. minn mal-moll għal fejn kien hemm id-dgħajsa bilfors trid tkun dort.*' L-impatt kien lagenba. Fil-genb tad-dghajsa mal-ankra. Spjega '*Jien ħarist infatti għax smajt id-daqqa. u kif smajt id-daqqa rajt l-uffiċċjal ta' Transport iżomm idejh bejn saqajh.*' Id-dghajsa Sea Adventure kienet qieghda miexja lura. Spjega li '*Ma kienx għadu miexi; malli ħabat, jien smajtu jdoqq tlett (3) darbiet, malli ħabat jiġifieri ma nistax ngħid jekk kienx għadu miexi b'lura jew kien waqaf.*' Mistoqsi '*Jekk tistax tikkonferma d-dgħajsa tal-ERRC kienitx fuq il-fairway?*' wiegbet '*Hemmhekk fairway hemm, ma tistax taqbeż il-fairway; fairway hemm. Jiġifieri biex taqbeż il-bagi tal-fairway trid qisek tmur in-naħa l-oħra ta' Kemmunett. iva, fil-fairway kien.*' Hemm il-moll fejn jorbtu d-dghajes. Ma' kemmunett jankraw id-dghajjes, mhix fairway. Hemm parti fejn jorbtu d-dghajsa bil-poppa l-art, u n-naha l-ohra hemm fen jankraw id-dghajjes tal-privat. X'hin semgha l-hoss, id-dghajsa ta' Jonathan kienet fil-parti ta' fejn jankraw id-dghajjes. Il-mooring area for commercial vessels. Kienet ghadha hemm x'hin semghha ddoqq il-horn biex tibda timmanuvra. Minn quddiem kien qalahom il-hbula. Ma jafx fejn kienet id-dghajsa tal-ERRC, jekk f'din il-bicca jew le ghax il-fairway mhijiex xi fairway kbira. Ma jistax jghid b'certezza kinitx fil-fairway jew fil-commercial area.

Quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali xehed **Noel Grech** fil- 11 ta' Dicembru, 2020 fejn spjega li dakinhar jiftakar kien is-sajf f'Awwissu, 2018 kien hdejn il-gabbana ta' siehbu Karmenu Refalo f'Kemmuna. Jiftakar li sehh incident fil-bahar, ra pazjent jitghabba fuq dinghy tar-red cross. Kien hemm pazjent fuqu mindud minn tulu flimkien ma' driver isuq id-dinghy u zewg persuni ohra fuqu. Dan id-dinghy

qabel kien sorgut fuq in-naha tal-moll fuq in-naha ta' gewwa. Gie muri fol 95, 96 u 97 tal-atti u qal li dawn juru l-location tal-Blue Lagoon. Ir-ritratt gie mehud minn hdejn il-latrina. Fid-dokument esebit a fol 96 il-mol jidher zghir ghax qieghed fuq in-naha ta' gewwa. Muri d-dokumenti a fol 95 u 97 immarka bl-ittra 'A' fejn kien ix-xhud, il-vizwali li kellu. Immarka bl-ittra 'B' fuq it-tlett dokumenti fejn kien id-dinghy tar-red cross. Fejn id-dinghy ma kienx hemm kommossjoni izda hares lejn id-dinghy ghaliex kien hemm l-incident u ra persuna titella fuqu. Id-dinghy telqet bi dritt ghal pompa tal-Catamaran wara li ghabbiet il-persuna. Id-dinghy telaq min naha tal-Jetty u il-beacon ma kellux beacon lights zgur mixghula dak il-hin. Jaf li d-dinghy habat mal-Catamaran. Spjega li rah jigbed lejn il-pompa tas-Sea Adventure. Id-driver u l-persuna ta' hdejh bdew iharsu lura. Ma kienx hemm nies jghumu f'dawk l-ekwati dak il-hin. Dehrlu li inqala panic fuq id-dinghy u raha stramba kif id-driver ma rax fejn kien sejjer. Is-Sea Adventure kien f'posizzjoni qisu marbut. Il-passarella kien ghadha fuq il-blat. Ghalih stabbli kien. Mar izjed minn darba kemmuna. Il-Catamaran kien sorgut f'post fejn titnizzel il-passarella.

In kontro-ezami xehed li l-jum jaf li kien il-Hadd f'Awissu meta kellu shut down. Nies kien hemm hafna. Huma kienu bit-tfal. Kienu xi tmienja jew ghaxra. Kienu ilhom gurnata hemm minhabba t-tfal, ghadu fl-istess post biex ma joqghodux fix-xemx u meta jinzlu t-tfal jghumu ikunu jisthu jarawhom. Il-hin tal-incident kien wara nofsinhar. Ma jafx x'inqala fuq id-dinghy pero mill-mossi taghhom deher li kien gara xi haga. Kien boghod mill-moll pero seta jirrikonoxxi bniedem. Boghod xi ghaxar darbiet tul l-awla. Id-distanza ta' quddiem tal-Catamaran kien tul ta' passarella. Muri fol 78 u mistoqsi jekk id-dinghy gibidx bid-dritt qal li iva. Is-Sea Adventure kien fl-ekwati markati bin-numru 12. Is-Sea Adventure ma qabizx id-dotted line fejn hemm in-number 11 u l-baga tal-Fairway *(minkejja li t-transcripts jghidu 'Farewell')*. Zgur li 'l barra mill-baga tal-'*farewell*' ma kienx. Fil-bajja kien hemm dghajjes ohra.

In ri-ezami gie muri ir-ritratt a fol 303 u jghid li hemm wiccu. Ir-ritratt tellghu facebook dakinhar tal-incident jew l-iktar l-ghada. Zgur li f'dak il-perjodu. Is-Sea Adventure kien boghod minn mal-blat. Il-passarella tibqa' imwahla tul il-vjagg. Muri fol 78 qal li hemm dotted line 8, 9, 10, 11 u 12 fejn kien hemm is-Sea Adventure. Il-baga qieghda man-numru 11. Id-dinghy tar-red cross kien marbut man-naha ta' gewwa. A fol 48 hemm l-jetty muri bejn 1E u 12 qisu rectangle zghir. Id-dinghy zgur li ghadda bejn in-numri 11 u 12.

**Karmenu Refalo** xehed fl-istess seduta quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru 2020 fejn qal li huwa sid il-gabbana li hemm Blue Lagoon. Jaf li ra incident fil-bahar u kienu nizlu tar-rescue b'dinghy. Kellhom pazjenta mara u rabtuha. F'daqqa u l-hin is-sewwieq tad-dinghy qabad rotta ghal wara ta' Jonathan. Minflokk ma qala lejn il-'*farewell*' u hareg l'barra, ghadda minn wara tal-Catamaran li kellu l-hbula marbutin. Kemm il-hbula ta' quddiem kif ukoll dawk ta' wara kienu marbuta. Il-habta ma semghahiex pero is-soltu tad-dinghy jaqla 'l barra. Qed jara fol 78 u jghid li z-zona hija dik tal-Blue Lagoon. Qed jimmarka il-gabbana tieghu bl-ittra 'X', fejn kien il-Catamaran bl-ittra 'Z' u fejn kien id-dinghy bl-ittra 'Y'. Is-soltu id-dinghy johrog direzzjoni lejn il-farewell, idur mal-bastiment u johrog ' barra pero dakinhar jaf li pprova jghaddi bejn il-habel u d-dghajsa. FIl-fatt ghadda minn tahtu. Wara ftit waqaf quddiem id-dghajsa Atlantis. Imbaghad xeghel is-sirena u telaq jigri lejn Ghawdex u minn hemm induna li kien gara xi haga. Meta telaq minn mal-blat la kellu dawl u lanqas sireni mixghula, qisu ma kellux emergenza. Id-dinghy saq fid-direzzjoni li qed jaghmel dotted lines hu fuqu a fol 78.

In kontro-ezami xehed li l-incident sehh fis- 26 ta' Awissu, 2018 u kien il-Hadd. Nies kien hemm fl-ekwati. Kien boghod minn dan kollu li sehh. Kien hemm distanza ta' xi 37 metri bejn id-dinghy u fejn kien hu. Bejn is-Sea Adventure u fejn kien hu kien hemm xi 47 metri. Il-gabbana tieghu tigi faccata il-bajja. Wara it-3:00pm in-nies bdew

jitilqu. Il-hin tal-incident kien cirka 4.30pm meta in-nies kienu gja naqsu. Dak il-hin ghalhekk kien qed jghid kelma ma xi habib waqt li l-haddiema kienu bdew inaddfu. Cert li d-dinghy waqaf, xeghel id-dawl u s-sireni u mhux xeghlhom qabel ma saq lejn is-Sea Adventure. Is-sirena semaghha. Dak il-hin il-vapuri l-ohra kienu gja telqu zgur. Fis-sajf fil-bidu tieghu ta' din is-sena iltaqa' ma Jonathan Grech u staqsieh kif kien baqa fuq il-kawza li kellu dwar l-incident li sehh Kemmuna u qallu li kien instab hati u li kien fuq appell. Spjega li '*Jien ghedtlu 'kif gara hekk jien rajt kollox ta u rajt li ma kienx tort tieghek*'. Spjega li ghall-ewwel ma riedx jixhed ghaliex il-vitma kien mizzewweg lil kugina tieghu. Imma meta ra din l-ingustizzja, iddecieda li jigi jixhed. Ghalhekk hass li kellu jaghmel hekk f'isem il-gustizzja.

In ri-ezami  mistoqsi jekk is-Sea Adventure tharrikx, qal li ma tharrikx ghax kellu l-hbula marbuta. Is-Sea Adventure idawwar fl-istess post imbaghad johrog bil-quddiem.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fl-appell tieghu jaghmel osservazzjonijiet dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn jargumenta li l-Qorti naqset li timmotiva d-decizjoni taghha. Jissottometti li dan in-nuqqas huwa izjed lampanti tenut kont il-mod dettaljat, voluminuz u metikoluz li bih trattat l-gurisprudenza u d-dottrina, li jikkontrasta ferm mal-mod qasir u ekonomiku li bih il-Qorti fliet il-provi fil-konkluzzjonijiet dwar ir-responsabbilta' sabiex waslet ghall-gudizzju finali.  Fost sottomissjonijiet ohra jghid li certu osservazzjoijiet li saru mill-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet gew injorati kompletament, li wassal ghal apprezzament zbaljat tal-provi li konsegwentement wassal ghal sejbien ta' htija erronjament. Li l-Qorti fl-ezercizzju taghha qabdet u attribwiet il-htija lill-appellant bhala wiehed mill-ko-imputati, minghajr ma ghamlet analizi akkurata dwar jekk jezistux provi in atti li juru htija fil-konfront ta' kull ko-imputat separatament. Issottometta li l-Qorti mhijiex obbligata bil-fors li ssib htija fil-

konfront ta' wiehed minnhom, trid taghmel zewg ezercizzji separati u tara xi provi hemm fil-konfront ta' kull wiehed sabiex tgahddi zewg gudizzji fil-konfront ta' zewg ko-imputati f'sentenza wahda. Li fil-konkluzjonijiet l-Ewwel Qorti kkritikat l-agir tal-ko-imputat Jonathan Grech, izda wiehed isib vacuum totali dwar l-agir tal-ko-imputat Mark Portelli daqs li kieku mhux akkuzat u ma jridx isir gudizzju fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti tibda billi taghmilha cara li kif tajjeb meqjus mill-appellant u anke l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, sentenzi li ma jkunux motivati ma humiex nulli u dan stante li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrikjedix li sentenza tigi motivata. Din il-Qorti temfasizza li l-htiega li sentenzi jkunu motivati hija importanti kemm ghal partijiet li jkollhom spjegazzjoni cara ghala instabet il-htija jew meta l-imputat ikun gie liberat, u in oltre' anke f'kaz li dik is-sentenza tigi appellata, il-Qrati tal-Appell ikunu f'posizzjoni li jiznu jekk abbazi ta' dak ikkunsidrat mill-Qorti fis-sentenza appellata, il-Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija jew tillibera. Il-Qorti fis-sentenza appellata ukoll ghamlet emfazi dwar l-importanza li sentenzi jkunu motivati.

Illi in kwantu s-sentenza appellata, din il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li ghalkemm is-sentenza appellata hija wahda voluminuza f'dak li si tratta principji legali u regoli, u meta kkomparat ma dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-principji legali u regoli, il-konsiderazzjonijiet dwar ir-responsabbilta' huma ferm aqsar, **ma jistax jinghad li s-sentenza appellata ma hijiex motivata**. Il-Qorti fil-fatt mhux biss ghamlet studju dettaljat dwar principji legali izda anke niezlet ir-ragunijiet kollha li abbazi taghhom waslet ghal konkluzjoni ta' htija fil-konfront tal-appellant Jonathan Grech. Dan naturalment ma jfissirx li din il-Qorti taqbel ma' dak konkluz mill-Ewwel Qorti. Ghalkemm ir-ragunijiet li abbazi taghhom il-Qorti kienet qieghda tillibera il-ko-imputat Mark Portelli ma tnizzlux specifikament, ghalkemm qieset li d-dinghy kien qiegehd jinstaq b'velocita baxxa, dan izda ma jfissirx li s-sentenza appellata hija monka u dan anke meta wiehed iqis li lliberat lil Mark Portelli in vista li kkonkludiet li l-akkadut kien unikament tort tal-appellant Jonathan Grech li ma

zammx *proper lookout*. Il-Qorti qieset li kien l-appellant li kien responsabbli ghall-incident u ghalhekk illiberat lill-ko-imputat l-iehor. Din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tqis jekk kellux jinstab responsabbli l-ko-imputat l-iehor u cioe' Mark Portelli u dan stante li din il-Qorti ghandha quddiemha appell tal-appellant Jonathan Grech u ghalhekk trid tqis jekk il-Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija fil-konfront ta' Jonathan Grech u ghalhekk fit-termini ta' dak imnizzel fl-aggravji tal-appellant fosthom jekk il-provi in atti iwasslux ghal livell ta' prova sabiex tinstab htija. La darba l-Avukat Generali ma appellax mill-liberazzjoni ta' Mark Portelli, din il-Qorti ma tistax tqis jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta li lliberatu mill-htija. In oltre' din il-Qorti tfakkar li kif qieset l-Ewwel Qorti, l-imputati '*jridu jwieġbu għal dan l-aġir tagħhom indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputati, dan il-fattur irid ikun dak li* ***unikament u esklussivament*** *iwassal għall-inċident. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lill-imputati jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut.*' Ghalhekk din il-Qorti gialadarba l-ko-imputat Mark Portelli gie liberat, sejra tqis jekk mill-provi l-Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija fl-appellant Jonathan Grech. Dan l-aggravju qieghed jigi michud u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-tieni aggravju.

Ikkunsidrat;

L-appellant fit-tieni aggravju u cioe' dak bl-ittra 'B' jissottometti li l-provi in atti ma jwasslux ghal livell ta' prova necessarja sabiex tinstab htija fl-appellant. Li huwa zbaljat ir-ragunament semplicistiku li dan kien kaz klassiku ta' opra li qed tirriversja u ghax sehh l-incident, allura jahti awtomatikament l-operatur tal-bastiment li kien qed jirriversja. Li z-zona tinkorpora sia fairway kif ukoll mooring area, li ghandu jkun palezi li jekk il-provi ma humiex univoci dwar id-dinamika u l-lok tal-incident, dan ghandu necessarjament iwassal ghal dubju favur l-appellant.

L-appellant jissottometti li jekk l-incident sehh fil-mooring area, zona fejn mhux permess li jsir navigar u fejn allura d-dinghy tal-ERCC ma kellux jidhol, allura jsegwi awtomatikament li l-appellanti qatt ma kellu jinstab hati. Jekk mill-banda l-ohra wiehed jargumenta li l-incident sehh fil-fairway anke hawn ghandhom jigu kkunsidrati diversi fatturi, fosthom id-domanda kif jista' jkun li l-operatur tad-dinghy ma jarax catamaran kbir daqs is-Sea Adventure jaqla mill-blat u jimxi ghal gol-fairway. Jisottometti li wiehed irid jezamina bir-reqqa t-testimonjanza tax-xhieda, inkluz b'mod specjali il-kontro-ezamijiet, sabiex wiehed jara x'jirrizulta u ma jirrizultax mill-provi, jekk il-provi humiex univoci jew le, u jekk certu dikjarazzjonijiet ta' certu xhieda humiex affidabbli jew le.

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar ix-xhieda tal-parte civile Joseph Muscat fejn jintefa dubju dwar jekk l-imputat Jonathan Grech daqqx il-horn u jaghmel sottomissjonijiet dwar kif hareg id-dinghy. Li filwaqt li Joseph Muscat quddiem il-Qorti jsemmi l-fairway, madankollu minn qari tal-process kollu ghandu jirrizulta li din l-allegazzjoni dwar il-fairway ma tistax titqies bhala sufficentement pruvata. Jissottometti li in kontro-ezami johrog car li dan ix-xhud kien fl-impossibilta' li jindika l-fairway bhala il-point of impact. Li la Joseph Muscat u lanqas Claivon Said ma jsemmi l-fairway *a tempo vergine*. Jissottometti li l-parte civile jghid lil-post ezatt ma jafx fejn. Li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li l-'*Ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway fil-mument tal-incident*' zgur li ma hijiex pruvata mit-testimonjanza ta' Joseph Muscat.

Jissottometti li Claivon Said ukoll ma rax il-kollizzjoni ssehh minhabba li ma kienx qieghed ihares il-quddiem u ghaliex kien okkupat johrog il-lifejackets biex jaghtihom lil passiggieri. Li mhuwiex f'pozizzjoni li jghid f'liema parti sehhet il-kollizjoni. Dwar David Saliba jissottometti li ma kienx fuq id-dinghy tal-ERCC izda mill-PIRS report jirrizulta li kien indikat minn Mark Portelli meta dan tal-ahhar mar jaghti l-verzjoni tieghu lil pulizija l-ghada tal-incident. Jahdem mal-ERCC u huwa kollega tal-imputat Mark Portelli. Ma setax jara fejn kienu n-nies bilqeghda izda li kien jaf

min kien qieghed isuq is-Sea Adventure u jindika lill-appellant. Li l-bastiment Catamaran fejn il-kabina tieghu hi maghluqa u li skont Joseph Muscat l-bastimemt ikun mimli daqs bajda bit-turisti. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet u jghid li jezistu dubji dwar jekk hux vera ra l-incident jew inkella jekk huwiex xhud attendibbli. Li dan ix-xhud li kien hemm hamsa (5) b'kollox fuq l-ERCC filwaqt li Claivon Said jghid li kien hemm seba' (7) b'kollox. Li qal li gieli jisimghu jdoqq il-horn. Li David Saliba sia fil-verzjoni lil Pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti jallega li ra lis-Sea Adventure allegatament ssuq b'lura fuq id-dinghy. Ghalhekk jghid li jekk David Saliba minn fuq il-blat allegatament ra s-Sea Adventure isuq b'lura, multo magis ix-xufier tad-dinghy li kien iktar qrib u bil-vizwali tieghu mhux ostakolata, jekk kien prudenti fis-sewqan, kellu wkoll jara s-Sea Adventure issuq b'lura u jevitaha u l-fatt li ma evitahiex ifisser necessarjament li allura x-xufier tad-dinghy ma kellux *proper lookout.* Li skontu altrimenti, jekk wiehed jirrifjuta tali tezi, tkompli tissahhah it-tezi tal-imputat li mhux veru li l-bastiment Sea Adventure irriversja ghal fuq il-fairway, izda kien d-dinghy tal-ERCC li instaq ghad-dritt minn gol-mooring area, u resaq qrib wisq is-Sea Adventure li dak il-hin kienet ghadha qed ittella l-ankra u timmanuvra biex tinqala' minn mal-blat u kien f'dak il-hin li l-frame tad-dinghy messet bi zbrixx mal-ankra. Li din il-verzjoni hija wkoll korroborata minn nuqqas ta' hsarat fiz-zewgt opri tal-bahar. Kieku s-Sea Adventure saq ghal fuq id-dinghy, kieku l-impatt kien ikun differenti u ikbar, u l-hsarat kienu jkunu ikbar u jigu fuq id-dinghy mhux semplicement kuntatt bi zbrixx bejn il-frame u l-ankra.

Li l-appellant itenni li dan huwa dak li sehh, ossia li kienet id-dinghy li instaqet gol-mooring area qrib hafna tas-Sea Adventure, pero' anke jekk wiehed ikollu ghall-grazzja tal-argument jaccetta t-tezi ta' David Saliba, dan xorta wahda juri responsabilita' fuq Mark Portelli li ma rax what was in plain view. Fl-appell gie sottomess ukoll li l-imputat Jonathan Grech ta l-verzjoni tieghu lil Pulizija dakinhar stess tal-incident filghaxija, fejn huwa tenna sa mill-bidu nett li huwa daqq il-horn li sejjer estern u li x'hin kien ser jirriversja baqa' diehel go fih d-dinghy tal-ERCC, Jonathan Grech offra d-deposizzjoni tieghu ukoll quddiem din l-Onorabbli Qorti. Li

bir-referenza ghal horn, apparti li dan huwa dettal li huwa semma a tempo vergine dakinhar tal-incident, minghajr ma kien assistit minn Avukat tieghu u minghajr ma kien inghata l-ebda disclosure, huwa kien konsistenti u tenna ghal iktar minn darba, anke meta pressat in kontro-ezami li huwa l-horn daqqu kif suppost.

Jissottometti li David Bartolo li jahdem b'dghajsa tat-turisti huwa wkoll go Kemmuna li kkonferma li sema lis-Sea Adventure iddoqq il-horn u li kkonferma wkoll li l-impatt sehh meta s-Sea Adventure kienet ghadha qed timmanuvra biex tinqala' minn mal-blat.

Ghalhekk skont l-appellant il-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-appellanti u minflokk hemm dubji serji liema dubji ghandhom necessarjament imorru favur l-appellant.

Din il-Qorti in vista tal-fatt li gia ghamlet referenza in succint ta' dak li stqarrew u xehdu x-xhieda, sejra tqis dan l-aggravju flimkien mat-tielet wiehed u cioe' bl-ittra 'C' u cioe' l-apprezzament tal-provi zbaljat li irendi is-sejbien ta' htija *unsafe and unsatisfactory*. L-appellant jissottometti li l-provi in atti qatt ma setghu iwasslu ghal konkluzjonijiet li lahqet l-Ewwel Qorti dwar ir-responsabilta'. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet fuq il-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti. L-ewwel punt huwa dwar li l-appellant naqas li jaghmel sinjali rekwiziti li jindikaw li hu kien qed isuq b'lura. Li l-Ewwel Qorti tikritika lill-appellant ghal fatt li ghalkemm huwa kellu l-impjegati li kienu qed jarawlu naqas li jipproducihom. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar li l-imputat ma ghandu l-obbligu li jiprova xejn, li l-Prosekuzzjoni ma hassietx il-htiega li titlob li ssir inkjesta jew almenu tigbor l-ismijiet tan-nies li setghu raw l-incident, li naqset milli tahtar espert marittimu jew perit sabiex jixhed u jirrelata dwar iz-zona marittima in kwistjoni. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tressaq il-provi kollha, kemm favur kif ukoll kontra u li dan ma sarx. Jaghmel referenza ghal osservazzjoniet ohra li ghamlet l-Ewwel Qorti bhala konsiderazzjoni

biex waslet ghal htija tal-appellanti u cioe' l-fatt li filwaqt li l-appellanti xehed li huwa kellu l-cameras fuq il-bastiment u li naqas li jressaq il-filmati tal-akkadut biex jikkonfermaw dak li xehed hu. L-appellant jghid li l-Ewwel Qorti kienet skoretta ghal kollox fir-ragunament taghha. Jissottometti li meta xehed qatt ma qal li l-akkadut gie rekordjat fuq xi filmat izda qal li kellu l-cameras mal-bastiment biex jghinuh jinnaviga. Li l-cameras bhal ma gieli jinstabu fil-vettura ma jkunux jirrekordjaw izda jkunu hemm biex jaghtu vizjwali f'hin reali tax-xufier.

Jissottometti li r-raba' osservazzjoni kienet li hija l-Qorti taghat piz lix-xhieda ta' Joseph Muscat fejn fost l-ohrajn kien sostna li d-dinghy kienet qed tinstaq b'velocita' baxxa filwaqt li l-hames punt li tikkonsidra l-Ewwel Qorti huwa l-lok ta' fejn sehh l-incident. Li l-Ewwel Qorti tghid li l-ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway fil-mument tal-incident. Jissottometti li fiz-zona fejn sehh l-incident ma jezistix biss fairway izda jezistu swimmers' zone, fairway u mooring areas for commercial vessels. Jaghmel referenza ghal li d-dinghy tal-ERCC minhabba c-cokon taghha titlaq malajr minn mal-jetty u l-bastiment Sea Adventure qabel ma jibda jinnaviga jrid necessarjament jaghmel numru ta' manuvri biex jinhall mill-hbula li jkunu qed izommuh fil-post u jtella l-ankra mill-bahar, imbaghad jibda jinnaviga bil-mod. Il-manuvri li jrid jaghmel id-dinghy biex johrog minn mal-jetty u jibda t-tragitt tieghu huma zvelti u jittiehdu ftit sekondi, il-manuvri li jrid jaghmel il-bastiment Sea Adventure biex jirriversja ma humiex daqshekk zvelti bhal ta' vettura qed tirriversja fi ftit sekondi. Li dawn jirrikjedu certu movimenti l-quddiem u lura apparti r-rilaxx tal-hbula u t-tlugh tal-ankra sa ma jkun jista' jidba t-tragitt tieghu. Jissottometti l-bastiment Sea Adventure in ogni caso kellu d-dritta fuq id-dinghy minhabba dak li jistipola r-regolament 9(b) li jghid '*A vessel of less than 20 meters in lenghth or a sailing vessel shall not impede the passage of a vessel which can safely navigate only within a narrow channel or fairway*'. Jissottometti li l-Qorti naqset milli tidhol fid-detall fl-applikazzjoni tar-regoli marittimi ghal kaz odjern.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti trid tqis jekk l-agir tal-appellant kienx tali li jammonta ghal nuqqas ta'

hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila jew professjoni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u cioe' kinitx wahda minn din ir-ragunijiet li sehh l-incident in kwistjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Troy Joseph Emanuel Caruana'**[27] gie meqjus li:

*'Il-gurist Taljan **Francesco Carrara** (Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.) jghid hekk dwar il-culpa :*

*"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo** (Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67) fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*U wkoll fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:*

*"... kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

*Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, inghad illi:*

*"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli". In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija lforma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini:*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Jannar, 2017 (Kumpilazzjoni numru: 694/13)

*`inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto`".*

*Skond l-istess sentenza :*

*"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom lelement tal-prevenzjoni."*

*Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** (Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71) jghid illi*

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."'*

Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.[28]

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal uhud mir-regoli dwar kollizzjonijiet fuq il-bahar.

L-artikolu 292 tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili, Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

[28] Fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru: 48/2017)

'*Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jiġu evitati kolliżjonijiet fuq il-baħar u fl-ibħra navigabbli (f'dan l-Attimsejħa "ir-regolamenti dwar kolliżjoni"), u jista' bihom jirregola d-dwal li għandhom jinġarru u jiġu murija, is-sinjali taċ-ċpar li għandhom jinġarru u jintużaw, u r-regoli dwar id-direzzjoni li fiha għandu jitmexxa u kif għandu jbaħħar bastiment li għandhom jiġu mħarsa minn bastimenti.*

*(2) Ir-regoli dwar kolliżjoni, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta'din it-Taqsima ta' dan l-Att dwarhom jew li xort'oħra jirreferu għal kolliżjonijiet, għandhom japplikaw għall-bastimenti maltin kollha u għandhom jiġu mħarsa wkoll mill-bastimenti barranin kollha fl-ibħra territorjali u nterni ta' Malta, u f'kull kawża li tinqala' f'xi qorti ta' Malta dwar kwistjonijiet li jinqalgħu fl-imsemmija ibħra territorjali bastimenti barranin għandhom, safejn ikunu qed jiġu applikati r-regolamenti dwar kolliżjoni u dwar l-imsemmija dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jitqiesu bħala li huma bastimenti maltin.*'

L-Avviz Legali 340 tal-2003 (Merchant Shipping (Prevention of Collisions) Regulations, 2003' jipprovdi li l-'*Convention on the Internarional Regulations for Preventing Collisions at Sea*' hija parti mill-ligi ta' Malta u tapplika ghal vapuri Maltin u kull vapur iehor li jkun fl-ibhra Maltin skont kif determinat fil-Konvenzjoni. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal Convention on the International Regulations for Preventing Collisions at Sea 1972 (COLREGs).

Ir-regola 5 ta' din il-Konvenzjoni taqra li '*Every vessel shall at all times maintain a proper look-out by sight and hearing as well as by all available means appropriate in the prevailing circumstances and conditions so as to make a full appraisal of the situation and of the risk of collision.*'

Ghalhekk skont din il-regola, opri tal-bahar ghandhom izommu *proper look out* u dan sabiex jigi evitat kull riskju, inkluz riskju ta' kollizjoni. Il-Catamaran Sea Adventure kellu jaccerta ruhu b'dak li kellu madwaru qabel ma jibda jimmanuvra, filwaqt li d-dinghy tal-EERC ukoll kellu jzomm *proper look out* kemm ta' dak li kien qieghed jigri

madwaru u f'kaz li l-appellant verament daqq il-horn ghal tlett (3) darbiet, li jisma' dan il-horn.

Ir-regola 9 taqra:

***'(a). A vessel proceeding along the course of a narrow channel or fairway shall keep as near to the outer limit of the channel or fairway which lies on her starboard side as is safe and practicable.***

***(b). A vessel of less than 20 metres in length or a sailing vessel shall not impede the passage of a vessel which can safely navigate only within a narrow channel or fairway.***

*(c). A vessel engaged in fishing shall not impede the passage of any other vessel navigating within a narrow channel or fairway.*

*(d). A vessel shall not cross a narrow channel or fairway if such crossing impedes the passage of a vessel which can safely navigate only within such channel or fairway. The latter vessel may use the sound signal prescribed in Rule 34(d) if in doubt as to the intention of the crossing vessel.*

*(i). In a narrow channel or fairway when overtaking can take place only if the vessel to be overtaken has to take action to permit safe passing, the vessel intending to overtake shall indicate her intention by sounding the appropriate signal prescribed in Rule 34(c)(i). The vessel to be overtaken shall, if in agreement, sound the appropriate signal prescribed in Rule 34(c)(ii) and take steps to permit safe passing. If in doubt she may sound the signals prescribed in Rule 34(d).*

*(ii). This Rule does not relieve the overtaking vessel of her obligation under Rule 13.*

*(f). A vessel nearing a bend or an area of a narrow channel or fairway where other vessels may be obscured by an intervening obstruction shall navigate with particular alertness and caution and shall sound the appropriate signal prescribed in Rule 34(e).*

*(g). Any vessel shall, if the circumstances of the case admit, avoid anchoring in a narrow*

*channel.*'

In kwantu r-regola 9(a) li taqra '***A vessel proceeding along the course of a narrow channel or fairway shall keep as near to the outer limit of the channel or fairway which lies on her starboard side as is safe and practicable.***' dan ifisser li d-dinghy kellu jzomm mal-istarboard waqt li jkun qieghed jinnaviga gewwa il-fairway. Kif ser jinghad filwaqt li numru ta' xhieda jixhdu li d-dinghy tal-EERC kien qieghed fil-fairway, xhieda ohra jqajmu dubju jekk dan kienx il-kaz u f'liema parti tal-fairway kien jinsab id-dinghy. L-appellant fl-appell tieghu ghamel referenza ghar-regola 9(b) li taqra '***A vessel of less than 20 metres in length or a sailing vessel shall not impede the passage of a vessel which can safely navigate only within a narrow channel or fairway.'*** Ghalhekk skont l-appellant il-bastiment Sea Adventure kellu d-dritta fuq id-dinghy. Din il-Qorti filwaqt li tqis li d-dinghy tal-EERC ghandu tul ta' 7.5 metri filwaqt li l-Catamaran Sea Adventure misjuq mill-appellant ghandu tul ta' 24 metru, tqis izda li sabiex din ir-regola tigi applikata irid jigi stabbilit dwar jekk id-dinghy tal-EERC kienx diga qieghed fil-fairway qabel ma' l-Catamaran beda jimmanuvra biex jinnaviga.

Ir-regola 15 taqra li: '*When two power-driven vessels are crossing so as to involve risk of collision, the vessel which has the other on her own starboard side shall keep out of the way and shall, if the circumstances of the case admit, avoid crossing ahead of the other vessel.*'

Ir-regola 33 taqra:

'*(a). A vessel of 12 metres or more in length shall be provided with a whistle, a vessel of 20 metres or more in length shall be provided with a bell in addition to a whistle, and a vessel of 100 metres or more in length shall, in addition, be provided with a gong, the tone and sound of which cannot be confused with that of the bell. The whistle, bell and gong shall comply with the specification in Annex III to these regulations. The bell or gong or both may be replaced by other equipment having the same respective sound characteristics, provided that manual sounding of the required signals shall always be possible.*

*(b). A vessel of less than 12 metres in length shall not be obliged to carry the sound signalling appliances prescribed in paragraph (a) of this Rule but if she does not, she shall be provided with some other means of making an efficient sound signal.*'

Ir-regola 34 (a) taqra:

'*(a). When vessels are in sight of one another, a power-driven vessel underway, when manoeuvring as authorized or required by these Rules, shall indicate that manoeuvre by the following signals on her whistle:*

*one short blast to mean "I am altering my course to starboard";*

*two short blasts to mean "I am altering my course to port";*

*three short blasts to mean "I am operating astern propulsion".*'

Ghalhekk is-Sea Adventure li kienet qieghda timmanuvra sabiex tmur estern, kellha ddoqq il-horn tlett darbiet.

Ir-regoli 35 (a), (b), (c) u (g) jipprovdu:

'*. In or near an area of restricted visibility, whether by day or night, the signals prescribed in this Rule shall be used as follows:*

*(a). A power-driven vessel making way through the water shall sound at intervals of not more than 2 minutes one prolonged blast.*

*(b). A power-driven vessel underway but stopped and making no way through the water shall sound at intervals of not more than 2 minutes two prolonged blasts in succession with an interval of about 2 seconds between them.*

*(c). A vessel not under command, a vessel restricted in her ability to manoeuvre, a vessel constrained by her draught, a sailing vessel, a vessel engaged in fishing and a vessel engaged in towing or pushing another vessel shall, instead of the signals prescribed in paragraphs (a)*

*or (b) of this Rule, sound at intervals of not more than 2 minutes three blasts in succession, namely one prolonged followed by two short blasts.'*

*'(g). A vessel at anchor shall at intervals of not more than one minute ring the bell rapidly for about 5 seconds. In a vessel of 100 metres or more in length the bell shall be sounded in the forepart of the vessel and immediately after the ringing of the bell the gong shall be sounded rapidly for about 5 seconds in the after part of the vessel. A vessel at anchor may in addition sound three blasts in succession, namely one short, one prolonged and one short blast, to give warning of her position and of the possibility of collision to an approaching vessel.'*

Ghalhekk l-appellant Jonathan Grech li kien qieghed isuq il-Catamaran Sea Adventure kien obbligat li jdoqq il-horn biex bastimenti ohra u persuni li setghu kienu fil-bahar u fuq il-bajja ikunu jafu li dan il-Catamaran kien ser jibda jimmanuvra. Din il-Qorti sejra tqis il-provi dwar dan, aktar il'quddiem f'din is-sentenza.

In kwantu l-opri tal-bahar involuti kif jirrizulta minn fol 28, l-opra tal-bahar ta' Emergency Response & Rescue Corps ghandha tul ta' 7.50 metri, filwaqt li skont fol 31, il-Catamaran Sea Adventure ghandu tul ta' 24 metri u skont fol 34 ghandu t-tul ta' 23.95 metri.

Stabbilit dan, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar ir-responsabilta'.

L-ewwel konkluzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet li l-kaptan ta' Sea Adventure naqas milli jaghmel sinjali rekwiziti li jindikaw li hu kien se jsuq b'lura. Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li x-xhieda kollha, hlief dik tal-imputat Grech stess u ghax-xhud David Bartolo, kollha xehdu li ma semghu ebda hornijiet li jindikaw li kien sejjer b'lura. Dwar dan, din il-Qorti tqis li skont il-Current Incident Report immarkat bhala BCS 1 a fol 8 et sequitur jirrizulta li l-appellant Jonathan Grech meta mitkellem mill-Pulizija fis- 26 ta' Awissu, 2018 spjega li daqq il-horn li sejjer estern, li qalghu l-hbula u rega daqq halli imur estern. Monique Caruana

lifeguard stqarret mal-Pulizija li ma semghetx hornijiet ghax kienet il-bod u kienet qieghda tiehu hsieb lil pazjent.

Joseph Muscat fix-xhieda tieghu tat- 12 ta' Marzu, 2019 spjega li '*Wara irrealizajt li kienet l-ankra sporġuta 'l barra. U dan jiġifieri ma għamilx, suppost qabel ma treġġa' lura id-dgħajsa tagħmel tlett blasts. Ma smajt xejn jien dak il-ħin.*' In kontro-ezami fid-19 ta' Gunju, 2019 mistoqsi:

'*L-ewwel daqq il-horn biex jgħabbi t-turisti, biex jiġu t-turisti li jkunu qed jgħumu, u mbagħad reġa' daqq it-tieni horn biex juri li dan se jibda sejjer estern?*' wiegeb '*Qed ngħidlek, bħalma għidt, jien ma smajtux.*' Jghid '*Issa forsi kont aljenat, forsi -*' li '*Ma smajtux.*' Ghalhekk il-parte civile stess filwaqt li jghid li ma semax il-horn, jghid ukoll li forsi kien aljenat izda li ma semghax il-horn.

Claivon Mario Said fis-seduta tat- 2 ta' Marzu, 2019 mistoqsi dwar jekk l-opra tas-Sea Adventure ghamlet xi sinjal, wiegeb '*Jien ma smajt xejn, ma rajt xejn.*' David Saliba fit-8 ta' Mejju, 2019 li ra l-incident minn fuq it-torri tal-Blue Lagoon xehed li '*Id-dgħajsa tagħna kienet bil-blue lights u ma smajt xejn bħala sound signals u hekk.*' u cioe' li ma sema xejn mill-vapur li kien sejjer estern u cioe' mis-Sea Adventure u li gieli jisma' l-horn. Monique Caruana fl-istess seduta xehdet li ma semghet xejn u ma rat xejn tal-incident. Mir-rapport tal-Pulizija izda jirrizulta li Monique Caruana qalet lil pulizija li ma semghetx il-horn ghax kienet il-boghod u kienet qed tiehu hsieb pazjent.

L-imputat Jonathan Grech fix-xhieda tieghu tal- 5 ta' Novembru, 2019 xehed '*Issa xħin inkunu ħerġin aħna dejjem indoqqu l-horn, tliet darbiet lura u l-ħabel ta' wara meta nkun sejjer lura...*' Mistoqsi '*Issa, inti smajt xi xhieda li hawn qalu illi skont huma inti dan il-horn ma daqqejtux.*' wiegeb '*Hekk qed jgħidu, min xehed qal li qatt ma sema' l-horn indoqq f'hajtu hemmhekk.*' Xehed li '*Dejjem daqqejtu l-horn.*' li '*anke nduqqu minħabba n-nies ukoll.*' Spjega li '*Meta nkun ħa nitlaq indoqq tlett darbiet estern, all right, ikollu crew quddiem, infatti jkolli tnejn, u jkolli wieħed biex jarali wara u biex jiġbidli l-ħabel fl-istess ħin.*' Spjega '*Indoqq għat-turisti ukoll, qabel, iva.*' Mistoqsi '*Qabel, imbagħad iddoqq tlett darbiet meta tkun ħa tagħmel din il-manuvra.*' u wiegeb '*Iva, iva.*' In kontro-ezami

ikkonferma li daqq il-horn u kkonferma li daqq il-horn tlett darbiet. Li '*Forsi he is used to it hu li ndoqq il-horn, ma tax kas.*'

David Bartolo li jahdem fuq dghajsa tat-turisti fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2019 xehed li '*Smajtu jdoqq il-horn tlett (3) darbiet, kien miexi b'luru minn naħa l-oħra kien ħiereġ id-dingħy, ħareġ b'lura u f'daqqa waħda nisma' ħoss, malli nħares lura nara l-uffiċċjal ta' Transport iżomm idejh bejn saqajh.*'

Quddiem din il-Qorti Noel Grech fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2020 ma semmiex jekk indaqq il-horn da parti tas-Sea Adventure. Karmenu Refalo fl-istess seduta quddiem din il-Qorti ukoll ma giex mistoqsi dwar jekk semghax il-horn tas-Sea Adventure.

Ghalhekk jirrizulta li filwaqt li l-imputat u David Bartolo xehdu li l-imputat daqq il-horn, ix-xhieda l-ohra qalu li ma semghux il-horn u fejn il-parte civile Joseph Muscat jikkoncedi li fors kien aljenat. Ghalhekk jirrizulta kunflitt ta' provi dwar dan, li izda mhux necessarjament iwassal ghal liberazzjoni tal-imputat.

L-Ewwel Qorti ikkunsidrat ukoll li <u>l-appellant jghid li kellu impjegati li kienu qed jarawlu izda naqas milli jipproducihom sabiex jixhdu</u>. Dwar dan, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet maghmulha mill-appellant u cioe' li huwa ma ghandu bzonn jipprova xejn. Li hija l-Prosekuzzjoni li hija obbligata li tressaq il-provi fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u f'kaz lil-appellant ried jiprova xi haga, kien bizzejjed li jaghmilha fuq bilanc ta' probabilita'. Naturalment din il-Qorti ma tistax toqghod fuq dak li forsi l-crew setgha qal lill-appellant, izda kellhom ikunu l-crew li jixhdu dwar dak li raw b'ghajnejhom. In kwantu l-cameras li l-appellant jghid li kellu fuq il-bastiment u li l-Qorti rrimarkat li naqas milli jressaq filmati tal-akkadut, l-appellant fl-appell tieghu ippreciza li dawn kienu cameras li jghinuh jimmanuvra u

cioe' *real time* u mhux li hemm recording ta' dak li gara. Jirrizulta li l-appellant fix-xhieda tieghu qal li '*Issa, dan ma nafx jiena kif ħabat hu. Jiena għandi cameras; jiena kulma smajt id-daqqa...*' Ghalhekk ma jirrizultax li xehed li kellu xi filmat tal-akkadut. Lanqas ma jirrizulta x'setgha jara l-appellant b'dawn il-cameras.

L-Ewwel Qorti qieset ukoll li Joseph Muscat Enforcement Officer sostna li d-dinghy li kien fuqu kien qed jinstaq b'velocita' baxxa. Li l-ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway, kienet miexja bid-dwal celesti mixghulin u kienet misjuqa b'velocita' baxxa. Dwar dan, ghalkemm l-appellant fix-xhieda tieghu jaghti x'jifhem li d-dinghy kien qieghed jigi misjuq b'velocita' gholja, din il-Qorti mhijiex konvinta dwar dan. Bhal ma lanqas ma hija konvinta mix-xhieda ta' Karmenu Refalo u Noel Grech li xehdu fl-istadju tal-appell fejn jghidu li d-dinghy ma kellux dwar mixghula qabel ma sehh l-incident in kwistjoni.

Punt importanti huwa li l-Qorti fis-sentenza appellata qieset li l-ambulanza dinghy kien miexi fuq il-fairway fil-mument tal-incident kif ukoll li l-punt ta' impatt bejn iz-zewg opri tal-bahar jitfa' aktar dawl fuq l-akkadut, il-bastiment Sea Adventure immanuvra b'lura, naqas milli jaghti sinjal u ma kienx qed jara l-ambulanza fil-mument li beda jimmanuvra b'lura. Din il-Qorti sejra tqis il-provi dwar fejn sehh l-incident. Skont ir-rapport tal-Pulizija Clavion-Marion Said qal lil pulizija li kien qieghed johrog il-life jackets meta sema' hoss qawwi, hares lura u ra l-ankra tad-dghajsa Sea Adventure messet maghhom in-naha tas-sellum. Il-vittma Joseph Muscat fir-rapport tal-Pulizija tnizzel li qal li ma jafx x'gara pero ra d-dghajsa li fuqha kien hemm miktub Sea Adventure.

Il-vittma Joseph Muscat quddiem l-Ewwel Qorti fit- 12 ta' Marzu' 2019 spjega li '*Kien hemm emerġenza ta' tlett pazjenti u mort ngħin lil ERRC, għabbejnihom fuq id-dingi u aħna u ħerġin kont qed nagħtihom kif se naqilgħu minn mal-moll, qed nagħtihom life jacket liż-żewġ pazjenti minnhom, u kont qiegħed wiċċi lura u ħassejt daqqa ġo idejha, kont qed*

*inżomm mal-pilastru n-naħa ta' ġewwa. U ħarist u sibt is-Sea Adventure kien qiegħed ireġġa' lura u laqatni b'xi ħaġa, ma nafx x'kienet.'* Li '*Wara irrealizzajt li kienet l-ankra sporġuta 'l barra. U dan jiġifieri ma għamilx, suppost qabel ma' treġġa lura bid-dgħajsa tagħmel tlett blasts. Ma smajtx xejn jien dak il-ħin*.' In kontro-ezami spjega li '*Ma konniex b'veloċita, konna ħerġin bil-mod hekk 'il quddiem u jien ma kontx qed inħares 'il quddiem. Kont qed inħares lura għax kien hemm żewġ pazjenti.*' Spjega li *'Aħna konna ħerġin 'l barra, minn ġol-fare way*.' Li '*Aħna ħerġin 'l quddiem minn ġol-fare way u s-Sea Adventure reġġa lura.*' Ikkonferma li l-ERRC kienet ambulanza u kellha l-blue lights mixghulin. Li ma semghax hornijiet. Spjega li '*L-ambulanza biex ngħidulha hekk, id-dinghy, għandu tinda. Issa dan għandu zewġ pilastri u sellum fuq in-naħa ta' ġewwa. Hemm it-tube, imbagħad hemm il-pilastru n-naħa ta' ġewwa. Jiġifieri ġewwa kont, kienet idejha mhux barra, fhimt?*' Id-dghajsa tal-ERRC ma lahqetx qabzet is-Sea Adventure ghax kieku ma kinitx tolqothom. Li l-ankra fuq is-Sea Adventure qieghda n-naha tan-nofs. Joseph Muscat in kontro-ezami fid- 19 ta' Gunju, 2019 ikkonferma li meta sehh l-incident, id-dghajsa tal-ERCC kienet ghada kif telqghet minn mal-jetty u li f'hin wegga kienet ghada kif se titlaq mill-vjagg taghha. Spjega li '*kien in-naħa ta' ġewwa. Jien ikklirjajt in-naħa ta' barra. Huma ġew in-naħa ta' barra, għabbew in-nies minn naħa ta' barra, u tlaqna minn hemm.*' Huma hargu minn mal-jetty. Kien qieghed izomm mal-hadida u kien qed jaghtihom il-life jacket gara l-incident. Ma jafx liema direzzjoni kienet sejra d-dinghy. Ma jafx fejn kienet waslet id-dinghy tal-ERCC meta wegga subghajh. Li kif wegga ra is-Sea Adventure. Li '*Ittendejt li mas-Sea Adventure **ħbatna jew ħabtet magħna**.*' Huwa ma sema xejn. Li kienu fuq il-fairway zgur ghax *'aħna mill-fairway noħorġu'*. Li n-naha ta' wara tas-Sea Adventure tkun gol-fairway. Ikkonferma li hemm il-mooring area qabel il-fairway. Li fejn immarka 'B' '*to the left*' hija anchoring area ghad-dghajjes privati. Ikkonferma li mill-'*B to the right*' parti minnha hija fairway u l-bqija hija mooring area. Huwa spjega li '*Irrealizzajt li ħbatna magħha. Daqshekk. Jiġifieri u anqas naf ma' liema parti ħbatt. Wara qaluli li ħbatna mal-ankra.*' Meta mistoqsi kif lil Jonathan Grech qallu li l-ewwel horn semghu spjega li meta kienu hergin ma semghax horn, li sema' meta jdoqq biex jghajjat lin-nies xi kwarta qabel. Izda ma regghux semghu biex jitlaq estern. Li ma tax kas. (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Claivon Mario Said fis-seduta tat- 12 ta' Marzu, 2019 spjega li '*aħna u sejrin u insomma jien kont qed noħroġ il-life jackets mill-compartment mill-quddiem tad-dgħajsa. Waqt li kont qed noħroġhom nisma' daqqa, inħares lura u nara l-ankra tas-Sea Adventure tħokk mad-dgħajsa tagħna u tielgħa 'l fuq. U nara lil Joseph kien qiegħed weġġa.*'' Tal-ERRC kellu l-blu lights, li ma sema u ma ra l-ebda sinjal mill-opra tal-bahar l-ohra. Huwa ma rahiex tirriversja. Spjega li '*Aħna konna mal-puntun u Joseph rikeb magħna u mbagħad tlaqna -*' Spjega li '*Tlaqna u nisma' d-daqqa tal-ankra tas-Sea Adventure ma' tagħna, inħares lura u nara l-ankra tiela' u nara lil Joseph weġġa*'.' Mistoqsi jekk l-opra l-ohra ghamlet xi sinjali, wiegeb li ma sema u ra xejn. Ikkonferma li Mark Portelli kien qieghed isuq b'velocita' baxxa. Mistoqsi '*Naqblu wkoll li l-ankra ma kintix stivata, la laqtet il-pilastru tad-dgħajsa li kontu fiha intom, l-ankra tas-Sea Adventure kienet barra, imdendla. Hux hekk?*' wiegeb '*Iva iva. U x'ħin ħabtet magħna kienet għadha tiela' 'l fuq. Rajtha tiela' 'l fuq.*' Meta mistoqsi '*Meta int qed tgħidli li kontu għaddejjin minn fuq il-fare way, jiġifieri din il-fare way, tieħux għalija imma jien ma tantx nifhem fid-dgħajjes, biex jagħtina in layman's terms u tkun in atti, din il-fare way din hemm xi restrizzjonijiet? Din hi dejqa li trid timxi fuqha bilfors?*' Wiegeb '*Le mhux bilfors. Imma f'din il-fare way ħadd ma jkun jista' jipparkja bażikament. Ħadd ma jkun jista jankra.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

David Saliba membru tal-ghaqda tal-Emergency Response Rescue Corps fis-seduta tat- 8 ta' Mejju, 2019 u li ilu sentejn jahdem volontarjat bhala life guard maghhom. Dak in-nhar tal-incident kien fuq it-torri tal-Blue lagoon fejn ra l-incident isehh mit-torri. Spjega li '*Kif kont qed niċċekkja nara d-dgħajsa tagħna ħierġa u s-Sea Adventure qed isuq b'lura fuq id-dgħajsa tagħna. Hekk kif ġrat il-kolliżjoni d-dgħajsa tagħna saqet aktar malajr u telqet l-isptar. Id-dgħajsa tagħna kienet bil-blue lights u ma smajt xejn bħala sound signals u hekk.*' Dawn is-'*sound signs*' kellu jismahom mill-vapur li kien sejjer estern u cioe' mis-Sea Adventure. Is-Sea Adventure laqtet lil ERCC fuq l-istar board, fuq ir-right. Jghid li kien hemm zewg pazjenti, tnejn mill-crew u ta' TM. Huwa ikkonferma li qabel ma telqet xeghlet il-blue lights u li tal-EERC kien ghaddej bil-mod. Li kien

se jitlaq minn mal-pontoon u kien se jzomm mal-istar board side tal-fare way. Li kien ghaddej minn fuq il-fare way dak il-hin. Ikkonferma li tas-Sea Adventure irriversja ghal fuq id-dghajsa tal-EERC. Li ma semghax sinjal u li minn fejn ikun issoltu jisimghu kieku kellu jdoqq il-horn, li gieli jisimghu.

L-imputat Jonathan Grech fis-seduta tal- 5 ta' Novembru 2019 spjega li '*xħin inkunu ħerġin aħna dejjem indoqqu l-horn, tlett darbiet lura, u l-ħabel ta' wara meta nkun sejjer lura, għandi l-crew jiġbdu lura, jaqbad il-ħabel jiġbdu lura u xħin ngħidlu jitilqu biex jien naqdef 'il quddiem, il-ħabel jitlaq. Ovvjament xħin għidtlu armi l-ħabel, il-ħabel baqa' mwaħħal għax il-crew tiegħi xħin rah ġej id-dingħy qabad u telaq il-ħabel u ħallih marbut jiġifieri mad-dgħajsa. Qabad l-ankra, l-ankra qiegħda ħierġa 'l barra nofs metru u laqatha, taha daqqa l-ankra u tefagħhieli n-naħa l-oħra. Jiġifieri l-ankra tqila hundred kilos (100 kgs.)*' Spjega kif ghandu crew quddiem biex jaralu quddiem biex jara hemmx xi dghajjes, wiehed wara biex jigbidlu l-habel, kif '*morna lura, daqqejt il-horn tlett darbiet, biex immur lura qed jiġbidli l-ħabel dan -*' Spjega kif jitilqu l-hbula minn quddiem, tigi naqra loose u l-crew tieghu jigbed il-habel. Spjega li '*kif għidlu, "Throw the rope," ma telqux għax kif ra d-dingħy ġej, hu qabeż 'il ġewwa, u d-dingħy baqa' dieħel -*' Spjega li '*jiena dak il-ħin kont waqaf, għidtlu, "Throw the rope," kif qdift 'il quddiem, ħabat ġo fija. Kieku jiena kont sejjer lura iżjed, l-ewwel nett ma stajtx immur lura għax ghandi l-ħabel taħti, jiena ma nistax immur lura, all right, kieku jiena ma mortx 'il quddiem, id-dinghy kien jeħel miegħi.*' Ma setax imur lura ghax il-habel qieghed fuq wara, jidhol fl-iskrun, li '*xħin immur lura ngħidlu, "Throw the rope" il-ħabel bir-raġġa tal-iskrun jintrema', jintrema' 'l hemm, u jiena niksirlu hekk, nikser, jiġifieri l-catamaran idur hekk, dur hekk, fhimt? imbagħad immur lura, imma dakinhar kont sejjer 'il quddiem, ... 'il quddiem biex indur hekk.*' Spjega li '*Il-moll fuq din in-naħa qiegħed, hawnhekk wara, all right, fejn qed jaqbad il-ħabel; minn fuq l-istarboard ġie d-dingħy, fejn jien kif dort hekk, hu baqa' dieħel ġol-ankra tiegħi.*' Id-dingħy tal-ERCC habtet mal-parti ta' wara tad-dghajsa. L-ankra hierga barra xi nofs metru. Li '*hu ħabat mal-ankra u l-ankra taret u ġiet fuq id-deck.*' Insista li dejjem daqq il-horn. Isostni li ma kienx gol-fairway.

In kontro-ezami spjega li '*Aħna konna ħa nagħmlu manuvra lura, jien xħin rajt kullimkien li huwa clear, jien l-aħħar li rajtu lilu kien qiegħed along side mal-moll. Issa, dan ma nafx jiena kif ħabat hu. Jiena għandi cameras; jiena kulma smajt id-daqqa u daqshekk hu; ma nistax ngħidlek marx 'il quddiem, lura, għax inkun qed nigbeh.*' Semgha d-daqqa. Mistoqsi '*Id-dgħajsa tal-ERRC, kienet qed tħares lejn il-blat jew kienet il-warrani tagħha lejn il-blat?*' wiegeb '*Mal-moll kienet imma issa ma niftakarx eżatt kif kienet hu! Mela jiena kont naf li ħa jsir aċċident, ħa ngħid, all right, ħa nara 'l fejn kienet tħares id-dgħajsa!*' *Fil-mument li sema l-habta 'il-pruwa' 'l barra kien; jiena xħin ħriġt niġri nara x'ġara, d-daqqa 'l barra u waqaf*'. Ikkonferma li kienet f'direzzjoni biex tohrog il-barra. Jghid li '*xħin laqatni waqaf xi mitt metru (˜100m) 'il barra tant kemm kien ġej bl-ispeed, mhux weħel ġo fija, tant kien sejjer bi speed, waqaf xi mitt metru (˜ 100m) fejn l-Atlantis, il-vapur tal-Captain Morgan, kien ħafna 'il bogħod.*' Li '*baqa*' *sejjer hu bl-ispeed, laqat l-ankra, tagħha daqqa.*' Mistoqsi jekk is-subgha li tilef il-parte civile habat mal-ankra wiegeb '*Naħseb mal-ankra ħabat għax l-ankra taret. L-ankra, din, li mwaħħla hawnhekk, rajtha? Qabżet mir-railing u ġiet hawnhekk. Issa ma nafx ma xhiex, ħeqq, ħeqq;*' Ikkonferma li baqghet fuq id-dghajsa, li '*għax marbuta bi clipp hawnhekk imma xħin ħadet daqqa, hi, għawwiġli din il-ħadida ta' hawn, u ġiet hawn fuq, li kieku ħabat ma-dgħajsa kien jeħel; ma weħilx mad-dgħajsa għax jiena ma kontx qed sejjer lura; jien kont sejjer il-quddiem għax dan il-ħabel ta' hawnhekk għidtlu jarmih, imma fil-fatt kien għadu marbut hawnhekk, ħalli l-mewġa tarmih 'il hemm, fhimt?*' Qabel ma telaq minn max-xtajta id-dghajsa tal-ERRC rahha mal-moll.

David Bartolo fix-xhieda tieghu moghtija fil- 5 ta' Novembru, 2019 spjega li kien fuq wara tad-dghajsa tieghu u li '*Smajtu jdoqq il-horn tlett (3) darbiet, <u>kien miexi b'lura u minn naħa l-oħra kien ħiereġ id-dingħy</u>, ħareġ b'lura u f'daqqa waħda nisma' ħoss, malli nħares lura nara l-uffiċċjal ta' Transport iżomm idejh bejn saqajh.*' Id-dinghy naqqas ftit dak il-hin, imbaghad baqa' sejjer ghall-Imgarr. In kontro-ezami qal li '*waħda smajta, kien qed jagħti indikazzjoni li ħiereġ b'lura u d-dingħy kont qiegħed narah qiegħed jaqla' minn mal-moll ta' ġewwa ta' Blue Lagoon, b'lura.*' Sema hoss, hares lura u ra lil ta' Transport izomm idejh bejn saqah, id-dinghy naqqas imbaghad baqa' sejjer ghall-Imgarr. Id-dinghy tal-ERRC kien miexi bil-quddiem, infatti l-ankra laqatha bir-rack

li ghandhom fuq. Bil-parti tal-gemb tad-dinghy. L-ERRC kienet fuq il-fairway. Id-dghajsa ta' Jonathan fil-hin li sema il-horn kienet fil-parti ta' fejn jankraw id-dghajjes imsejha mooring area for commercial vessels. Ma jistax jghid b'certezza jekk l-ERRC kienitx fil-fairway jew fil-commercial area.

Noel Grech li xehed quddiem din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru 2020 fost spjegazzjonijiet ohra qal li '*Id-dinghy telqet bi dritt ghall pompa tal Catamaran wara li ghabbiet il-persuna. Id-dinghy telaq min naha tal Jetty u il-beacon ma kellux beacon lights zgur mixghula dak il-hin.*' Li jaf li '*d-dinghy habat mal Catamaran . Jien rajtu jigbed lejn il-pompa tas- Sea Adventure. Id-driver u l-persuna ta hdejh bdew iharsu lura . MA kienx hemm nies jghumu f'dawk l-ekwati dak il-hin. Dehrli li inqala panic fuq id-dinghy. Rajtha stramba kif id-driver ma rax fejn kien sejjer.*' Qal li is-Sea Adventure kien f'posizzjoni qisu marbut, li l-passarella kien ghadha fuq il-blat. In kontro-ezami qal li kien boghod xi ghaxar darbiet tul l-awla. Li b'referenza ghal fol 78 mistoqsi jekk id-dinghy gibidx bid-dritt qal li iva, li s-Sea Adventure kien fl-ekwati mmarkati bin-numru tnax (12). Is-sea Adventure ma qabizx id-*dotted line* fejn hemm in-numru hdax (11) u l-baga tal-fairway.

Karmenu Refalo fl-istess seduta quddiem din il-Qorti spjega li '*F'daqqa u l-hin is-sewwieq tad-dinghy qabad rotta ghal wara ta Jonathon. Minflok ma qala lejn il-Fairway (minkejja li t-transcripts jghidu Farewell) u hareg ; lbarra ghadda minn wara tal Catamaran li kellu l-hbula marbutin. Kemm il-hbula ta quddiem kif ukoll dawk ta wara kienu marbuta. Il-habta ma smajthiex pero is-soltu tad dinghy jaqla' 'l barra.*' Jghid li '*Is-soltu id-dinghy johrog direzzjoni lejn il-Fairway (minkejja li t-transcripts jghidu Farewell), idur mal-bastiment u johrog 'l barra pero dakinhar naf li pprova jghaddi bejn il-habel u d-dghajsa. Fil-fatt ghadda minn tahtu. Wara ftit waqaf quddiem id-dghajsa Atlantis. Imbaghad xeghel is-sirena u telaq jigri lejn Ghawdex u minn hemm indunajt li kien gara xi haga.*' Xehed li meta telaq minn mal-blat la kellu dawl u lanqas sireni mixghula. Li cert li d-dinghy waqaf, xeghel id-dawl u s-sireni u mhux xeghlhom qabel ma saq lejn is-Sea Adventure. Mistoqsi jekk is-Sea Adventure tharrikx, qal li ma tharrikx ghax kellu l-

hbula marbuta. Is-Sea Adventure idawwar fl-istess post imbaghad johrog bil-quddiem.

Ghalhekk jirrizulta li inghataw verzjonijiet differenti ta' kif u f'liema parti sehh l-incident. Kemm Noel Grech u anke Karmenu Refalo li kienu prodotti mill-appellant fi stadju ta' appell jaghtu x'jifhem li s-Sea Adventure kienet ghada marbuta u li kien id-dinghy li habat ghal go fiha. L-appellant fix-xhieda tieghu jghid li kien ghadu qed jimmanuvra ftit il-quddiem u lura biex idur izda jghid ukoll meta mistoqsi meta sehh l-impatt kemm kien hareg il-barra mill-blat wiegeb '*Forsi minn hawn u int, xi ħaġa hekk, għax il-ħabel ta' wara ma nistax immur iktar lura, għax inkella naqbdu ġol-iskrun*'. Filwaqt li hemm xhieda li jghidu li l-appellant li kien qieghed isuq is-Sea Adventure irriversja fuq id-dinghy, u li l-ankra habtet mad-dinghy, u li d-dinghy kien ghaddej fil-fairway.

L-Ewwel Qorti qieset li l-incident sehh minhabba l-mod ta' kif immanuvra l-bastiment tieghu l-appellant Jonathan Grech, li ma kellux kondotta tal-*bonus paterfamilias* u li ma zammx *proper lookout*. Skont ix-xhieda tal-appellant '*Kif nitilqu l-ħbula minn quddiem ovvjament id-dgħajsa waħidha tmur lura għax hemm katina, jiġifieri kif titlaq il-ħbula nitilquhom mal-ewwel, hi terħi;*' Li dak il-hin '*kont waqaf, għidtlu, "Throw the rope," kif qdift 'il quddiem, ħabat ġo fija. Kieku jiena kont sejjer lura iżjed, l-ewwel nett ma stajtx immur lura għax għandi l-ħabel taħti, jiena ma nistax immur lura, all right, kieku jiena ma mortx 'il quddiem, id-dinghy kien jeħel miegħi.*' Qal ukoll li '*kif morna lura, daqqejt il-horn tlett darbiet*'. A tempo vergine fis-sens meta mitkellem mill-Pulizija l-appellant qal li '*X'hin kont ha nirriversja baqa' diehel go fiha tar-rescue fejn dan baqa' sejjer l'hemm.*' Din il-Qorti tqis li x-xhieda tal-appellant hija f'xi waqtiet konfuzjonarja, tant li anke minn din ix-xhieda ma jirrizultax car x'kienet il-manuvra li ghamel waqt li sehh l-incident izda din il-Qorti fehmet li s-Sea Adventure resqet xi distanza lura tant li l-appellant stess meta mistoqsi kemm kien hareg mill-blat wiegeb li '*Forsi minn hawn u int, xi ħaġa hekk, għax il-ħabel ta' wara ma nistax immur iktar lura, għax inkella naqbdu ġol-iskrun*'. Ghalkemm wiehed jista' facilment jassumi li la darba s-Sea Adventure kienet qieghda timmanuvra biex taqla minn mal-blat, li

kieku kien qieghed izomm proper lookout kien jintebah bid-dinghy qabel ma sehh l-incident, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni kellha fl-ewwel lok taghmel prova car ta' fejn sehh ezattament l-incident.

Jirrizulta li l-**<u>Prosekuzzjoni naqset milli titlob li jinhatar perit u esperti marittimi biex jigi konstatat ezattament fejn sehh l-incident u ghalhekk biex jixhed dwar distanzi u ghalhekk biex jigi konstatat b'mod aktar car fejn kienu jinsabu z-zewg opri tal-bahar u cioe' l-Catamaran Sea Adventure u d-dinghy mal-impatt</u>**.

Bhal kif jigri f'hafna kawzi, jinghatghu verzjonijiet kunfliggenti ta' dak li verament sehh, dan ma jfissirx li xhud jew iehor ma jkunx qieghed jghid il-verita' izda verzjoni tista' tkun anke rizultat ta' assunzjoni jew interpretazzjoni zbaljata. F'dan il-kaz, David Saliba parti mill-Emergency Response Rescue Corps jghid li ra lis-Sea Adventure qed issuq b'lura fuq id-dghajsa taghhom, l-appellant fl-appell tieghu jilmenta li dan ix-xhud xehed li kien hemm hames (5) persuni fuq id-dinghy meta xhud iehor semma li kien hemm seba' (7) peresuni izda dan ma jfissirx li huwa xhud inaffidabbli bhal kif jissottometti l-appellant fl-appell tieghu. Tant hu hekk li huwa stess jghid li '*Billi t-torri tal-life guards qiegħeda naqra 'l bogħod jien dak il-ħin ma stajtx nara fid-detal x'ġara bħala injuries u damage mad-dgħajsa.*' Claivon Mario Said jghid li '*nisma' daqqa, inħares lura u nara l-ankra tas-Sea Adventure tħokk mad-dgħajsa tagħna u tielgħa 'l fuq.*' Huwa assuma li s-Sea Adventure kienet qieghda tirriversja izda mhux ghax ra taghmel dan izda jghid li biex tohrog minn hemm bilfors trid tirriversja. Il-parte civile ma jafx kif u x'fatta sehh l-incident peress li kien qieghed ihares lura u jaghti l-lifejackets lil pazjenti. Minn naha l-ohra din il-Qorti tqis li x-xhieda tal-appellant hija konfliggenti f'xi waqtiet ghax filli jaghti l-impressjoni li ma resaqx lura u li kien id-dinghy habat mal-ankra u filli jghid li resaq lura. In oltre' Noel Grech u Karmenu Refalo li xehdu fl-istadju tal-appell xehed il-fuq minn sentejn wara li sehh l-incident u fejn kienu f'certu distanza minn fejn sehh l-incident u ghalhekk lanqas ma tista' din il-Qorti tistrieh fuqhom.

Kif tajjeb meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Taddeo Borg</u>**'[29]:

*'Il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni quddiem din il- Qorti qajmet dubbju dwar l-affidabilita' tax-xhieda tal- imputat. Il-Qorti wkoll tistqarr li ma hix ghal kollox konvinta' dwar il-veridicita' ta' dak kollu li xehed l-imputat izda anki jekk tigi skartata x-xhieda tieghu bhala inaffidabbli l-Qorti ma tistax' timla' l-vojt fil-provi li imbghad jirrizulta b'kongetturi u spekulazzjoni da parti taghha.*

*Huwa minnu li fl-affidavit ta' PS 581 Loreto Buttigieg, kif ukoll fl-okkorrenza esibita, jinghad li David Curphey kien semma li waqt li hu u zewg studenti kienu jghoddsu fid- dahla tax-Xwejni dahlet dghajsa u ghaddiet qrib hafna taghhom bil-magni mixghula izda dan il-fatt imkien ma gie konfermat mix-xhud Curphey fix-xhieda tieghu. Ma jistax jigi eskluz la li d-dghajsa hawn imsemmija ma kienetx dik tal-imputat u anqas li l-istess Curphey ma kienx f'pozizzjoni li jidentifika lid-dghajsa in kwistjoni jew lil sidha. Kien x'kien il-fatt jibqa' li dan l-incident imsemmi minn PS 581 Loreto Buttigieg u fl-okkorrenza ma giex pruvat skond il-ligi li avvera ruhu.*

*Tenut kont li l-istat tal-provi hu dak li hu u li ma setghu qatt iwasslu ghall-prova minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehema li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex iwassluha sabiex tilqa' l-aggravju tal-appellant u tirrevoka s-sentenza appellata.'*

Din il-Qorti tqis li facilment li wiehed jikkonkludi li s-Sea Adventure jew id-dinghy tal-ERRC ma kienux qeghdin izommu *proper lookout* meta sehh l-incident, pero' il-livell ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hija dik ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u ghalhekk mhuwiex bizzejjed li wiehed jassumi li l-Catamaran ma zammx *proper lookout* la darba l-incident ma giex evitat. Dan qed jinghad irrispettivament ta' jekk il-horn indaqx qabel ma saru l-manuvri, li ukoll hemm provi konfliggenti dwar dan. Ghalhekk jirrizulta li hemm numru ta' mistoqsijiet li baqghu mhux imwiegba u naturalment kellhom ikunu biss provi konvincenti li jimlew dan il-vojt u xejn aktar.

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Jannar, 2011 (Numru 16/2010)

Ghalkemm l-Ewwel Qorti qieset li l-incident sehh fuq il-fairway, din il-Qorti mhijiex konvinta dwar jekk verament dan kienx il-kaz. Il-provi iridu jkunu univoci sabiex iwasslu ghal htija. Din il-Qorti tqis li gialadarba ma saritx inkjesta, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li titlob li jinhatar Perit u espert marittimu sabiex issir rikostruzzjoni ta' xena tal-incident sabiex jigi stabbilit fejn kienu l-opri tal-bahar qabel ma sehhew il-manuvri u ezattament fejn sehh l-impatt u liema kienet l-opra tal-bahar li setghet tilmah l-opra tal-bahar l-ohra u ghalhekk tevita l-incident. Kien krucjali li jigu stabbiliti id-distanzi u jigi ghalhekk stabbilit minn fejn tibda l-fairway fost areas ohra fosthom il-mooring area. Diversi xhieda xehdu dwar fejn sehh l-incident u gew anke prezentati kopja ta' '*Local notice to mariners no 027 of 2018*' bhala JGX 1 a fol 74 fejn numru ta' xhieda xehdu fuq pjanta li tinsab a fol 78 li hija ghalkemm kopja ta' pjanta ufficjali u fejn hemm indikat 'Position', 'Latitude' u 'Longitude' u fejn din qiegheda 'Scale 1:2500' liema local notice u pjanta giet esebita mid-difensur tal-appellant. In oltre' rapprezentant ta' Transport Malta u cioe' minn Dottor Robert Vassallo fl-istadju tal-provi tal-appellant esebixxa l-istess 'Local notice to mariners no 027 of 2018' bi pjanta a fol 121 li tindika fejn hemm il-fairway, fejn huma l-partijiet imsejha 'Mooring Area for Commercial Vessels', u fejn anke gew prezentati mill-Avukat difensur tal-appellant ritratti minn google maps a fol 95 u 96, fejn ghalhekk xhieda setghu anke jixhdu direttament fuq dawn ir-ritratti, din il-Qorti tqis li dawn il-provi ai fini ta' livell ta' prova mistennija li tressaq il-Prosekuzzjoni ma kienux bizzejjed. Din il-Qorti tinnota ukoll li meta kien qieghed isir il-kontro-ezami tal-parte civile Joseph Muscat fis-seduta tad- 19 ta' Gunju, 2019 l-Avukat difensur tal-appellant staqsiet:

*'Issa, l-mooring area, tista' tgħidilna mill-blat kemm hi twila?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Mill-blat 'l barra? Ma nafx eżatt.*

<u>*L-Avukat Dottor Kathleen Calleja Grima*</u>*:*

*Ma tafx.*

*Ix-xhud:*

*Ma nafx eżatt.*

*L-Avukat Dottor Kathleen Calleja Grima:*

*Mela ma tistax tgħidilna l-fairway minn fejn tibda.*'

Il-Qorti ikkumentat '*Dottoressa, għax ma tlabtniex naħtar perit u jagħmel id-distanzi?* u l-Avukat difensur wiegbet '*Għandna l-pjanti hawn pero*' *x-xhud qal li kienu fuq il-fairway. issa jiena* -', Il-Qorti ikkumentat '*Iva imma tippreżenta pjanta jew dan bid-distanzi u mbagħad nqabblu d-distanzi.*' u L-Avukat difensur wiegbet li ghandhom, bil-Qorti tikkumenta '*Mela allura, mela dan bir-rutella jista*' *jkejjillek!*'

Dwar din il-Qorti taghmilha cara li ma kienx il-kompitu tad-difiza li titlob li jinhatar espert jew Perit sabiex jitkejjlu d-distanzi jew li ssir rikostruzzjoni ta' fejn sehh l-incident, izda kien jinkombu fuq il-Prosekuzzjoni li titlob li ssir tali hatra. L-appellant ma kellu bzonn jiprova xejn, kienet il-Prosekuzzjoni li kellha ggib il-provi kollha. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni irnexxiela tiprova li l-griehi sofferti minn Joseph Muscat kienu ta' natura gravi, ma lahqitx il-prova mehtiega sabiex tinstab htija u cioe' li dan sehh b'rizultat ta' nuqqas t'a hsieb, jew bi traksuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-appellant.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) (Spettur Daryl Borg) vs. John Zarb**'[30] fejn il-Qorti wara li qieset ir-rizultanzi tal-esperti marittimi, iddeciediet li:

'*Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il- grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati ta' dak li gie akkuzat bih lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u l- Qorti ghalhekk hija*

[30] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Lulju, 2016 (Numru: 888/2011)

*obbligata tillibera lill-imputat minn din l- imputazzjoni.*'

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielix tilhaq il-livell ta' provi mistenni minnha u ma tistax abbazi ta' assunzjonijiet u provi konfliggenti tikkonferma l-htija misjuba fil-konfront tal-appellant. Ghalhekk tqis li s-sentenza appellata ma hijiex '*safe and satisfactory*' fic-cirkostanzi. Din il-Qorti taghmilha cara li din is-sentenza bl-ebda mod ma tezonera lill-appellant minn proceduri Civili ghad-danni sofferti minn Joseph Muscat u dan stante li dawn il-proceduri huma separati u distinti minn proceduri Civili li setgha' kien hemm istitwiti jew li jistghu jigu istitwiti u dan anke in vista li l-livell ta' provi li ghandhom jitressqu fi proceduri Civili huma ta' livell hafna anqas u cioe' ta' bilanc ta' probabilitajiet.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza tilqa' limitatament l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Jonathan Grech hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u fejn ikkundannatu ghal piena ta' elf u mitejn ewro (€1200) u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

Naturalment din is-sentenza qed tinghata bla pregudizzju ghad-drittijiet civili spettanti lill-allegata vitma.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef